PARLAMENT EWROPEW

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI EWROPEA

# MANWAL KOMUNI

# GĦALL-PREŻENTAZZJONI U L-ABBOZZAR

# TA' ATTI SUĠĠETTI GĦALL-PROĊEDURA LEĠIŻLATTIVA ORDINARJA

Edizzjoni Ottubru 2023

KELMTEJN QABEL

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jistgħu jirreferu għall-Gwida Prattika Komuni (GPK), li qablu fuqha flimkien, meta jabbozzaw atti suġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja[1]. Madankollu, billi l-GPK tkopri l-atti legali kollha tal-Unjoni, hija għandha ambitu wiesgħa ħafna. Barra minn hekk, il-GPK fiha linji gwida legali bażiċi dwar l-abbozzar, imma ma tistabbilixix regoli dettaljati dwar l-abbozzar u ftit fiha formulazzjonijiet standard. Għalhekk tqies li huwa utli li l-GPK tiġi ssuplimentata b'dokument li jkun fih linji gwida rilevanti dwar il-preżentazzjoni u l-formulazzjoni standard għal atti suġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Dak huwa l-iskop ta' dan il-Manwal Komuni, li ġie abbozzat mis-servizzi legali u legali-lingwistiċi tat-tliet istituzzjonijiet. Il-Manwal Komuni jiffaċilita l-koperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja fl-ispirtu tad-Dikjarazzjoni Konġunta tat-13 ta' Ġunju 2007[2].

Il-Manwal Komuni ġie abbozzat mis-servizzi amministrattivi u għalhekk ma jorbotx fuq il-korpi politiċi li jieħdu sehem fil-proċess leġiżlattiv. L-għan waħdani tal-Manwal Komuni, b'mod partikolari fejn jipproponi formulazzjonijiet standard, huwa li jipprovdi lil min jabbozza b'"kaxxa tal-għodda" li fiha jista' jsib soluzzjonijiet għall-abbozzar f'każi xierqa.

Barra minn hekk, il-Manwal Komuni jiffoka fuq il-verżjoni aħħarija tal-atti leġiżlattivi, kif adottati fl-aħħar tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-formulazzjoni tal-verżjonijiet preċedenti ta' dawk it-testi, b'mod partikolari il-proposta tal-Kummissjoni, tista' tkun differenti b'għadd ta' modi, pereżempju għaliex bosta stadji tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja kienu għadhom ma humiex magħrufa.

Il-formulazzjoni użata f'atti awtonomi tal-istituzzjonijiet li ma jkunux adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja jistgħu jkunu differenti minn dawk proposti minn dan il-Manwal Komuni.

---

1 "Gwida Prattika Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għal persuni involuti fl-abbozzar ta' testi ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea".
Il-verżjoni aġġornata fl-2014 tinsab fl-Anness I.

2 Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2007 dwar Arranġamenti Prattiċi għall-Proċedura ta' Kodeċiżjoni (Artikolu 251 tat-Trattat KE) (ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5).

WERREJ


A. PARTI A — ATT MUDELL ... 1

B. PARTI B — STRUTTURA STANDARD TAT-TERMINI TA' PROMULGAZZJONI ... 9

C. PARTI C — FORMULAZZJONIJIET STANDARD ... 11

C.1. FORMULAZZJONIJIET RELATATI MA' ATTI DELEGATI ... 11

C.1.1. Premessa ... 11

C.1.2. Artikoli ... 12

C.1.2.1. Artikolu(i) li jiddelega(w) setgħat ... 12

C.1.2.2. Artikolu dwar l-eżerċizzju tad-delega ... 13

C.1.2.3. Artikolu supplimentari li għandu jiżdied fejn tapplika l-proċedura ta' urġenza ... 14

C.2. FORMULAZZJONIJIET RELATATI MA' ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI ... 15

C.2.1. Atti ta' implimentazzjoni li huma suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri ... 15

C.2.1.1. Premessi ... 15

C.2.1.1.1. Premessa li għandha dejjem tiġi inkluża fejn l-att legali bażiku jistipula setgħat ta' implimentazzjoni li huma suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri ... 15

C.2.1.1.2. Premessi li għandhom jiġu inklużi f'każijiet speċifiċi ... 16

C.2.1.2. Artikoli ... 16

C.2.2. Atti ta' implimentazzjoni li mhumiex suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri ... 19

C.3. FORMULAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-KODIFIKAZZJONI .. 21

C.3.1. Titolu ... 21

C.3.2. Premessi ... 22

C.3.2.1. L-ewwel premessa ... 22

C.3.2.2. L-aħħar premessa fil-każ ta' direttiva ta' kodifikazzjoni ... 22

C.3.3. Artikoli ..... 23
C.3.3.1. Artikolu li jħassar regolament jew deċiżjoni ..... 23
C.3.3.2. Artikolu li jħassar direttiva ..... 23
C.3.4. Annessi speċifiċi għal atti ta' kodifikazzjoni ..... 24
C.3.4.1. F'atti li jikkodifikaw regolamenti jew deċiżjonijiet ..... 24
C.3.4.2. F' atti li jikkodifikaw direttivi ..... 24
C.3.4.3. Fl-atti kollha ta' kodifikazzjoni ..... 25
C.4. FORMULAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAR-RIFORMULAZZJONIJIET ..... 26
C.4.1 Titolu ..... 26
C.4.2. Premessi standard u artikoli speċifiċi għal direttivi riformulati ..... 26
C.4.2.1 L-ewwel premessa ..... 26
C.4.2.2 Premessi tal-aħħar ..... 27
C.4.2.3 Artikoli li jiġu qabel l-aħħar artikolu dwar id-destinatarji ..... 28
C.4.3. Premessi standard u artikoli speċifiċi għal regolamenti u deċiżjonijiet riformulati ..... 31
C.4.3.1 L-ewwel premessa ..... 31
C.4.3.2 L-Artikolu li jiġi qabel l-artikolu tal-aħħar dwar id-dħul fis-seħħ ..... 32
C.4.4. Annessi ..... 32
C.4.4.1. F'direttiva riformulata ..... 32
C.4.4.2. F'regolament jew deċiżjoni riformulati li jkunu ġew emendati ..... 34
C.4.4.3. Fir-riformulazzjonijiet kollha ..... 34
C.5. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MAL-PRINĊIPJI TA' SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ ..... 35
C.5.1. Sussidjarjetà u Proporzjonalità ..... 35
C.5.2. Proporzjonalità ..... 36
C.5.3. Deroga mir-rekwiżit ta' stennija sal-iskadenza għal opinjoni motivata tal-parlamenti nazzjonali ..... 36

C.6. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MA' KONSULTAZZJONIJIET MHUX STIPULATI FIT-TRATTATI ...................................... 37

C.7. FORMULAZZJONIJIET LI JISTABBILIXXU DEFINIZZJONIJIET 37

C.8. FORMULAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL ATTI EMENDATORJI . 38

C.8.1. Formulazzjonijiet introduttorji ......................................... 38

C.8.1.1. Fejn ikun hemm għadd ta' emendi għal xi att .................... 38

C.8.1.2. Fejn ikun hemm għadd ta' emendi f'xi silta ........................ 39

Il-punti jiġu nnumerati permezz tan-numri Għarab fil-parentesi għall-ewwel livell, ittri żgħar fil-parentesi għat-tieni livell u numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tielet livell ........................ 39

C.8.2. Sostituzzjoni ............................................................ 39

C.8.3. Inseriment ............................................................... 40

C.8.3.1. Formulazzjonijiet ........................................................ 40

C.8.3.2. Numerazzjoni ............................................................ 41

C.8.4. Żieda ...................................................................... 41

C.8.4.1. Formulazzjonijiet ........................................................ 41

C.8.4.2. Numerazzjoni ............................................................ 42

C.8.5. Tħassir .................................................................... 42

C.8.5.1. Formulazzjonijiet ........................................................ 42

C.8.5.2. Numerazzjoni ............................................................ 43

C.8.6. Fejn ikun hemm emendi għal anness wieħed jew aktar ....... 43

C.8.6.1. Preżentazzjoni standard (emendi li jkunu f'anness) ........... 43

C.8.6.2. Regola speċjali dwar il-preżentazzjoni fil-każ ta' emenda sempliċi (permezz ta' emenda diretta fl-artikoli) ............... 45

C.8.7. Emendi li ma jkunux applikabbli għal xi lingwa partikolari ... 45

C.9. FORMULAZZJONIJIET GĦAL TĦASSIR U ESTENSJONIJIET .... 46

C.9.1. Tħassir .................................................................... 46

C.9.2. Estensjoni ................................................................ 46

C.10. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MAD-DĦUL FIS-SEĦĦ U L-APPLIKAZZJONI TUL IŻ-ŻMIEN ........................................ 46
C.10.1. Dħul fis-seħħ ................................................................ 46
C.10.2. Applikazzjoni tul iż-żmien ................................................ 47
C.11. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MA' APPLIKABBILTÀ DIRETTA U DESTINATARJI ........................................................... 48
C.11.1. Applikabbiltà diretta ta' regolamenti .................................. 48
C.11.2. Destinatarji ta' direttivi .................................................. 48
C.11.3. Destinatarji ta' deċiżjonijiet ............................................ 49
C.12. FORMULAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL ATTI TA' "SCHENGEN" U ATTI OĦRAJN LI JAQGĦU TAĦT IT-TIELET PARTI, TITOLU V TFUE ................................................................ 49
C.12.1. Atti ta' "Schengen" ........................................................ 49
C.12.1.1. L-Iżlanda u n-Norveġja – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni .... 49
C.12.1.2. L-Iżvizzera – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe artikolu tat-TFUE għajr għall-Artikoli 82 sa 89 (dik li qabel kienet t-Tieliet Parti, Titolu IV TKE) ....................... 50
C.12.1.3. L-Iżvizzera – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe mill-Artikoli 82 sa 89 TFUE (dak li qabel kien it-Titolu VI TUE) ............................................................... 51
C.12.1.4. Il-Liechtenstein – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe artikolu tat-TFUE għajr għall-Artikoli 82 sa 89 (dik li qabel kienet it-Tielet Parti, Titolu IV TKE) ....................... 52
C.12.1.5. Il-Liechtenstein – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe mill-Artikoli 82 sa 89 TFUE (dak li qabel kien it-Titolu VI TUE) ............................................................... 53
C.12.1.6. L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera – parteċipazzjoni fil-kumitati ............................................. 54
C.12.1.7. Id-Danimarka – nonparteċipazzjoni (bil-possibbiltà ta' parteċipazzjoni) ............................................................. 54

C.12.1.8. L-Irlanda – parteċipazzjoni ........................................ 54
C.12.1.9. L-Irlanda – nonparteċipazzjoni ........................................ 55
C.12.1.10. Stati Membri ġodda li għalihom l-*acquis* ta' Schengen ma jkunx għadu ħa effett sħiħ ........................................ 55
C.12.2. Atti oħra li jaqgħu taħt it-Tielet Parti, Titolu V TFUE (atti li ma jikkostitwixxux żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen) ................. 55
C.12.2.1. Id-Danimarka – premessa dwar pożizzjoni speċjali ............. 55
C.12.2.2. L-Irlanda – premessa dwar pożizzjoni speċjali: nonparteċipazzjoni ........................................ 56
C.12.2.3. L-Irlanda – premessa dwar pożizzjoni speċjali: parteċipazzjoni ........................................ 56
C.12.2.4. Atti li jissostitwixxu att eżistenti li jkun diġà jorbot lill-Irlanda (riformulazzjoni *de facto*) ........................................ 56
C.13. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MAT-TRASPOŻIZZJONI TA' DIRETTIVI ........................................ 57
C.13.1. Applikazzjoni minn kull Stat Membru fi żmien fiss jew sa skadenza fissa ........................................ 57
C.13.2. Applikazzjoni mill-istess data fl-Istati Membri kollha ........... 58
C.13.3. Adozzjoni, pubblikazzjoni u applikazzjoni minn kull Stat Membru fi żmien fiss jew sa skadenza fissa ....................... 58
C.13.4. Stati Membri li diġà jkollhom dispożizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-direttiva ........................................ 58
C.13.5. Dritt sempliċi li jittieħdu miżuri ........................................ 59
C.13.6. Relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva u l-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ........................................ 59
C.14. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MAL-PENALI/SANZJONIJIET FIL-LIVELL NAZZJONALI ........................................ 59
C.14.1. F'regolament ........................................ 59
C.14.2. F'direttiva ........................................ 59

D. PARTI D — REGOLI ADDIZZJONALI TAL-ABBOZZAR .......... 60
D.1. ABBOZZAR TAT-TITOLU SĦIĦ .......... 60
D.1.1. Ġenerali .......... 60
D.1.2. Il-qasam ikkonċernat .......... 60
D.1.3. Numerazzjoni .......... 60
D.1.4. Titolu .......... 61
D.1.4.1. Il-qosor .......... 61
D.1.4.2. Atti emendatorji jew atti li jħassru .......... 61
D.1.4.3. Kodifikazzjonijiet u riformulazzjonijiet .......... 62
D.1.4.4. Emenda għar-Regolamenti tal-Persunal .......... 63
D.2. ABBOZZAR TAL-KONSIDERAZZJONIJIET .......... 63
D.2.1. Ġenerali .......... 63
D.2.2. Konsiderazzjonijiet dwar il-bażi legali .......... 63
D.2.3. Konsiderazzjonijiet dwar l-abbozz tal-att ippreżentat lil-leġiżlatur .......... 63
D.2.4. Konsiderazzjoni dwar it-trażmissjoni lill-parlamenti nazzjonali .......... 64
D.2.5. Konsiderazzjonijiet dwar konsultazzjonijiet .......... 64
D.2.5.1. Konsultazzjonijiet li ma jirriżultawx f'opinjoni .......... 64
D.2.5.2. Fejn tingħata iktar minn opinjoni waħda .......... 64
D.2.5.3. Konsultazzjoni fakultattiva prevista fit-Trattati .......... 65
D.2.5.4. Konsultazzjoni mhux prevista fit-Trattati .......... 65
D.2.6. Konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva .......... 65
D.2.6.1. Adozzjoni fl-ewwel qari .......... 65
D.2.6.2. Adozzjoni fit-tieni qari .......... 66
D.2.6.3. Adozzjoni fit-tielet qari .......... 66

D.3. ABBOZZAR TAL-PREMESSI ..... 67
D.4. ABBOZZAR TAT-TERMINI TA' PROMULGAZZJONI ..... 67
D.4.1. Ġenerali ..... 67
D.4.2. Struttura standard ..... 67
D.4.3. Suddiviżjonijiet ..... 68
D.4.4. Listi ..... 69
D.4.4.1. Lista f'sentenza mingħajr kliem introduttorju ..... 69
D.4.4.2. Lista li ssegwi kliem introduttorju ..... 69
D.4.4.3. Listi fit-tabelli ..... 71
D.4.5. Intestaturi u Werrej ..... 71
D.5. ABBOZZAR TAL-ANNESSI ..... 71
D.5.1. Ġenerali ..... 71
D.5.2. Forma, stil u numerazzjoni ..... 71
D.5.3. Werrej ..... 73
D.6. REFERENZI INTERNI ..... 73
D.6.1. Ġenerali ..... 73
D.6.2. Referenzi ġenerali għall-att ..... 73
D.6.3. Referenzi għal konsiderazzjonijiet ..... 73
D.6.4. Referenzi għal premessi ..... 73
D.6.5. Referenzi għal parti mit-termini ta' promulgazzjoni ..... 73
D.6.5.1. Terminoloġija li għandha tiġi użata ..... 73
D.6.5.2. Struttura tar-referenza ..... 74
D.6.5.3. Referenzi multipli ..... 75
D.6.5.4. Espressjonijiet li għandhom jiġu evitati fir-referenzi ..... 76
D.6.6. Referenza għall-annessi ..... 77

D.7. REFERENZI ESTERNI ..................................................... 78
D.7.1. Ġenerali ............................................................. 78
D.7.2. Referenzi għall-atti ta' liġi primarja ................................. 78
D.7.2.1. Trattati ........................................................... 78
D.7.2.2. Protokolli ......................................................... 80
D.7.2.3. Atti ta' adeżjoni .................................................. 80
D.7.3. Referenzi għal atti legali oħra ........................................ 81
D.7.3.1. Identifikazzjoni tal-att li għalih issir referenza .................. 81
D.7.3.2. Identifikazzjoni tal-premessa li għaliha ssir referenza ............ 84
D.7.3.3. Identifikazjoni tal-parti tat-terminu ta' promulgazzjoni li għalih issir referenza ... 84
D.7.3.4. Identifikazzjoni tal-anness li għalih issir referenza ............... 84
D.7.4. Referenzi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-QEDB ... 85
D.7.5. Referenzi għal riżoluzzjonijiet u deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew ... 85
D.7.6. Referenzi għal riżoluzzjonijiet tal-Kunsill ............................ 85
D.7.7. Referenzi għal komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ...................... 85
D.7.8. Referenzi għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ........................ 86
D.7.9. Referenzi għal ftehimiet internazzjonali ............................... 87
D.7.10. Referenzi għal atti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ........... 88
D.7.11. Referenzi għal atti mhux vinkolanti ................................... 88
D.7.12. Referenzi għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ............... 88
D.8. REFERENZI DINAMIĊI U STATIĊI ............................................ 88
D.8.1. Referenzi dinamiċi ..................................................... 88
D.8.2. Referenzi statiċi ...................................................... 89

D.9. REFERENZI GĦAL ENTITAJIET .......... 90
D.9.1. Referenzi għall-Unjoni u għall-Komunità Euratom .......... 90
D.9.2. Referenzi għal istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni .......... 90
D.9.3. Referenzi għall-Istati Membri .......... 92
D.9.4. Referenzi għal pajjiżi terzi .......... 92
D.10. REFERENZI GĦAL DATI U LIMITI TA' ŻMIEN .......... 92
D.10.1. Ġenerali .......... 92
D.10.2. Atti emendatorji .......... 94
D.10.3. Bidu ta' perjodi .......... 95
D.10.4. Tmiem ta' perjodi .......... 95
D.10.5. Skadenzi (limiti ta' żmien) .......... 95
D.11. REFERENZI GĦAL LINGWI .......... 96
D.12. NOTI TA' QIEGĦ IL-PAĠNA U STRUZZJONIJIET LILL-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET .......... 96

ANNESS I Gwida Prattika Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni maħsuba għal persuni involuti fl-abbozzar ta' testi ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea

ANNESS II Struttura ġenerali ta' att suġġett għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja

## Immarkar użat f'dan il-Manwal

L-immarkar li ġej huwa użat f'dan il-Manwal sabiex jiffaċilita l-qari: il-font użat kullimkien huwa "Verdana" ħlief għal formulazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu f'atti leġiżlattivi, li huma bit-"Times New Roman".

Barra minn hekk, il-Manwal juża l-immarkar li ġej għal formulazzjonijiet standard:

| | |
|---|---|
| … | Formulazzjoni fakultattiva, mingħajr ma jingħata eżempju |
| [xxxx] | Formulazzjoni fakultattiva, bl-għoti ta' eżempju |
| [xxxx/xxxx] | Għażliet limitati mogħtija |
| [xxxx/xxxx/….] | Għażliet mogħtija iżda huma possibbli għażliet oħrajn |
| xxxxx(xx) | Għażliet speċifiċi għal xi lingwa, bħal maskil/femminil jew singular/plural |
| [xxxxxxxxxxx] | Spjegazzjonijiet (bil-Verdana) |

## A. PARTI A — ATT MUDELL

| Test tal-att | Kumment |
|---|---|
| **REGOLAMENT [(UE)/(UE, Euratom)] [2015]/[1] TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta' … [dwar …]** | A.1. Titolu ta' regolament<br>Regoli ġenerali applikabbli: ara l-punt 8 tal-Gwida Prattika Komuni (GPK) u l-punt D.1.<br>Regoli u formulazzjonijiet speċjali:<br>– atti emendatorji: ara l-punti 8.3, 18.9 u 18.10 GPK u l-punt D.1.4.2<br>– kodifikazzjonijiet: ara l-punt C.3.1<br>– riformulazzjonijiet: ara l-punt C.4.1 |
| **DIRETTIVA (UE)[2015]/[1] TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta'… [dwar …]** | A.2. Titolu ta' direttiva<br>Regoli ġenerali applikabbli: ara l-punt 8 GPK u l-punt D.1<br>Regoli u formulazzjonijiet speċjali:<br>– atti emendatorji: ara l-punti 8.3, 18.9 u 18.10 GPK u l-punt D.1.4.2<br>– kodifikazzjonijiet: ara l-punt C.3.1<br>– riformulazzjonijiet: ara l-punt C.4.1 |
| **DEĊIŻJONI (UE) [2015]/[1] TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta' … [dwar …]** | A.3. Titolu ta' deċiżjoni<br>Regoli ġenerali applikabbli: ara l-punt 8 GPK u l-punt D.1<br>Regoli u formulazzjonijiet speċjali:<br>– atti emendatorji: ara l-punti 8.3, 18.9 u 18.10 GPK u l-punt D.1.4.2<br>– kodifikazzjonijiet: ara l-punt C.3.1<br>– riformulazzjonijiet: ara l-punt C.4.1 |

| Test tal-att | Kumment |
|---|---|
| **(kodifikazzjoni)** | B. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-kodifikazzjonijiet kollha.<br>Ara l-punt C.3.1 |
| **(riformulazzjoni)** | C. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-riformulazzjonijiet kollha.<br>Ara l-punt C.4.1 |
| **(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)** | D. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn is-suġġett tal-att ikun irregolat mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. |
| IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA, | E. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-atti kollha. |
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu/i … tiegħu, | F. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-atti kollha.<br>Indika l-bażi legali tal-att fit-TFUE.<br>Regoli applikabbli: ara l-punti 9.1, 9.3, 9.4, 9.6, 9.8 u 9.13 GPK u l-punt D.2.2 |
| Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu/i … tiegħu, | G. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża biss fejn l-att ikollu bażi legali doppja, b'waħda mit-TFUE u l-oħra mit-Trattat Euratom.<br>Indika l-bażi legali tal-att fit-Trattat Euratom.<br>Regoli applikabbli: ara l-punti 9.1, 9.3, 9.4, 9.6, 9.8 u 9.13 GPK u l-punt D.2.2 |

| Test tal-att | Kumment |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, | H.1. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tkun inbdiet fuq proposta tal-Kummissjoni |
| Wara li kkunsidraw l-inizjattiva ta' … [ismijiet ta' Stati Membri], | H.2. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-proċedura leġisżattiva ordinarja tkun inbdiet fuq inizjattiva ta' kwart tal-Istati Membri (bażijiet legali possibbli: Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu V tal-Parti 3 TFUE, dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u kooperazzjoni tal-pulizija) |
| Wara li kkunsidraw it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, | H.3. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tkun inbdiet fuq talba mill-Qorti tal-Ġustizzja (bażijiet legali possibbli: Artikoli 257 u 281 TFUE, kif ukoll l-Istatut tal-Qorti) |
| Wara li kkunsidraw ir-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, | H.4. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tkun inbdiet fuq rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (bażi legali possibbli: Artikolu 129(3) TFUE) |
| Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali, | I. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-atti kollha (ukoll fejn l-att jikkonċerna qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni) |

| Test tal-att | Kumment |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea, | J. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-Kummissjoni tkun tat opinjoni skont l-Artikolu 294(15), it-tieni subparagrafu, TFUE.<br>Għan-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja din il-kunsiderazzjoni, ara l-punt 9.10 GPK.<br>Jekk il-konsultazzjoni ma tkunx wasslet għal opinjoni, il-formulazzjoni tal-konsiderazzjoni għandha tiġi adattata: ara l-punt D.2.5.1.<br>Għal regoli applikabbli oħrajn, ara l-punti D.2.5.2, D.2.5.3 u D.2.5.4. |
| Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, | K. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tat opinjoni, kif stipulat fil-bażi legali tal-att.<br>Għan-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja din il-konsiderazzjoni, ara l-punt 9.10 GPK.<br>Jekk il-konsultazzjoni ma tkunx wasslet għal opinjoni, il-formulazzjoni tal-konsiderazzjoni għandha tiġi adattata: ara l-punt D.2.5.1.<br>Għal regoli applikabbli oħrajn, ara l-puntiD.2.5.2, D.2.5.3 u D.2.5.4. |

| Test tal-att | Kumment |
| --- | --- |
| Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, | L. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-Bank Ċentrali Ewropew ikun ta opinjoni kif stipulat fil-bażi legali tal-att jew fl-Artikolu 127(4) TFUE.<br>Għan-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja din il-konsiderazzjoni, ara l-punt 9.10 GPK.<br>Jekk il-konsultazzjoni ma tkunx wasslet għal opinjoni, il-formulazzjoni tal-konsiderazzjoni għandha tiġi adattata: ara l-punt D.2.5.1<br>Għal regoli applikabbli oħrajn, ara l-punti D.2.5.2, D.2.5.3 u D.2.5.4. |
| Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri, | M. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-Qorti tal-Awdituri tkun tat opinjoni kif stipulat fil-bażi legali tal-att jew fl-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.<br>Għan-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja din il-konsiderazzjoni, ara l-punt 9.10 GPK.<br>Jekk il-konsultazzjoni ma tkunx wasslet għal opinjoni, il-formulazzjoni tal-konsiderazzjoni għandha tiġi adattata: ara l-punt D.2.5.1<br>Għal regoli applikabbli oħrajn, ara l-punti D.2.5.2, D.2.5.3 u D.2.5.4 |

| Test tal-att | Kumment |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, | N. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jkun ta opinjoni kif stipulat fil-bażi legali tal-att jew fl-Artikolu 304 TFUE.<br>Għan-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja din il-konsiderazzjoni, ara l-punt 9.10 GPK.<br>Jekk il-konsultazzjoni ma tkunx wasslet għal opinjoni, il-formulazzjoni tal-konsiderazzjoni għandha tiġi adattata: ara l-punt D.2.5.1<br>Għal regoli applikabbli oħrajn, ara l-punti D.2.5.2, D.2.5.3 u D.2.5.4. |
| Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, | O. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn il-Kumitat tar-Reġjuni jkun ta opinjoni kif stipulat fil-bażi legali tal-att jew fl-Artikolu 307 TFUE.<br>Għan-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja din il-konsiderazzjoni, ara l-punt 9.10 GPK.<br>Jekk il-konsultazzjoni ma tkunx wasslet għal opinjoni, il-formulazzjoni tal-konsiderazzjoni għandha tiġi adattata: ara l-punt D.2.5.1<br>Għal regoli applikabbli oħrajn, ara l-punti D.2.5.2, D.2.5.3 u D.2.5.4 |
| Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, | P.1. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn l-att ikun ġie adottat fl-ewwel jew fit-tieni qari.<br>Għan-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja din il-konsiderazzjoni, ara l-punti D.2.6.1 u D.2.6.2. |
| Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fi …, | P.2. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn l-att ikun ġie adottat fit-tielet qari.<br>Għan-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja din il-konsiderazzjoni, ara l-punt D.2.6.3. |

| Test tal-att | Kumment |
|---|---|
| Billi: | Q. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-atti kollha. |
| (1) … .<br><br>(2) … .<br>…<br>**(…) … ,** | R. L-atti kollha jkun fihom premessa waħda jew aktar.<br>Regoli ġenerali applikabbli għall-premessi: ara l-punti 10 u 11 GPK u l-punt D.3.<br>Regoli u formulazzjonijiet speċjali:<br>– atti delegati: ara l-punt C.1.1<br>– atti ta' implimentazzjoni: ara l-punti C.2.1.1 u C.2.2<br>– kodifikazzjonijiet: ara l-punt C.3.2<br>– riformulazzjonijiet: ara l-punti C.4.2.1 u C.4.2.2 f'dak li għandu x'jaqsam ma' direttivi u C.4.3.1 f'dak li għandu x'jaqsam ma' regolamenti u deċiżjonijiet<br>– proporzjonalità u sussidjarjetà: ara l-punt 10.15 GPK u l-punt C.5<br>– konsultazzjonijiet mhux stipulati fit-Trattati: ara l-punt C.6<br><br>– atti emendatorji: ara l-punti 18.11 u 18.12 GPK<br>– atti ta' "Schengen" u atti oħrajn li jaqgħu taħt il-Parti Tlieta, Titolu V TFUE: ara l-punt C.12. |
| ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT: | S.1. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-regolamenti kollha |
| ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA: | S.2. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-direttivi kollha |

| Test tal-att | Kumment |
|---|---|
| ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI: | S.3. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-deċiżjonijiet kollha |
| *Artikolu 1*<br>…<br>…<br>*Artikolu 2*<br>…<br>… | T. Jekk l-att ikun fih biss artikolu wieħed, dan jinbidel bil-kliem "*Artikolu uniku*".<br>L-artikoli jistgħu jinġabru flimkien f'partijiet, titoli, kapitoli jew taqsimiet jew jiġu suddiviżi f'paragrafi numerati, paragrafi mhux numerati, punti u inċiżi: ara l-punti 4.4, 4.5, 7.3 u 15.4 GPK u l-punt D.4.3.<br>Għall-istruttura standard tat-termini ta' promulgazzjoni, ara l-parti B.<br>Għar-regoli ġenerali applikabbli għat-termini ta' promulgazzjoni: ara l-punti 12 sa 15 GPK u l-punt D.4. |
| Magħmul fi …, … | U. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-atti kollha.<br>Ma timteliex sakemm ikunu għadhom mhux magħrufa l-post u d-data tal-firma mill-Presidenti tal-Parlament u tal-Kunsill. |
| *Għall-Parlament Ewropew Għall-Kunsill*<br>*Il-President Il-President* | V. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-atti kollha. |
| ANNESS … | W. Formulazzjoni li għandha tiġi inkluża fejn l-att ikun fih anness wieħed jew iżjed.<br>Regoli ġenerali applikabbli għall-annessi: ara l-punt 22 GPK u l-punt D.5.<br>Regoli u formulazzjonijiet speċjali:<br>– kodifikazzjonijiet: ara l-punt C.3.4<br>– riformulazzjonijiet: ara l-punt C.4.4<br>– atti emendatorji: ara l-punt C.9.6 |

## B. PARTI B — STRUTTURA STANDARD TAT-TERMINI TA' PROMULGAZZJONI

Sa fejn ikun possibbli, it-termini ta' promulgazzjoni għandu jkollhom struttura standard. Is-suġġetti koperti huma għalhekk normalment trattati fl-ordni muri fit-tabella li ġejja. Mhux l-elementi kollha elenkati fit-tabella jidhru f'kull att: għandhom jiġu inklużi biss jekk ikun xieraq fl-att ikkonċernat.

| Element | Kumment |
|---|---|
| 1. Suġġett | Is-"suġġett" huwa dak li l-att ikun jitratta.<br>Ara l-punt 13 GPK |
| 2. Kamp ta' applikazzjoni | Il-"kamp ta' applikazzjoni" jirreferi għall-kategoriji ta' sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi, u għall-persuni li għalihom, japplika l-att.<br>Ara l-punti 4.2.1 u 13 GPK. |
| 3. Definizzjonijiet | Ara r-regoli mniżżla fil-punti 6 u 14 GPK u l-formulazzjonijiet imniżżla fil-punt C.7 |
| 4. Drittijiet u obbligazzjonijiet | Id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' drittijiet u obbligazzjonijiet jikkostitwixxu l-parti tabilħaqq normativa tal-att, u l-forma tagħhom tiddependi fuq l-għan tal-att u l-grad ta' kumplessità tas-sistema stipulata.<br>Ara l-punt 15 GPK |
| 5. Atti delegati | Ara r-regoli u l-formulazzjonijiet imniżżla fil-punt C.1.2 |
| 6. Atti ta' implimentazzjoni | Ara r-regoli u l-formulazzjonijiet imniżżla fil-punt C.2.1.2 |
| 7. Regoli proċedurali | |
| 8. Penali/sanzjonijiet fuq livell nazzjonali | Ara l-formulazzjonijiet imniżżla fil-punt C.14 |
| 9. Rimedji li għandhom jiġu garantiti | |

| Element | Kumment |
| --- | --- |
| 10. Dispożizzjonijiet li jemendaw atti preċedenti | Ara r-regoli u l-formulazzjonijiet stipulati fil-punti 18 u 19 GPK, kif ukoll fil-punt C.8. |
| 11. Tħassir jew estensjoni ta' atti preċedenti | Ara:<br>• ir-regoli mniżżlin fil-punt 21 GPK,<br>• il-formulazzjonijiet imniżżla fil-punt C.9,<br>• il-formulazzjonijiet speċifiċi għall-kodifikazzjonijiet, stipulati fil-punt C.3.3,<br>• il-formulazzjonijiet speċifiċi għar-riformulazzjonijiet, imniżżla fil-punti C.4.2.3 u C.4.3.2.<br>Għall-ħtieġa li jingħataw ir-raġunijiet għat-tħassir, ara l-punt 10.6 GPK |
| 12. Dispożizzjonijiet tranżitorji | Ara l-punt 15.1 GPK |
| 13. Assistenza reċiproka u komunikazzjoni ta' tagħrif | |
| 14.Evalwazzjoni u reviżjoni ġejjiena tal-att | |
| 15. Traspożizzjoni | Ara:<br>• ir-regoli mniżżlin fil-punti 20.13 u 20.14 GPK<br>• il-formulazzjonijiet ġenerali mniżżla fil-punt C.13<br>• il-formulazzjonijiet speċifiċi għar-riformulazzjonijiet, imniżżla fil-punt C.4.2.3 |
| 16. Dħul fis-seħħ u applikazzjoni ta' att fiż-żmien | Ara:<br>• ir-regoli mniżżla fil-punti 20.1 sa 20.12 GPK,<br>• il-formulazzjonijiet ġenerali mniżżla fil-punt C.10<br>• il-formulazzjonijiet speċifiċi għar-riformulazzjonijiet ta' direttivi, imniżżla fil-punt C.4.2.3 |
| 17. Applikabiltà diretta jew destinatarji tal-att | Ara l-formulazzjonijiet imniżżla fil-punt C.11. |

# C. PARTI C — FORMULAZZJONIJIET STANDARD

## C.1. FORMULAZZJONIJIET RELATATI MA' ATTI DELEGATI[3]

### C.1.1. Premessa

"(...) "Sabiex … [għan], jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' … [kontenut u kamp ta' applikazzjoni]. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati."

______________

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj."

Meta l-att leġiżlattiv jistipula numru ta' delegi ta' setgħa, il-leġġibbiltà tal-ewwel sentenza tal-premessa tista' tittejjeb bl-użu ta' preżentazzjoni b'inċiżi, fejn kull inċiż jippreżenta l-kontenut u l-ambitu ta' kull delega. Fejn tiġi użata tali preżentazzjoni, l-aħħar żewġ sentenzi tal-premessa jidhru fit-tieni paragrafu.

______________

[3] Qafas legali:
- Artikolu 290 TFUE
-Ftehim Komuni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar Atti Delegati, anness mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).
Il-Punt 3 tal-Ftehim Komuni msemmi hawn fuq u l-punt 10.16 GPK jipprevedu l-użu, sa fejn huwa possibbli, ta' din il-formulazzjoni standard.

#### C.1.2. Artikoli

Id-dispożizzjonijiet meħtieġa għal delega ta' setgħa huma magħmulin minn żewġ elementi:

- id-delega nnifisha (ara l-punt C.1.2.1);
- id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita meta dik is-setgħa tiġi eżerċitata (ara l-punti C.1.2.2 u C.1.2.3).

Id-dispożizzjonijiet li jiddelegaw setgħat jistgħu jitqiegħdu viċin id-dispożizzjonijiet sostantivi rilevanti, fl-aħħar parti tas-suddiviżjoni superjuri rilevanti (parti, titolu, kapitolu jew taqsima), jew lejn l-aħħar tal-att. Fi kwalunkwe każ, għandha tingħata attenzjoni li ma tingħatax l-istess setgħa f'aktar minn post wieħed.

Id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura jitqiegħdu fl-aħħar tal-att.

##### C.1.2.1. Artikolu(i) li jiddelega(w) setgħat

"Il-Kummissjoni [għandha tadotta/għandha s-setgħa li tadotta] atti delegati skont l-Artikolu [A] dwar … [kontenut u kamp ta' applikazzjoni]."[4]

Paragrafu supplimentari li għandu jiżdied fejn tapplika l-proċedura ta' urġenza:

"Fejn, fil-każ ta' … [kontenut u kamp ta' applikazzjoni], ikun meħtieġ hekk għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-proċedura stipulata fl-Artikolu [B] għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan l-Artikolu."

[4] Jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn id-delegazzjonijiet tas-setgħa li jissupplimentaw l-att leġislattiv u d-delegazzjonijiet tas-setgħa li jemendawh; ara b'mod partikolari s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Marzu 2016, *Il-Parlament Ewropew* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, C-286/14, ECLI:EU:C:2016:183.

## C.1.2.2. Artikolu dwar l-eżerċizzju tad-delega

*"Artikolu [A]*
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. *[tul ta' żmien]*

*Għażla Nru 1:*

Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu/i … għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi].

*Għażla Nru 2:*

Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu(i) … għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' … snin minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' … snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

*Għażla Nru 3:*

Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu(i) … għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' … snin minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu/i … tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma’ tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu/i… għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."[5]

## C.1.2.3. Artikolu supplimentari li għandu jiżdied fejn tapplika l-proċedura ta' urġenza

*"Artikolu [B]*
*Proċedura ta' urġenza*

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu [A]([6]). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill."

5 Fejn diversi dispożizzjonijiet għandhom jissemmew bħala bażijiet legali fis-silta "6. Att delegat adottat skont l-Artikolu (i)... għandu jidħol fis-seħħ biss... ", min jabbozza għandu jagħżel b’attenzjoni l-mod kif jesprimi r-relazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet (eż.“... skont l-Artikoli 4 u 6”,“... skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 6”,“... skont l-Artikoli 4 u 5 jew l-Artikolu 6”). F’xi każijiet, it-tqegħid tas-suġġett "att delegat" fil-plural tista’ tkun soluzzjoni sempliċi u xierqa (eż. "6. L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 6 għandhom jidħlu fis-seħħ biss... ").

## C.2. FORMULAZZJONIJIET RELATATI MA' ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI[6]

### C.2.1. Atti ta' implimentazzjoni li huma suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri

Il-formulazzjonijiet li ġejjin huma maħsuba bħala gwida għall-abbozzar ta' dispożizzjonijiet dwar atti ta' implimentazzjoni li jiġu adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011, u, bħala tali, ma jorbtux. Il-partijiet differenti tal-formulazzjonijiet jistgħu jintużaw u jiġu kkumbinati fuq bażi ta' kull każ individwali.

#### C.2.1.1. Premessi

##### C.2.1.1.1. Premessa li għandha dejjem tiġi inkluża fejn l-att legali bażiku jistipula setgħat ta' implimentazzjoni li huma suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri[7]

"(...) [Il-leġiżlatur jista' jinkludi ġustifikazzjonijiet ulterjuri għall-ħtieġa ta' kondizzjonijiet uniformi fuq bażi ta' każ b'każ] Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni [[ta' dan ... [l-att legali bażiku]/ta' ... [id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-att legali bażiku]], jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

______________

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj)."

______________

6 Qafas legali:
- Artikolu 291 TFUE
- Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

7 F'ċerti każijiet, il-leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni li ma jkunux suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri; f'dawk il-każijiet, dan għandu jkun rifless fil-premessa (jew fi premessa separata), mingħajr referenza għar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ara l-punt C.2.2).

### C.2.1.1.2. Premessi li għandhom jiġu inklużi f'każijiet speċifiċi

A. Għażla ta' proċedura

> "(...) Jenħtieġ li l-proċedura [konsultattiva/ta' eżami] tintuża għall-adozzjoni ta' … [atti ta' implimentazzjoni rilevanti] [sabiex/billi dawk l-atti] … [ġustifikazzjoni tal-eċċezzjoni għall-Artikolu 2(2) jew (3) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 billi jitqiesu x-xorta jew l-impatt tal-att ta' implimentazzjoni]."

B. Atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih

> "(...) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih fejn, f'każijiet debitament ġustifikati marbuta ma' … [setgħat ta' implimentazzjoni kif deskritt fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-att legali bażiku], dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza."

### C.2.1.2. Artikoli

Id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni huma magħmulin minn żewġ elementi:

- l-għoti nnifsu ta' setgħat ta' implimentazzjoni;
- id-dettalji tal-proċedura li għandha tiġi segwita meta dik is-setgħa tiġi eżerċitata.

Id-dispożizzjonijiet li jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni jistgħu jitqiegħdu viċin id-dispożizzjonijiet sostantivi rilevanti, fl-aħħar parti tas-suddiviżjoni superjuri rilevanti (parti, titolu, kapitolu jew taqsima), jew lejn l-aħħar tal-att. Fi kwalunkwe każ, għandha tingħata attenzjoni li ma tingħatax l-istess setgħa f'aktar minn post wieħed.

Id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura jitqiegħdu fl-aħħar tal-att.

1. Artikolu X

A. Artikolu obbligatorju (Artikolu li jagħti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni[8])

*"Artikolu [X]*

... [deskrizzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura [konsultattiva/ta' eżami] msemmija fl-Artikolu [Y][(y)]."

B. Artikolu possibbli (li jistipula wkoll atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih)

*"Artikolu [X]*

... [deskrizzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura [konsultattiva/ta' eżami] msemmija fl-Artikolu [Y][(y)].

Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati [marbuta ma' …], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu [Y][(z)]."[9]

Fejn il-leġiżlatur jiddeċiedi li juża l-possibbiltà msemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 sabiex jistipula fl-att legali bażiku perjodu massimu ta' validità alternattiv tal-atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih, tista' tintuża l-għażla li ġejja għat-tieni paragrafu:

*"Artikolu [X]*

... [deskrizzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura [konsultattiva/ta' eżami] msemmija fl-Artikolu [Y][(y)].

Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati (marbuta ma' …), il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu [Y][(y)]. Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jeċċedix ..."

---

8 Tali dispożizzjoni għandha tiddaħħal għal kull setgħa ta' implimentazzjoni.

9 F'dan il-każ, dawk l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jeċċedix sitt xhur.

## 2. Artikolu Y

*"Artikolu [Y]*

*Proċedura ta' kumitat*

[Formulazzjoni li għandha tintuża fejn il-kumitat ikun diġà stabbilit taħt leġiżlazzjoni eżistenti:]

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn … [isem il-kumitat] stabbilit permezz ta' … [referenza għall-att legali li stabilixxa l-kumitat]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[Formulazzjoni li għandha tintuża fejn il-kumitat ikun wieħed ġdid:]

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[Fejn il-proċedura konsultattiva hija stipulata fl-att legali bażiku:]

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

   [Fejn il-leġiżlatur jiddeċiedi li juża l-possibbiltà msemmija fl-Artikolu 3(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, jista' jintuża, bħala għażla possibbli fost dawk li jistgħu jkunu koperti minn dik id-dispożizzjoni, dan li ġej:]

   Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tittermina mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat hekk jiddeċiedi jew [… [għadd ta' membri]/maġġoranza ta' … [maġġoranza li għandha tiġi speċifikata: sempliċi, ta' żewġ terzi, eċċ.]] membri tal-kumitat jitolbu li jsir hekk.

[Fejn il-proċedura ta' eżami hija stipulata fl-att legali bażiku:]

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[Fejn il-leġiżlatur jiddeċiedi li juża l-possibbiltà msemmija fl-Artikolu 3(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, jista' jintuża, bħala għażla possibbli fost dawk li jistgħu jkunu koperti minn dik id-dispożizzjoni, dan li ġej:]

Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tittermina mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat hekk jiddeċiedi jew [… [għadd ta' membri]/[maġġoranza ta' … [maġġoranza li għandha tiġi speċifikata: sempliċi, ta' żewġ terzi, eċċ.]] membri tal-kumitat jitolbu li jsir hekk .

[Fejn il-leġiżlatur jiddeċiedi li juża l-possibbiltà msemmija fl-Artikolu 5(4), it-tieni subparagrafu, punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 sabiex jistipula fl-att legali bażiku li m'għandux jiġi adottat abbozz ta' att ta' implimentazzjoni jekk ma tingħatax opinjoni, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:]

Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[Fejn il-proċedura ta' urġenza hija stipulata fl-att legali bażiku:]

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-[Artikolu 4/Artikolu 5] tiegħu."

### C.2.2. Atti ta' implimentazzjoni li mhumiex suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri

F'ċerti każijiet il-leġiżlatur jagħti, fl-att legali bażiku, setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni li ma jkunux suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri[10]; f'dawk il-każijiet, dan għandu jkun rifless fi premessa jew premessi speċifiċi, mingħajr ma ssir referenza għar-Regolament (UE) Nru 182/2011 fir-rigward ta' setgħat li ma jkunux suġġetti għal dak il-kontroll.

10 Pereżempju, atti ta' implimentazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kompetizzjoni fil-qasam tal-agrikoltura, akkwist pubbliku, eċċ.

Il-formulazzjonijiet li ġejjin huma maħsuba biex jintużaw flimkien ma' formulazzjonijiet dwar atti ta' implimentazzjoni li jkunu suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri.

PREMESSI

Premessi li għandhom ikunu inklużi:

(1) fejn l-**ebda waħda** mis-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fl-att legali bażiku **ma hi suġġetta** għal kontroll mill-Istati Membri:

"(...) [Il-leġiżlatur jista' jinkludi ġustifikazzjonijiet ulterjuri għall-ħtieġa ta' kondizzjonijiet uniformi fuq bażi ta' kull każ individwali] Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni [[ta' dan … [l-att legali bażiku]/ta' … [id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-att legali bażiku]], jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni."

(2) fejn **uħud** mis-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fl-att legali bażiku **mhumiex suġġetti** għal kontroll mill-Istati Membri filwaqt li setgħat ta' implimentazzjoni **oħrajn huma suġġetti** għal dak il-kontroll:

"(…) [Il-leġiżlatur jista' jinkludi ġustifikazzjonijiet ulterjuri għall-ħtieġa ta' kondizzjonijiet uniformi fuq bażi ta' kull każ individwali] Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni [[ta' dan … [l-att legali bażiku]/ta' ... [id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-att legali bażiku]], jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

(…) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni marbuta ma' … [id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-att legali bażiku li jagħti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni li jkunu suġġetti għal kontroll mill-Istati Membri] ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*

___________

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj)."

## C.3. FORMULAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-KODIFIKAZZJONI[11]

### C.3.1. Titolu

1. Il-fatt li att huwa kodifikazzjoni għandu jiġi indikat wara t-titolu tal-att[12].

   Eżempju:

   **"REGOLAMENT [(UE)/(UE, Euratom) [2015]/[1] TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
   **ta' …**
   **[dwar …]**
   **(kodifikazzjoni)"**

2. Fejn xieraq, it-titolu tal-att li jikkodifika jista' jiġi aġġornat.

   Eżempju:

   Direttiva tal-Kunsill 78/933/KEE tas-17 ta' Ottubru 1978 **fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri** relatati mal-installazzjoni ta' dwal u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija

   ġie kkodifikat bi:

   Direttiva 2009/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-installazzjoni ta' dwal u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija

---

11 Qafas legali: Ftehim Interistituzzjoni tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġiżlattivi (ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2).

12 Il-kelma "(kodifikazzjoni)" **mhix** parti mit-titolu.

## C.3.2. Premessi

### C.3.2.1. L-ewwel premessa

"(1) [Ir-Regolament/Direttiva/Deċiżjoni) … * ġie(t) emendat(a) [kemm-il darba]** b'mod sostanzjali. Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, jenħtieġ li dak ir-Regolament/Direttiva/Deċiżjoni) jiġi(tiġi) kkodifikat(a).

______________

* [Regolament/Direttiva/Deċiżjoni] … (ĠU L …).

** Ara [Parti A tal- ] l-Anness [N]."

*NB:* Jekk it-titolu tal-att li jkun qed jiġi kkodifikat ikun ġie emendat, in-nota ta' qiegħ il-paġna rilevanti għandha tkun kif ġej:

"* [Regolament/Direttiva/Deċiżjoni] … (ĠU L …). It-titolu oriġinali kien '[…]'. Ġie emendat bi [att emendatorju] (ĠU L …)."

### C.3.2.2. L-aħħar premessa fil-każ ta' direttiva ta' kodifikazzjoni

"(…) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u d-data/i ta' applikazzjoni] tad Direttivi mniżżla fil-Parti B tal-Anness [N],"

*NB:* Premessi standard oħrajn li jkunu diġà jidhru fl-att li se jkun ikkodifikat jew li normalment jiddaħħlu f'att ġdid għandhom, fejn ikun xieraq, ikunu inklużi fl-att ta' kodifika. Jista' jkun meħtieġ li jiġu adattati jew aġġornati.

### C.3.3. Artikoli

#### C.3.3.1. Artikolu li jħassar regolament jew deċiżjoni

*"Artikolu ...*

Ir-[Regolament/Deċiżjoni] … huwa(hija) mħassar(mħassra).

Ir-referenzi [għar-Regolament/għad-Deċiżjoni] imħassar/mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan [ir-Regolament/din id-Deċiżjoni] u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness [O]."

#### C.3.3.2. Artikolu li jħassar direttiva

*"Artikolu ...*

Id-Direttiva …, kif emendata bid-[Direttiv/i/atti] elenkati fil-Parti A tal-Anness [N], hija mħassra, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u d-data/i ta' applikazzjoni] tad-Direttivi mniżżla fil-Parti B tal-Anness [N].

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness [O].".

*NB:* Mhux possibbli li jiġu miżjuda artikoli standard ġodda f'atti ta' kodifika, iżda huwa possibbli li l-artikoli standard eżistenti jiġu aġġornati.

### C.3.4. Annessi speċifiċi għal atti ta' kodifikazzjoni

### C.3.4.1. F'atti li jikkodifikaw regolamenti jew deċiżjonijiet

"ANNESS [N]

[Regolament/Deċiżjoni] imħassar/imħassra

flimkien [ma' lista tal-emendi suċċessivi [tiegħu/tagħha]/mal-emenda [tiegħu/tagħha]]

| | |
|---|---|
| [Regolament/Deċiżjoni] [tal-Kunsill] … [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]<br>(ĠU L …) | |
| [Regolament/Deċiżjoni] [tal-Kunsill] … [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]<br>(ĠU L …) | [Biss …] |
| [Att ta' Adeżjoni …] | [Biss …]" |

### C.3.4.2. F' atti li jikkodifikaw direttivi

"ANNESS [N]

Parti A

Direttiva mħassra
flimkien [ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha/mal-emenda tagħha]
(imsemmija fl-Artikolu …)

| | |
|---|---|
| Direttiva [tal-Kunsill] … [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]<br>(ĠU L …) | |
| [Direttiva [tal-Kunsill] … [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]<br>(ĠU L …) | [Biss …] |
| [Att tal-Adeżjoni …] | [Biss …] |

Parti B

Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u d-data/i ta' applikazzjoni]

(imsemmija fl-Artikolu …)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | [Data ta' applikazzjoni] |
|---|---|---|
| | | ..." |

## C.3.4.3. Fl-atti kollha ta' kodifikazzjoni

"ANNESS [O]

Tabella ta' korrelazzjoni

| [Regolament/Deċiżjoni/Direttiva] … | Dan ir-[Regolament/Deċiżjoni/Direttiva] |
|---|---|
| Artikolu … [(…)] | Artikolu … [(…)] |
| Artikolu … [(…)] | Artikolu … [(…)] |
| … | |
| [Anness …] | [Anness …] |
| - | [Anness …] |
| - | [Anness …]" |

## C.4. FORMULAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAR-RIFORMULAZZJONIJIET[13]

### C.4.1 Titolu

Il-fatt li att huwa riformulazzjoni għandu jkun indikat wara t-titolu tal-att[14].

Eżempju:

**"REGOLAMENT [(UE)/(UE, Euratom) [2015]/[1] TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
**ta' […]**
**dwar […]**
**(riformulazzjoni)"**

### C.4.2. Premessi standard u artikoli speċifiċi għal direttivi riformulati

#### C.4.2.1 L-ewwel premessa

(a) Fejn id-direttiva li tkun qed tiġi riformulata tkun ġiet emendata:

"(1) Id-Direttiva [(UE)/(UE, Euratom)] [2015]/[1] …* ġiet emendata [kemm-il darba] b'mod sostanzjali**. Peress li għandhom isiru iżjed emendi, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

______________________

* Direttiva … (ĠU L …).

** Ara l-Parti A tal-Anness [N]."

______________________

[13] Qafas legali: Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta’ Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta’ kitba mill-ġdid tal-atti legali (ĠU C 177, 28.3.2002, p. 1).

[14] Il-kelma "(riformulazzjoni)" **mhix parti** mit-titolu.

(b) Fejn id-direttiva li tkun qed tiġi mfassla mill-ġdid ma tkunx ġiet emendata:

"(1) Għandhom isiru għadd ta' emendi għad-Direttiva [(UE)/(UE, Euratom)] [2015]/[1] …*. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata.

---

* Direttiva … (ĠU L …)."

## C.4.2.2 Premessi tal-aħħar

### Premessa ta' qabel tal-aħħar

"(…) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttiva/i ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttiva/i ta' qabel."

### L-aħħar premessa

"(…) Jenħtieġ li din id-Direttiva  tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limitu/i ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u d-data/i ta' applikazzjoni] tad Direttiva/i mniżżla fil-Parti B tal-Anness [N],"

### C.4.2.3 Artikoli li jiġu qabel l-aħħar artikolu dwar id-destinatarji

*"Artikolu [X]*[15]
*Traspożizzjoni*

Mudell A *(fejn ma jkunx meħtieġ li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jiġu applikati mill-istess data fl-Istati Membri kollha)*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw mal Artikolu/i … u l-Anness(i) …[16] sa … [jum /xahar/sena]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li fiha jingħad li kull meta fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti jkun hemm referenzi għad-Direttiva/i mħassra minn din id-Direttiva dawk għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

---

15 F'riformulazzjoni, dawn il-formulazzjonijiet jintużaw minflok il-formulazzjonijiet imnizzla fil-punt C.13. Il-formulazzjonijiet użati fil-proposta tal-Kummissjoni jistgħu jkunu differenti.

16 Irreferi għall-Artikoli u l-Annessi li nbidlu fis-sustanza tagħhom meta mqabbel mad-Direttiva/i mħassra.

Mudell B *(fejn ikun meħtieġ li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jiġu applikati mill-istess data fl-Istati Membri kollha)*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa … [jum/xahar/sena], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikolu/i … u l-Anness(i) …[17]. Huma għandhom jikkommunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

   Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn … [jum/xahar/sena].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li fiha jingħad li kull meta fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti jkun hemm referenzi għad-Direttiva/i mħassra minn din id-Direttiva dawk għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

---

[17] Irreferi għall-artikoli u l-annessi li ġew emendati fis-sustanza tagħhom meta mqabbla mad-Direttiva/i mħassra.

*Artikolu [Y]*
*Tħassir*

Id-Direttiva/i […] [, kif emendata/i mid-[Direttiva/i/atti/…] elenkati fil-Parti A tal-Anness [N], hi (huma) mħassra[18] b'effett minn …[19], mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u d-data/i ta' applikazzjoni] tad-Direttiva/i fil-Parti B tal-Anness [N].

[20]Ir-referenzi għad-Direttiva/i mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness [O].

*Artikolu [Z]*
*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum [wara dak tal-] pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu/i … u l-Anness(i) …[21] għandhom japplikaw minn …[22]."

---

[18] Daħħal il-kliem "għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva" fil-każ ta' riformulazzjoni, u emendar, ta' att eżistenti li jaqa' taħt il-Parti Tlieta, Titolu V TFUE u li jkun diġà jorbot fuq l-Irlanda (ara l-punt C.12.2 dwar l-inseriment ta' premessa speċifika għall-Irlanda).

[19] Jekk jintuża l-Mudell A tal-Artikolu [X], id-data tkun il-jum wara d-data li tinsab fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu [X](1).
Jekk jintuża l-Mudell B tal-Artikolu [X], id-data tkun dik li tinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu [X](1).

[20] Daħħal il-kliem "għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva" fil-każ ta' riformulazzjoni, u emendar, ta' att eżistenti li jaqa' taħt il-Parti Tlieta, Titolu V TFUE u li jkun diġà jorbot fuq l-Irlanda (ara l-punt C.12.2 dwar l-inseriment ta' premessa speċifika għall-Irlanda).

[21] Irreferi għall-artikoli u l-annessi li ma nbidlux meta mqabbla mad-Direttiva/i mħassra.

[22] Jekk jintuża l-Mudell A tal-Artikolu [X], id-data tkun il-jum wara d-data li tinsab fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu [X](1).
Jekk jintuża l-Mudell B tal-Artikolu [X], id-data tkun dik li tinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu [X](1).

### C.4.3. Premessi standard u artikoli speċifiċi għal regolamenti u deċiżjonijiet riformulati

### C.4.3.1 L-ewwel premessa

(a) Fejn ir-regolament jew id-deċiżjoni li jkunu qed jiġu mfasslin mill-ġdid ikunu ġew emendati:

"(1) [Ir-Regolament/Id-Deċiżjoni] [(UE)/(UE, Euratom)] [2015]/[1] …* ġie/ġiet emendat/a [kemm-il darba] b'mod sostanzjali**. Peress li għandhom isiru iżjed emendi, jenħtieġ li [dak ir-Regolament/dik id-Deċiżjoni] jiġi/tiġi riformulat(a) fl-interess taċ-ċarezza.

---

* [Regolament/Deċiżjoni] … (ĠU L …).

** Ara l-Anness [N]."

(b) Fejn ir-regolament jew id-deċiżjoni li jkunu qed jiġu riformulati ma jkunux ġew emendati:

"(1) Għandhom isiru għadd ta' emendi fir/d-[Regolament/Deċiżjoni] [(UE)/(UE, Euratom)] [2015]/[1] …*. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dak(dik) [ir-Regolament/id-Deċiżjoni] jiġi/tiġi riformulat(a).

---

* [Regolament/Deċiżjoni] … (ĠU L …). "

### C.4.3.2 L-Artikolu li jiġi qabel l-artikolu tal-aħħar dwar id-dħul fis-seħħ

*"Artikolu [Y]*
*Tħassir*

[Ir-Regolament(i)/Id-Deċiżjoni(jiet)] … [huwa/hija(huma)] mħassar/ra/rin.

Ir-referenzi [għar-Regolament(i)/għad-Deċiżjoni(jiet)] imħassar/mħassrin/mħassra/imħassrin għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan [ir-Regolament/din id-Deċiżjoni] u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness [O]."

## C.4.4. Annessi

### C.4.4.1. F'direttiva riformulata

(a) li tkun ġiet emendata

"ANNESS [N]

Parti A

Direttiva mħassra
flimkien ma' [lista tal-emendi suċċessivi tagħha/l-emenda tagħha]
(imsemmija fl-Artikolu [Y])

| | |
|---|---|
| Direttiva [tal-Kunsill] … [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill] (ĠU L …) | |
| Direttiva [tal-Kunsill] … [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill] (ĠU L …) | [Biss …] |
| [Att ta' Adeżjoni …] | [Biss …] |

Parti B

Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u d-data/i ta' applikazzjoni]

(imsemmija fl-Artikolu [Y])

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | [Data ta' applikazzjoni] |
|---|---|---|
| | | ..." |

(b) li ma tkunx ġiet emendata

"ANNESS [N]

Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u d-data/i ta' applikazzjoni]

(imsemmija fl-Artikolu [Y])

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | [Data ta' applikazzjoni] |
|---|---|---|
| | | ..." |

### C.4.4.2. F'regolament jew deċiżjoni riformulati li jkunu ġew emendati

"ANNESS [N]

[Regolament/Deċiżjoni] Imħassar/Imħasra
flimkien ma' [lista tal-emendi suċċessivi tiegħu/tagħha/l-emenda tiegħu/tagħha]

| | |
|---|---|
| [Regolament/Deċiżjoni] [tal-Kunsill] … [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]<br>(ĠU L …) | |
| [Regolament/Deċiżjoni] [tal-Kunsill] … [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]<br>(ĠU L …) | [Biss …] |
| [Att ta' Adeżjoni …] | [Biss …]" |

### C.4.4.3. Fir-riformulazzjonijiet kollha

"ANNESS [O]

Tabella ta' korrelazzjoni

| [Regolament/Deċiżjoni/Direttiva] … | Dan(Din) [ir-Regolament/id-Deċiżjoni/id-Direttiva] |
|---|---|
| Artikolu … [(…)] | Artikolu … [(…)] |
| Artikolu … [(…)] | Artikolu … [(…)] |
| … | |
| [Anness …] | [Anness …] |
| - | [Anness …] |
| - | [Anness …]". |

## C.5. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MAL-PRINĊIPJI TA' SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### C.5.1. Sussidjarjetà u Proporzjonalità

Premessa standard:

"(…) Minħabba li l-objettivi ta' dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] ... [fejn xieraq, semmi l-objettivi] ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri … [semmi r raġunijiet] iżda jistgħu pjuttost, minħabba … [semmi l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni], jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan (din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] ma j(t)murx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi."

Għandu jiġi enfasizzat li l-parti stabbilita ta’ din il-premessa standard essenzjalment tirriproduċi l-kliem tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TUE. Huwa meħtieġ li fil-premessa jiġu esposti, b’mod speċifiku, ir-raġunijiet li minħabba fihom l-objettivi tal-abbozz tal-att leġiżlattiv jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni[23]. Għalhekk il-partijiet varjabbli tal-premessa maħsuba biex jissemmew dawk ir-raġunijiet, għandhom jimtlew b’attenzjoni.

Huwa wkoll possibbli li dawk ir-raġunijiet jiġu ddikjarati fi premessi oħra. F’dak il-każ, jista’ jkun utli li tiddaħħal referenza għal dawk il-premessi l-oħra fil-premessa standard. (pereżempju: "Għar-raġunijiet imsemmija iktar ’il fuq, ...").[24]

---

[23] B'rabta mal-għoti ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet għall-konformità ta' att mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, ara wkoll, b’mod partikolari:
- il-prinċipji mniżżlin fil-punt 10.15 GPK;
- is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta’ Mejju 2016, *Il-Polonja vs Il-Parlament u l-Kunsill, C-358/14*, ECLI:EU:C:2016:323, paragrafi 111 sa 125, u l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali f’dak il-każ, ECLI:EU:C:2015:848, paragrafi 172 sa 188.

[24] F'każijiet fejn parlamenti nazzjonali jkunu taw opinjonijiet motivati li jirrappreżentaw għadd ta' voti daqs, jew ikbar mill-limiti stipulati fl-Artikolu 7(3) tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, huwa meħtieġ li jiddaħħlu premessi speċifiċi li jispjegaw id-deċiżjoni li tinżamm il-kunsiderazzjoni dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv.

### C.5.2. Proporzjonalità[25]

Premessa standard:

"(…) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-għan bażiku ... [speċifika l-għan ġenerali] li jiġu stabbiliti regoli dwar ... [irreferi għall-miżuri speċifiċi rregolati bl-att ikkonċernat]. Dan (Din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] ma j(t)murx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."

### C.5.3. Deroga mir-rekwiżit ta' stennija sal-iskadenza għal opinjoni motivata tal-parlamenti nazzjonali

Premessa standard:

"(…) Minħabba … [agħti r-raġunijiet għall-urġenza tal-kwistjoni], jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika."

Jistgħu jintużaw formulazzjonijiet oħrajn f'każijiet speċifiċi.

F'każijiet bħal dawn, il-kunsiderazzjoni standard dwar it-trażmissjoni tal-abbozz tal-att lill-parlamenti nazzjonali xorta għandha tiġi inkluża.

---

25 B'rabta mal-għoti ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet għall-proporzjonalità ta' att, ara wkoll il-prinċipji mniżżlin fil-punt 10.15 GPK.

## C.6. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MA' KONSULTAZZJONIJIET MHUX STIPULATI FIT-TRATTATI

Premessa standard:

"(...) [Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data/Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data/...] [ġie/ġew] kkonsultat/ikkonsultati skont [l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725/l-Artikolu 42(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/1725/...] u [ta/taw/...] l-opinjoni(jiet) [tiegħu/tagħhom/...] fi... [data tal-opinjoni(jiet)][*].

[___________

* [ĠU C .../...]]"

B'rabta ma' dan ara l-punt D.2.5.4

## C.7. FORMULAZZJONIJIET LI JISTABBILIXXU DEFINIZZJONIJIET

Ta' spiss id-definizzjonijiet jitniżżlu f'artikolu separat (ara l-punt 14 GPK), li normalment jiġi ppreżentat kif ġej:

*"Artikolu [3]*

*Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni], japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) '…' tfisser …; [definizzjoni statika]

(2) '…' tfisser … kif definit fl-[Artikolu 4(1), punt (43), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013]; [definizzjoni dinamika]

..."

Il-punti jiġu nnumerati b'numri Għarab fil-parentesi. Fejn ikun meħtieġ li jkun hemm iktar suddiviżjonijiet, jintużaw ittri żgħar fil-parentesi għat-tieni livell u numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tielet livell.

"Għall-finijiet ta' dan/din [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni], japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) ...

(a) ...

(i) ... "

Jistgħu jintużaw metodi oħrajn biex jiġu ppreżentati definizzjonijiet f'każijiet partikolari.

Xi kultant, xi definizzjonijiet ikunu applikabbli biss għal xi suddiviżjoni superjuri tal-att (parti, titolu, kapitolu jew taqsima). Dawk id-definizzjonijiet għandhom preferebbilment ikunu inklużi fl-artikolu tad-definizzjonijiet iżda jistgħu jidhru wkoll fil-bidu tas-suddiviżjoni rilevanti, kif ġej: "Għall-iskopijiet ta' din [it-taqsima], "…" tfisser ….". Ikun xi jkun il-metodu li jintuża, dawk id-definizzjonijiet jagħtu lok għal mistoqsijiet speċifiċi, b'mod partikolari jekk hux utli li tirrestrinġi definizzjoni għal suddiviżjoni partikolari jekk it-terminu definit ikun fil-fatt imsemmi biss f'dik is-suddiviżjoni, it-tifsira li għandha tingħata lit-terminu definit jekk dan jissemma wkoll f'suddivizjoni differenti, eċċ.

## C.8. FORMULAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL ATTI EMENDATORJI

### C.8.1. Formulazzjonijiet introduttorji

#### C.8.1.1. Fejn ikun hemm għadd ta' emendi għal xi att

"[Ir-Regolament/Id-Direttiva/Id-Deċiżjoni] … huwa(hija) emendat(a) kif ġej:

(1) fl-Artikolu [3][(1)], …;

(2) fl-Artikolu [4], …;

…"

### C.8.1.2. Fejn ikun hemm għadd ta' emendi f'xi silta

Il-punti jiġu nnumerati permezz tan-numri Għarab fil-parentesi għall-ewwel livell, ittri żgħar fil-parentesi għat-tieni livell u numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tielet livell.

"([1]) [L-Artikolu …/Il-paragrafu…/L-[ewwel] paragrafu/…] huwa emendat kif ġej:

(a) …

(i) …

Ara l-eżempju li juri kumbinazzjoni ta' għadd ta' emendi għal xi att jew f'xi silta, imniżżel fil-punt 18.1 GPK.

### C.8.2. Sostituzzjoni[26]

— "L-Artikolu [3] [tar-Regolament …] huwa sostitwit b'dan li ġej:

*'Artikolu [3]*

…'."

— "Fl-Artikolu [3] [tar-Regolament …], [il-paragrafu …/l-[ewwel] [sub]paragrafu/il-parti/il-formulazzjoni introduttorja …] huwa sostitwit/hija sostitwita b'dan li ġej:

'[1.] …'. "[27]

[26] Fejn it-test il-ġdid ikun jirreferi għal att ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali u jkun għadu ma ġiex ċitat fl-att li jkun qed jiġi emendat, ir-referenza tan-nota ta' qiegħ il-paġna issir permezz ta' asterisk * u l-indikazzjoni li ġejja titqiegħed **direttament taħt it-test il-ġdid**, qabel il-virgoletti tal-aħħar:
"... [test ġdid]* ...

* … (ĠU L …)."

[27] Meta l-ewwel subparagrafu ta' paragrafu numerat jiġi sostitwit, in-numru ta' dak il-paragrafu ma jiġix riprodott fit-test il-ġdid. Eżempju:
"Fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament..., l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
'Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa......'"

— "Fl-[Artikolu 3] [tar-Regolament …], [il-kelma(kliem)/it-terminu(termini)] '…' [hija sostitwita/huwa sostitwit/huwa sostitwit/huma sostitwiti] [bil-kelma/kliem/bit-terminu/termini] '…'.[28]

— "Fl-[Artikolu 3] [tar-Regolament …], id-data '…' hija sostitwita bid-data '…'.

## C.8.3. Inseriment

### C.8.3.1. Formulazzjonijiet

— "[Fir-Regolament …], jiddaħħal l-artikolu li ġej[29]:

*'Artikolu [10a]*

…'."

— "[Fil-Kapitolu VI tar-Regolament …] jiddaħħal l-artikolu li ġej[30]:

*'Artikolu [10a]*

…'."

— "[Fl-Artikolu 3] [tar-Regolament …], jiddaħħal l-inċiż li ġej [wara [t-tieni] inċiż/qabel l-ewwel inċiż]:[31]

'– …'."

— " [Fl-Artikolu 3] [tar-Regolament …], [it-terminu/termini/kelma/kliem] '…' [jiddaħħal/ jiddaħħlu/tiddaħħal/jiddaħħal] [wara [t-terminu/l-kelma] '…'/bejn [it-terminu/il-kelma] '…' u [t-terminu/l-kelma] '…']."[32]

---

28 Dwar l-iżvantaġġi marbuta mas-sostituzzjoni ta' kliem jew termini, ara l-punt 18.13.1 GPK.

29 Fil-każ ta' emendi kumplessi, referenza għan-numru tad-dispożizzjoni li għandha tiddaħħal jista' jiffaċilita l-qari tal-att ta' emenda u x-xogħol ta' konsolidazzjoni.

30 Din il-formulazzjoni għandha tintuża biss fejn huwa meħtieġ li jiġi speċifikat f'liema suddiviżjoni tat-test għandu jiddaħħal l-artikolu l-ġdid.

31 L-inseriment ta' inċiż jista jkollu impatt fuq referenzi interni jew esterni għall-inċiżi li jiġu wara. Dak l-inseriment għalhekk jeħtieġ li jingħata attenzjoni partikolari.

32 Dwar l-iżvantaġġi marbuta mas-sostituzzjoni ta' kliem jew termini, ara l-punt 18.13.1 GPK.

### C.8.3.2. Numerazzjoni

Fejn fit-termini ta' promulgazzjoni ta' xi att eżistenti jiddaħħlu artikoli, paragrafi numerati jew suddiviżjonijiet oħrajn li jkunu identifikati b'numru jew ittra, dawn jingħataw in-numru jew l-ittra tas-suddiviżjoni preċedenti tal-istess livell b'żieda tal-ittra "a", "b", "c", "d", eċċ (per eżempju "Artikolu 1a".[33] F'każijiet eċċezzjonali fejn artikoli, paragrafi numerati jew suddiviżjonijiet numerati oħrajn jiddaħħlu qabel suddiviżjoni tal-istess livell li tidher fl-ewwel post, dawn jissejħu "Artikolu **-1**", "Artikolu **-1a**", "paragrafu **-1**", "paragrafu **-1a**", "punt **-a**", "punt **-aa**", eċċ.[34]

Fejn jiddaħħlu artikoli, paragrafi numerati jew suddiviżjonijiet oħrajn li jkunu identifikati b'numru jew ittra, l-artikoli, il-paragrafi jew is-suddiviżjonijiet l-oħrajn li jiġu wara **m'għandhomx ikunu numerati mill-ġdid** għaliex jista' jkun li atti oħrajn diġà jirreferu għalihom (ara l-punt 18.2 GPK). Numerazzjoni mill-ġdid għandha ssir biss f'każ ta' kodifikazzjoni jew riformulazzjoni.

## C.8.4. Żieda

### C.8.4.1. Formulazzjonijiet

— "Fl-Artikolu [3] [tar-Regolament …], jiżdied il-paragrafu li ġej[35]:

'[4.] …'."

— "Fl-Artikolu [3] [tar-Regolament …], jiżdied il-paragrafu li ġej:

'…'."

[33] It-tieni ittra addizzjonali hija meħtieġa fejn l-istess metodu ta' numerazzjoni kien diġà ntuża għas-suddiviżjoni preċedenti tal-istess livell. Pereżempju, Artikolu ġdid imdaħħal bejn l-Artikolu 1a u l-Artikolu 1b jissejjaħ "Artikolu 1aa".

[34] Inserimenti aktar kumplessi jistgħu jsiru wkoll bl-użu tas-simbolu "-". Pereżempju, l-inseriment tal-Artikolu 1-a bejn l-Artikolu 1 u l-Artikolu 1a.

[35] Fil-każ ta' emendi kumplessi, referenza għan-numru tad-dispożizzjoni li għandha tiżdied jista' jiffaċilita l-qari tal-att ta' emenda u x-xogħol ta' konsolidazzjoni.

### C.8.4.2. Numerazzjoni

Fejn fit-termini ta' promulgazzjoni ta' xi att eżistenti jiddaħħlu artikoli, paragrafi numerati jew suddiviżjonijiet oħrajn li jkunu identifikati b'numru jew ittra, dawn jingħataw in-numru jew l-ittra għola minn dawk tas-suddiviżjoni preċedenti tal-istess livell li huma jsegwu.[36]

## C.8.5. Tħassir[37]

### C.8.5.1. Formulazzjonijiet

Sabiex sempliċement titħassar dispożizzjoni jew parti ta' dispożizzjoni, jistgħu jintużaw il-formulazzjonijiet li ġejjin:

— "[Fir-Regolament …,] l-Artikolu [3] huwa mħassar."

— "Fl-Artikolu [3] [tar-Regolament …], [il-paragrafu …/[l-ewwel] [sub]paragrafu/…] huwa mħassar."

— "Fl-Artikolu [3] [tar-Regolament …], [l-ewwel] sentenza hija mħassra."

— "Fl-Artikolu [3] [tar-Regolament …], [it-termini/il-kliem] '…' huma/huwa mħassra/mħassar."[38]

Bl-istess mod, sabiex titħassar suddiviżjoni superjuri (parti, titolu, kapitolu, taqsima) tista' tintuża, bi prinċipju, formulazzjoni bħal "[Fir-Regolament …,] il-Kapitolu [III] huwa mħassar.". Madankollu, f'ċerti ċirkustanzi, formulazzjoni bħal dik tista' tħalli f'dubju lill-qarrej dwar jekk hijiex titħassar is-suddiviżjoni superjuri bl-artikoli kollha li tinkludi, jew hijiex titħassar biss is-suddiviżjoni, mingħajr ma taffettwa l-kontenuti tagħha. F'dawk il-każijiet, tista' tintuża waħda mill-formulazzjonijiet li ġejjin sabiex ikun iċċarat l-għan tat-tħassir u sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali:

— "[il-Kapitolu] [III], li jinkludi Artikoli [12 sa 15], huwa mħassar."

— "[Il-Kapitolu] [III] huwa mħassar bħala suddiviżjoni u Artikoli [12 sa 15] li kienu fih issa jifformaw parti mill-[Kapitolu] [II]."

---

36 F'każijiet eċċezzjonali, jekk in-numru għola jkun qabel ingħata lil xi dispożizzjoni li sadanittant ġiet imħassra, is-suddiviżjonijiet miżjuda jingħataw in-numru jew l-ittra tas-suddiviżjoni preċedenti tal-istess livell, segwita, skont kif rilevanti, minn "a", "b", "c", "d", "e", eċċ. (ara l-punt 18.2 GPK).

37 B'rabta mal-ħtieġa li jingħataw raġunijiet għal tħassir fil-premessi, ara l-punt 10.6 GPK.

38 Dwar l-iżvantaġġi marbuta mat-tibdil ta' kliem jew termini, ara l-punt 18.13.1 GPK.

### C.8.5.2. Numerazzjoni

Fejn jitħassru artikoli, paragrafi numerati unitajiet bażiċi jew suddiviżjonijiet inferjuri oħrajn li jkunu identifikati b'numru jew ittra, jew suddiviżjonijiet superjuri għandha tingħata attenzjoni biex **tiġi evitata numerazzjoni mill-ġdid** tal-artikoli, tal-paragrafi, tal-unitajiet bażiċi jew tas-suddiviżjonijiet inferjuri oħrajn jew tas-suddiviżjonijiet superjuri li jsegwuhom għaliex jista' jkun li atti oħrajn ikunu diġà jirreferu għalihom (ara l-punt 18.2 GPK). In-numerazzjoni mill-ġdid issir biss waqt kodifikazzjoni jew riformulazzjoni.

## C.8.6. Fejn ikun hemm emendi għal anness wieħed jew aktar

### C.8.6.1. Preżentazzjoni standard (emendi li jkunu f'anness)

— Emendi speċifiċi għal anness

Formulazzjoni li għandha tiddaħħal fl-artikoli tal-att emendatorju:

"[L-Anness(i)/L-Anness …/Annessi ...] [għar-Regolament (UE) …] [huwa/huma] emendat(i) skont [l-Anness/l-Anness …] għal dan ir-Regolament."

Formulazzjoni li għandha tiddaħħal fl-anness għall-att emendatorju:

"ANNESS […]

[L-Anness(i)/L-Anness.../Annessi …] għar-[Regolament …] [huwa/huma] emendat(i) kif ġej:

(1) …."

— Sostituzzjoni ta' anness sħiħ:

Formulazzjoni li għandha tiddaħħal fl-artikoli tal-att emendatorju:

"[L-Anness/L-Anness…] [għar-Regolament …] huwa sostitwit bit-test [fl-Anness/fl-Anness...] għal dan [ir-Regolament]."

Formulazzjoni li għandha tiddaħħal fl-anness għall-att emendatorju:

"ANNESS [...]

'ANNESS […]

…'."

— Inseriment ta’ anness ġdid:

Formulazzjoni li għandha tidħol fl-artikoli tal-att emendatorju:

"[Fir-Regolament...,] it-test [fl-Anness/fl-Anness ...] għal dan [ir-Regolament] jiddaħħal bħala Anness ...."

Formulazzjoni li għandha tidħol fl-Anness għall-att emendatorju:

"ANNESS [...]

‘ANNESS …

…’."

Punt C.8.3.2 għandu jiġi applikat *mutatis mutandis* għan-numerazzjoni tal-anness il-ġdid u tal-annessi li ġejjin.

— Żieda ta’ anness ġdid:

Formulazzjoni li għandha tidħol fl-Artikoli tal-att emendatorju:

"[Ir-Regolament...] huwa emendat kif ġej:

[(...) [l-uniku Anness huwa nnumerat bħala Anness I;]

(...) it-test fl-[Anness/fl-Anness ...] għal dan ir-[Regolament] huwa miżjud bħala Anness ...;”

Formulazzjoni li għandha tidħol fl-Anness għall-att emendatorju:

"ANNESS [...]

'ANNESS …

…'."

Punt C.8.4.2 għandu jiġi applikat *mutatis mutandis* għan-numerazzjoni tal-anness il-ġdid.

### C.8.6.2. Regola speċjali dwar il-preżentazzjoni fil-każ ta' emenda sempliċi (permezz ta' emenda diretta fl-artikoli)

— "L-Anness … [għar-Regolament …] huwa emendat kif ġej:

'(1) …"

— "[Ir-Regolament …] huwa emendat kif ġej:

'(1) …'.

…

[(4)] [It-titolu tal-] Anness … huwa sostitwit b'dan li ġej:

'…'."

### C.8.7. Emendi li ma jkunux applikabbli għal xi lingwa partikolari

Xi kultant ċerti dispożizzjonijiet ta' att emendatorju ma jkunux applikabbli jew ma jkunux jagħmlu sens f'lingwa partikolari għaliex, fil-verżjoni lingwistika rilevanti, l-att li għandu jiġi emendat ikun diġà konformi mal-bidla magħmulha fil-lingwi l-oħrajn.

Għaldaqstant ikun xieraq li, f'dik il-verżjoni lingwistika, tinżamm in-numerazzjoni tad-dispożizzjoni ta' emenda li ma tkunx applikabbli jew ma tkunx tagħmel sens u jiddaħħal kumment li hija "*(ma tapplikax għal-lingwa* [*Maltija*]*)*".

## C.9. FORMULAZZJONIJIET GĦAL TĦASSIR U ESTENSJONIJIET

### C.9.1. Tħassir[39]

Tħassir li jieħu effett fid-data ta' dħul fis-seħħ tal-att li jħassar:

— "[ir-Regolament …] huwa mħassar."

Tħassir li jieħu effett f'data oħra:

— "[ir-Regolament …] huwa mħassar b'effett minn …"

### C.9.2. Estensjoni

— "[Fl-Artikolu …] [tar-Regolament …], id-data … hija sostitwita bid-data …"

## C.10. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MAD-DĦUL FIS-SEĦĦ U L-APPLIKAZZJONI TUL IŻ-ŻMIEN [40] [41] [42]

### C.10.1. Dħul fis-seħħ

– "[Dan ir-Regolament] għandu jidħol fis-seħħ fl-/fil-[għoxrin] jum [wara dak tal-pubblikazzjoni/mill-pubblikazzjoni] tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*[43]."

– "[Dan ir-Regolament] għandu jidħol fis-seħħ fi …"

---

[39] B'rabta mal-ħtieġa li jingħataw raġunijiet għal tħassir fil-premessi, ara l-punt 10.6 GPK.
Għal kodifikazzjonijiet, ara l-formulazzjoni speċifika imniżżla fil-punt C.3.3.
Għal tfassil mill-ġdid, ara l-formulazzjoni speċifika imniżżla fil-punti C.4.2.3 u C.4.3.2.
Ara wkoll, fir-rigward ta' referenzi għal dati u limiti ta' żmien, il-punt D.10.

[40] Għal riformulazzjoni ta' direttivi, are l-formulazzjoni speċifiċi imniżżla fil-punt C.4.2.3.

[41] It-termini "li jinkludi" u "inklussiv" huma superfluwi fil-formulazzjonijiet kollha imniżżla fil-punt C.10.

[42] L-applikazzjoni tal-att mid-destinatarji tiegħu tista' tiġi ffaċilitata jekkid-data tad-dħul fis-seħħ jew id-data tal-applikazzjoni tkun tikkorrispondi għall-ewwel jum ta' sena, ta' trimestru jew mill-inqas ta' xahar kalendarju.

[43] Fejn l-applikazzjoni tkun retroattiva, għandha tintuża l-formulazzjoni "għandu jidħol fis-seħħ **fil-jum** tal-pubblikazzjoni tiegħu ……".

## C.10.2. Applikazzjoni tul iż-żmien

Fejn il-perjodu ta' applikabbiltà ta' att jew ta' uħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu ma jkunx perjodu bla limitu li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ (applikazzjoni retroattiva[44], diferita jew limitata), għandha tintuża waħda mill-formulazzjonijiet li ġejjin fl-aħħar artikolu:

– "[Dan ir-Regolament] għandu japplika [minn …/sa …/minn … sa …/…]."

– "[L-Artikolu 3] għandu japplika [minn …/sa …/minn … sa …/…]."

– "[Dan ir-Regolament] għandu jidħol fis-seħħ fi [il-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*].

Għandu japplika minn …

Madankollu, [l-Artikolu 3] għandu japplika minn …"

– "[Dan ir-Regolament] għandu jiskadi fi …"

– "[L-Artikolu 3] għandu jieqaf japplika fi …"

Inkella, f'xi artikolu ieħor għajr l-aħħar artikolu, tista' tintuża xi formulazzjoni bħal din li ġejja:

– "… għall-perjodu … sa …"

– "… minn … sa …"

– "… [b'effett] minn …"

44 Ir-raġunijiet għal applikazzjoni retroattiva għandhom jingħataw fil-premessi, billi tingħata attenzjoni partikolari (punt 10.14 GPK).

## C.11. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MA' APPLIKABBILTÀ DIRETTA U DESTINATARJI

### C.11.1. Applikabbiltà diretta ta' regolamenti

Regolamenti li huma applikabbli għall-Istati Membri kollha u fl-Istati Membri kollha:

"Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha."

Regolamenti li huma applikabbli għal ċerti Stati Membri biss u f'dawk l-Istati Membri biss (pereżempju, Stati Membri li jipparteċipaw fl-euro):

"Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati."

Dawn il-paragrafi m'għandhomx jagħmlu parti mill-aħħar artikolu tar-regolament. Dawn jitqiegħdu bejn l-aħħar artikolu u l-kliem "Magħmul fi …".

### C.11.2. Destinatarji ta' direttivi

Fejn id-direttiva tkun indirizzata lill-Istati Membri kollha:

*"Artikolu ...*

*[Destinatarji]*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri."

Fejn id-direttiva tkun indirizzata lil ċerti Stati Membri biss (pereżempju, Stati Membri li jipparteċipaw fl-euro):

*"Artikolu ...*

*[Destinatarji]*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati."

### C.11.3. Destinatarji ta' deċiżjonijiet

Deċiżjonijiet adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja jiddikjaraw li huma indirizzati lill-Istati Membri kollha, lil ċerti Stati Membri, jew ma jispeċifikaw l-ebda destinatarju.

Fejn id-deċiżjoni tkun indirizzata lill-Istati Membri kollha:

*"Artikolu ...*

*[Destinatarji]*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri."

Fejn id-deċiżjoni tkun indirizzata lil ċerti Stati Membri biss (pereżempju, Stati Membri li jipparteċipaw fl-euro):

*"Artikolu ...*

*[Destinatarji]*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati."

## C.12. FORMULAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL ATTI TA' "SCHENGEN" U ATTI OĦRAJN LI JAQGĦU TAĦT IT-TIELET PARTI, TITOLU V TFUE

### C.12.1. Atti ta' "Schengen"

#### C.12.1.1. L-Iżlanda u n-Norveġja – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni

"(…) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] j(t)ikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen*, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt …, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE**.

---

* ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1999/439(1)/oj.

** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj)."

## C.12.1.2. L-Iżvizzera – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe artikolu tat-TFUE għajr għall-Artikoli 82 sa 89 (dik li qabel kienet t-Tieliet Parti, Titolu IV TKE)

"(…) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] j(t)ikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen* li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt …, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE** moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE***.[45]

---

* ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj).

*** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/146/oj)."

---

45 Anki wara li ngħaqdu flimkien dawk li qabel kienu l-Parti Tlieta, Titolu IV TKE u t-Titolu VI TUE, iż-żewġ deċiżjonijiet dwar l-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera jibqgħu applikabbli u ż-żewġ każijiet għandhom ikunu distinti. L-istess japplika għal-Liechtenstein.

## C.12.1.3. L-Iżvizzera – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe mill-Artikoli 82 sa 89 TFUE (dak li qabel kien it-Titolu VI TUE)

"(…) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] j(t)ikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen*, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt …, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE**, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI***.[46]

---

* ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj).

*** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f' isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/149/oj)."

---

46 Normalment ma tkunx meħtieġa referenza speċifika għad-Deċiżjoni 1999/437/KE billi diġà tinsab fi premessa dwar l-Iżlanda u n-Norveġja.

## C.12.1.4. Il-Liechtenstein – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe artikolu tat-TFUE għajr għall-Artikoli 82 sa 89 (dik li qabel kienet it-Tielet Parti, Titolu IV TKE)

"(…) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] j(t)ikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-adeżjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen*, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt …, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE** moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 20011/350/UE***.

________________

* ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj).

*** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/350/oj)."

### C.12.1.5. Il-Liechtenstein – parteċipazzjoni fl-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe mill-Artikoli 82 sa 89 TFUE (dak li qabel kien it-Titolu VI TUE)

"(…) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] j(t)ikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-adeżjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen*, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt …, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE**, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE***.[47]

---

* ĠU L 160, 18.6.2011, p. 3.

** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj).

*** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta’ Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen, relatat b’mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/349/oj)."

---

47 Normalment ma tkunx meħtieġa referenza speċifika għad-Deċiżjoni 1999/437/KE billi diġà tinsab fi premessa dwar l-Iżlanda u n-Norveġja.

### C.12.1.6. L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera – parteċipazzjoni fil-kumitati

"(…) L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera huma assoċjati max-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, skont l-arranġament tat-22 ta' Settembru 2011* bejn l-Unjoni Ewropea u dawk l-Istati Assoċjati.

---

* Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċiżżju tas-setgħat eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 103, 13.4.2012, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2012/193/oj)."

### C.12.1.7. Id-Danimarka – nonparteċipazzjoni (bil-possibbiltà ta' parteċipazzjoni)

"(…) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] u mhijiex marbuta bih(biha) jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu(tagħha). Ladarba dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] jibni(tibni) fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] jekk hijiex ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha[48]."

### C.12.1.8. L-Irlanda – parteċipazzjoni

"(…) L-Irlanda qed tieħu sehem f'dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni], f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE*.

---

* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/192/oj)."

---

48 Din il-premessa tiġi riveduta hekk kif id-Danimarka tippreżenta n-notifika tagħha skont l-Artikolu 8(1) tal-Protokoll Nru 22.

### C.12.1.9. L-Irlanda – nonparteċipazzjoni

"(…) Dan(Din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] j(t)ikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE*; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] u mhix marbuta bih(a) jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu (tagħha)[49].

---

* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/192/oj)."

### C.12.1.10. Stati Membri ġodda li għalihom l-*acquis* ta' Schengen ma jkunx għadu ħa effett sħiħ[50]

"(…) Dan(Din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] j(t)ikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li b'xi mod ieħor huwa relatat miegħu fis-sens [tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta’ Adeżjoni tal-2003, tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta’ Adeżjoni tal-2005 u tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta’ Adeżjoni tal-2011 / tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011 rispettivament]."

### C.12.2. Atti oħra li jaqgħu taħt it-Tielet Parti, Titolu V TFUE (atti li ma jikkostitwixxux żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen)

### C.12.2.1. Id-Danimarka – premessa dwar pożizzjoni speċjali

"(…) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan/din [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] u mhix marbuta bih(a) jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu (tagħha)."[51]

---

[49] Ma hija proposta l-ebda premessa standard għal każijiet koperti mis-sitwazzjoni deskritta fl-Artikolu 5(2) sa (5) tal-Protokoll Nru 19.

[50] Din il-premessa ma jkunx hemm iktar bżonnha malli l-Istati Membri kkonċernati jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-*acquis* ta' Schengen.

[51] Din il-premessa tiġi riveduta hekk kif id-Danimarka tippreżenta n-notifika tagħha skont l-Artikolu 8(1) tal-Protokoll Nru 22.

### C.12.2.2. L-Irlanda – premessa dwar pożizzjoni speċjali: nonparteċipazzjoni

"(...) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 [u l-Artikolu 4a(1)[52]] tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan/din [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni] u mhix marbuta bih/biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu/tagħha."

### C.12.2.3. L-Irlanda – premessa dwar pożizzjoni speċjali: parteċipazzjoni

"(...) F'konformità mal-Artikolu 3 [u l-Artikolu 4a(1)[53]] tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [, b'ittra ta' …,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan(din) [ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni]."

### C.12.2.4. Atti li jissostitwixxu att eżistenti li jkun diġà jorbot lill-Irlanda (riformulazzjoni *de facto*)

(a) Titolu

**"DIRETTIVA (UE) [2015]/[1]**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**dwar … u li jissostitwixxi [id-Deċiżjoni Qafas …/Direttiva …]"**

---

52 Formulazzjoni li għandha tiddaħħal fil-każ ta' att li jemenda, jissostitwixxi jew iħassar (billi jissostitwixxih, bħal fil-każ ta' riformulazzjoni) att eżistenti li jkun jorbot lir-Renju Unit jew l-Irlanda.

53 Formulazzjoni li għandha tiddaħħal fil-każ ta' att li jemenda, jissostitwixxi jew iħassar (billi jissostitwixxih, bħal fil-każ ta' riformulazzjoni) att eżistenti li jkun jorbot lill-Irlanda.

(b) Premessa speċifika (li tiddaħħal lejn l-aħħar tal-preambolu u qabel il-premessi dwar il-parteċipazzjoni jew in-nuqqas ta' parteċipazzjoni)

"(…) Din id-Direttiva għandha l-għan li temenda u twessa' d-dispożizzjonijiet tad-[Deċiżjoni Qafas …/Direttiva …]. Billi l-emendi li għandhom isiru huma ta' għadd u xorta sostanzjali, jenħtieġ li [id-Deċiżjoni Qafas … /id-Direttiva …] fl-interess taċ-ċarezza, tiġi sostitwita kompletament fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva."

(c) Artikolu finali dwar is-sostituzzjoni

*"Artikolu [X]*

*[Sostituzzjoni tad-[Deċiżjoni Qafas .../Direttiva ...]]*

[Id-Deċiżjoni Qafas …/Id-Direttiva …] hija b'dan sostitwita fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri fir-rigward tad-data għat-traspożizzjoni ta' dik id-[Deċiżjoni Qafas/Direttiva] fil-liġi nazzjonali.

Fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, referenzi għad-[Deċiżjoni Qafas …/Direttiva …] għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva."

## C.13. FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MAT-TRASPOŻIZZJONI TA' DIRETTIVI[54]

Il-formulazzjonijiet li ġejjin ikopru l-aktar każijiet frekwenti. Il-formulazzjoni li għandha tintuża biex tipprovdi għat-traspożizzjoni ta' direttiva tista' tvarja skont il-karatteristiċi speċifiċi tad-direttiva kkonċernata.[55]

### C.13.1. Applikazzjoni minn kull Stat Membru fi żmien fiss jew sa skadenza fissa

*"Artikolu ...*

1. L-Istati Membri għandhom [idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa/jieħdu l-miżuri meħtieġa] sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva [sa … /b'effett minn …/fi żmien … mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha). Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

---

54 Għal riformulazzjonijiet, ara l-formulazzjonijiet speċifiċi għat-traspożizzjoni imniżżlin fil-punt C.4.2.3.

55 Il-kliem użat fil-proposta tal-Kummissjoni jista' wkoll ikun xi ftit differenti.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet [ewlenin] tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. [Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan.]"

## C.13.2. Applikazzjoni mill-istess data fl-Istati Membri kollha

"*Artikolu ...*

1. Sa …, l-Istati Membri [, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni,] għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

   Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-….

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Malli din id-Direttiva tkun daħlet fis-seħħ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni tkun mgħarrfa, fi żmien suffiċjenti sabiex din tkun tista' tippreżenta l-kummenti tagħha, bi kwalunkwe abbozz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jkollhom l-intenzjoni li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva."

## C.13.3. Adozzjoni, pubblikazzjoni u applikazzjoni minn kull Stat Membru fi żmien fiss jew sa skadenza fissa

"*Artikolu ...*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa … il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel …. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri."

## C.13.4. Stati Membri li diġà jkollhom dispożizzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-direttiva

"L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva."

### C.13.5. Dritt sempliċi li jittieħdu miżuri

"L-Istati Membru għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skont din id-Direttiva."

### C.13.6. Relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva u l-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni

Xi kultant id-direttivi jirreferu għall-ħtieġa li tiġi indikata f'dokument ta' spjegazzjoni r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni adottati fl-Istati Membri differenti. Dik ir-referenza ssir fi premessa:

”(…) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni*, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dokumenti ta' dak it-tip hija ġustifikata.

---

* ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14."

## C.14 FORMULAZZJONIJIET MARBUTA MAL-PENALI/SANZJONIJIET FIL-LIVELL NAZZJONALI

### C.14.1. F'regolament

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar [penali/sanzjonijiet] applikabbli għal ksur ta’ dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. [Il-penali/Is-sanzjonijiet] previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, [sa …/mingħajr dewmien], jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha [, mingħajr dewmien,] bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom."

### C.14.2. F'direttiva

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar [penali/sanzjonijiet] applikabbli għal ksur ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. [Il-penali/Is-sanzjonijiet] previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, [sa …/mingħajr dewmien], jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha [, mingħajr dewmien,] bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom."

# D. PARTI D — REGOLI ADDIZZJONALI TAL-ABBOZZAR

## D.1. ABBOZZAR TAT-TITOLU SĦIĦ

### D.1.1. Ġenerali

Ara l-punt 8 tal-GPK.

### D.1.2. Il-qasam ikkonċernat

Fit-titolu sħiħ tal-atti taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-qasam huwa normalment indikat b'"(UE)".

Kultant l-att ikollu bażi legali doppja, waħda fit-TFUE u l-oħra fit-Trattat tal-Euratom. F'dawk il-każijiet, it-titolu sħiħ ikun fih il-kliem "(UE, Euratom).".

### D.1.3. Numerazzjoni

Meta jitħejja att adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-pubblikazzjoni, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet idaħħal numru fit-titolu sħiħ tal-att wara r-referenza għall-qasam ikkonċernat. Mill-1 ta' Jannar 2015, dak in-numru jinkludi s-sena ta' pubblikazzjoni, segwit minn numru sekwenzjali (pereżempju, "2015/1").[56]

[56] Għal aktar informazzjoni, ara n-nota uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, "L-armonizzazzjoni tan-Numerazzjoni tal-Atti Legali tal-UE".

### D.1.4. Titolu

#### D.1.4.1. Il-qosor

Il-GPK (punt 8) tipprovdi, b'mod partikolari, li t-titolu għandu jkun qasir u preċiż kemm jista' jkun. Dan l-għan jista' jinkiseb, *inter alia*, billi:

— jitqassar it-titolu ta' att ieħor li se jiġi ċċitat, kif previst fil-punt 16.10.1 tal-GPK[57], u

— jintużaw forom qosra (pereżempju, "Unjoni" flok "Unjoni Ewropea", "Stati Membri" flok "Stati Membri tal-Unjoni Ewropea" u "TFUE" flok "Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea") u, eċċezzjonalment, billi jintużaw abbrevjazzjonijiet u akronomi komuni (pereżampju, "AKP", "OECD", "Europol").

#### D.1.4.2. Atti emendatorji jew atti li jħassru

Ara punti 8.3, 18.9, 18.10 u 19.3 tal-GPK. Għalhekk se jiġi nnotat li, jekk l-għan ta' att huwa li jemenda att ieħor, dan irid ikun fih fit-titolu tiegħu l-kliem "emendatorju/a" (kliem bħal "j/tissostitwixxi..." m'għandux jintuża, billi jesprimi biss forma waħda tal-operat legali tal-emenda ta' att).

L-ordni li fih atti emendati huma ċċitati fit-titolu tal-att emendatorju jqis il-kriterji li ġejjin:

1. awtur: atti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huma ċċitati qabel atti tal-Kunsill; atti tal-Kunsill huma ċċittati qabel atti tal-Kummissjoni;

---

[57] Dak il-punt fil-GPK jagħti diversi eżempji ta' kliem li jagħmel it-titolu kkumplikat iżżejjed u għandu għalhekk jitħalla barra. Eżempju ulterjuri huwa r-ripetizzjoni bla bżonn ta' elementi diġà msemmija fit-titolu. B'hekk, fl-aħħar tat-titolu li ġej, it-titolu tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 mhuwiex ripetut anke jekk jifforma parti mit-titolu sħiħ tar-Regolament (KEE) Nru 574/72: "Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97 tat-2 ta' Diċembru 1996 li jemenda u jaġġorna r-Regolament (KEE) Nru **1408/71** dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru **1408/71**".

2. data tal-att: għadd ta' atti adottati mill-istess awtur jew awturi huma ċċitati f'ordni kronoloġiku;

3. tip ta' att: fejn għadd ta' atti li ġew adottati mill-istess awtur jew awturi fl-istess data jiġu emendati, jissemmew l-ewwel ir-regolamenti, warajhom id-direttivi u mbagħad id-deċiżjonijiet;

4. numru sekwenzjali: għadd ta' atti tal-istess tip adottati mill-istess awtur jew awturi fl-istess data huma ċċitati fl-ordni tan-numri sekwenzjali mogħtija lilhom mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet meta ġew pubblikati.

Att li jħassar att ieħor għandu jinkludi fit-titolu tiegħu l-kliem "li jħassar", ħlief meta l-att li jħassar ikun kodifikazzjoni (ara l-punt C.3.1 ) jew riformulazzjoni (ara l-punt C.4.1).[58] Ir-regoli speċifiċi applikabbli għat-titoli tal-atti emendatorji japplikaw *mutatis mutandis* għat-titoli li jirrigwardaw atti li jħassru.

It-titolu ta' att li jemenda u li jħassar atti oħra għandu jirreferi għall-emendi l-ewwel u qabel kollox, u sussegwentement għat-tħassir.

Meta att jemenda jew iħassar għadd kbir ħafna ta' atti oħra, huwa eċċezzjonalment permess li ma jissemmewx kollha u li tiġi użata formulazzjoni oħra biex it-test jibqa' leġġibbli.[59]

### D.1.4.3. Kodifikazzjonijiet u riformulazzjonijiet

Japplikaw regoli speċjali għat-titoli ta' atti ta' kodifikazzjoni (ara punt C.3.1) u għal riformulazzjonijiet (ara punt C.4.1).

---

58 Ir-regoli applikati fil-proposta tal-Kummissjoni jistgħu jkunu xi ftit differenti.

59 Pereżempju, "Ir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 li jadatta numru ta' strumenti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tal-proċedura regolatorja bi skrutinju – Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju – L-Ewwel Parti ".

#### D.1.4.4. Emenda għar-Regolamenti tal-Persunal

Fir-regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti tal-Persunal, is-suġġett huwa msemmi b'mod dirett, mingħajr ma jissemma r-Regolament li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal (billi d-dispożizzjonijiet bażiċi tar-Regolementi tal-Persunal jinsabu f'diversi atti):

**"REGOLAMENT (UE, Euratom) [2015]/[1]**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea [u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea]] [fir-rigward ta' …]"**

mhux

**"REGOLAMENT (UE, Euratom) [2015]/[1]**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [fir-rigward ta'…]"**.

## D.2. ABBOZZAR TAL-KONSIDERAZZJONIJIET

### D.2.1. Ġenerali

Ara punt 9 tal-GPK.

### D.2.2. Konsiderazzjonijiet dwar il-bażi legali

Ara Parti A, kaxxi F u G.

### D.2.3. Konsiderazzjonijiet dwar l-abbozz tal-att ippreżentat lil-leġiżlatur

Ara Parti A, kaxxi H1 sa H4.

D.2.4. Konsiderazzjoni dwar it-trażmissjoni lill-parlamenti nazzjonali

Ara Parti A, kaxxa I.

D.2.5. Konsiderazzjonijiet dwar konsultazzjonijiet

Ara Parti A, kaxxi J sa 0.

D.2.5.1. Konsultazzjonijiet li ma jirriżultawx f'opinjoni

Fejn it-Trattati jeħtieġu li istituzzjoni jew korp jiġu kkonsultati, iżda dik il-konsultazzjoni ma tirriżultax f'opinjoni, il-konsiderazzjoni dwar il-konsultazzjoni, li normalment taqra "Wara li kkunsidra/w l-opinjoni ta' … [isem tal-istituzzjoni jew korp]", hija sostitwita b'konsiderazzjoni li taqra "Wara li kkonsulta/ … [isem tal-istituzzjoni jew korp],". F'dawk il-każijiet, il-konsiderazzjoni tidher mingħajr referenza ta' nota ta' qiegħ il-paġna jew informazzjoni oħra.

D.2.5.2. Fejn tingħata iktar minn opinjoni waħda

Xi drabi istituzzjoni jew korp jiġu kkonsultati u jagħtu iktar minn opinjoni waħda. F'dawk il-każijiet, dawk l-opinjonijiet kollha għandhom jissemmew, flimkien mad-dettalji tal-pubblikazzjoni, jekk ikunu disponibbli.

Pereżempju, jekk il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta żewġ opinjonijiet u jkunu ġew ippubblikati, il-konsiderazzjoni u n-nota ta' qiegħ il-paġna jaqraw kif ġej:

"Wara li kkunsidra/w l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[*],

---

[*] ĠU … u ĠU …."

Jekk l-ewwel opinjoni tal-Kumitat biss tkun ġiet ippubblikata, il-konsiderazzjoni u n-nota ta' qiegħ il-paġna jaqraw kif ġej:

"Wara li kkunsidra/w l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*,

---

* L-opinjoni ta' [17 ta' Marzu 2010] (ĠU…) u l-opinjoni ta' [8 ta' Settembru 2011] (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)."

### D.2.5.3. Konsultazzjoni fakultattiva prevista fit-Trattati

Il-konsiderazzjoni "Wara li kkunsidraw l-opinjoni ta '... [isem tal-istituzzjoni jew il-korp]" għandha tiddaħħal ukoll fejn tingħata opinjoni wara konsultazzjoni fakultattiva jew wara inizjattiva skont it-Trattati (pereżempju skont l-Artikolu 304, l-ewwel paragrafu, it-tieni u t-tielet sentenzi, TFUE). Fejn il-konsultazzjoni tal-Parlament, tal-Kunsill, jew tat-tnejn, hija fakultattiva u ma tirriżultax fl-għoti ta' opinjoni, dik il-konsiderazzjoni tiġi sostitwita minn konsiderazzjoni li taqra "Wara li kkonsulta/ … [isem tal-istituzzjoni jew korp]," mingħajr referenza f'nota ta' qiegħ il-paġna jew kwalunkwe informazzjoni oħra. Fejn il-konsultazzjoni tal-Kummissjoni hija fakultattiva u ma tirriżultax fl-għoti ta' opinjoni, l-ebda konsiderazzjoni ma tirreferi għal dak il-pass proċedurali.

### D.2.5.4. Konsultazzjoni mhux prevista fit-Trattati

Opinjonijiet mhux previsti fit-Trattati (pereżempju, l-opinjonijiet mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jew ta’ korpi tekniċi) mhumiex imsemmija fil-konsiderazzjonijiet. Dawk normalment jissemmew lejn l-aħħar tal-premessi, bl-użu tal-kliem stipulat fil-punt C.6.

## D.2.6. Konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva

### D.2.6.1. Adozzjoni fl-ewwel qari

Il-konsiderazzjoni u n-nota ta' qiegħ il-paġna jaqraw kif ġej:

"Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,*

---

* Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta '… [(ĠU …) / (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' …. "

## D.2.6.2. Adozzjoni fit-tieni qari

### Il-konsiderazzjoni u n-nota ta' qiegħ il-paġna jaqraw kif ġej:

"Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,*

---

* Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta '… [(ĠU …) / (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ta' … [(ĠU …) / (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)]. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta '… [(ĠU …) / (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] [u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' …[60]]."

## D.2.6.3. Adozzjoni fit-tielet qari

### Il-konsiderazzjoni u n-nota ta' qiegħ il-paġna jaqraw kif ġej:

"Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, [fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fi …,]*

---

* Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta '… [(ĠU …)/(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)], il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ta' … [(ĠU …) (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)]. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta '… [(ĠU …)/(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)]. Ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta '… [(ĠU …)/(għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' …. "

---

60 Jiddaħħal il-kliem "u deċiżjoni tal-Kunsill ta '…" meta l-Kunsill ikun adotta l-emendi kollha tal-Parlament fit-tieni qari. Il-kliem ma jiddaħħalx (għaliex m'għandu l-ebda skop) fejn il-Parlament approva, fit-tieni qari, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

## D.3. ABBOZZAR TAL-PREMESSI

Regoli ġenerali applikabbli għall-premessi: ara l-punti 10 u 11 GPK u Parti A, ċellula R.

Regoli u frażijiet speċjali:

- atti delegati: ara l-punt C.1.1;
- atti ta' implimentazzjoni: ara l-punti C.2.1.1 u C.2.2;
- kodifikazzjoni: ara l-punt C.3.2;
- riformulazzjoni: ara l-punti C.4.2.1 u C.4.2.2 għad-direttivi u C.4.3.1 għar-regolamenti u deċiżjonijiet;
- proporzjonalità u sussidjarjetà: ara l-punt 10.15 GPK u l-punt C.5;
- konsultazzjonijiet li mhumiex previsti mit-Trattati: ara l-punt C.6;
- atti emendatorji: ara l-punti 18.11 u 18.12 GPK;
- Atti ta' Schengen u l-atti l-oħra li jaqgħu taħt it-Tielet Parti, Titolu V tat-TFUE: ara l-punt C.12.

## D.4. ABBOZZAR TAT-TERMINI TA' PROMULGAZZJONI

### D.4.1. Ġenerali

Ara l-punti 12 sa 15 GPK.

### D.4.2. Struttura standard

Ara parti B.

### D.4.3. Suddiviżjonijiet

**L-Artikoli** jistgħu **jinġabru flimkien** f'partijiet, titoli, kapitoli u taqsimiet u jistgħu jiġu **suddiviżi** f'paragrafi numerati, paragrafi mhux innumerati, punti u inċiżi: ara l-punti 4.4, 4.5, 7.3 u 15.4 GPK.

Għal raġunijiet prattiċi, u b'mod partikolari sabiex ir-referenzi jkunu jistgħu jkunu identiċi fil-lingwi kollha, is-suddiviżjoni ta' test f'**sentenzi** (li jibdew b'ittra kapitali u jispiċċaw b'punt) għandha tkun l-istess fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha. Fejn dan il-prinċipju joħloq xi diffikultajiet f'lingwa partikolari, is-sentenzi għandhom jinqasmu f'unitajiet li qishom sentenzi żgħar, separati permezz tal-punt u l-virgola.

Billi l-artikoli u l-paragrafi huma ***unitajiet indipendenti u awtonomi*** fihom infushom, ir-***repetizzjoni ta' termini*** minn artikolu għal artikolu jew minn paragrafu għal paragrafu, kif ukoll ***ta' referenzi*** sħaħ, huwa utli u spiss anki indispensabbli għaċ-ċarezza tat-test, bħal fl-eżempju li ġej:

Minflok:

"1. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa …

2. **Hi** għandha tadotta **dawk** il-miżuri skont il-proċedura …",

Ikun aħjar jekk jinkiteb kif ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa …

2. **Il-Kummissjoni** għandha tadotta **l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1** skont il-proċedura…."

### D.4.4. Listi

#### D.4.4.1. Lista f'sentenza mingħajr kliem introduttorju

Qed jiġi rakkomandat li tiġi speċifikata r-rabta bejn il-punti differenti fil-lista f'sentenza kif ġej:

- fil-każ ta' lista kumulattiva, "u"
- fil-każ ta' lista ta' alternattivi, "waħda… jew...",
- fil-każ ta' lista mħallta (jiġifieri, ipoteżi doppja: punt wieħed mil-lista, jew diversi minnhom jew kollha): espressjoni bħal "... jew ... jew it-tnejn" jew, fejn ma jkunx hemm soluzzjoni aħjar u fejn ma jkunx possibbli li jiddaħħal kliem introduttorju, l-espressjoni "*u/jew*" tista' tintuża.

Il-konġunzjoni "jew" għandha tintuża waħidha biss meta n-natura tar-rabta hija ċara għaliex, kif qalet il-Qorti[61], it-tifsira ta' din il-konġunzjoni tvarja skont il-kuntest li fih tkun qiegħda tintuża.

#### D.4.4.2. Lista li ssegwi kliem introduttorju

Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li kull punt fil-lista ikun ikkoordinat mal-oħrajn u jirrelata direttament mal-kliem introduttorju. Għal dak il-għan, ikun aħjar li jiġi evitat li jiddaħħlu sentenzi awtonomi jew paragrafi f'lista (ara b'mod partikolari l-eżempju mogħti fil-punt 15.3 GPK). Kostruzzjonijiet "Sandwich", li fihom is-sentenza mibdija fil-formulazzjoni introduttorja titkompla wara lista, għandhom ukoll jiġu evitati[62].

---

61 Ara is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2005 *Kummissjoni v Franza, C-304/02*, ECLI:EU:C:2005:444, paragrafu 83.

62 Pereżempju, is-sentenza għandha tiġi fformulata kif ġej:
"L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-għalf ta' dawn li ġejjin għall-annimali miżmuma jew imrobbija għall-produzzjoni tal-ikel:

(a) proteini derivati minn annimali,
(b) proteini mill-annimali pproċessati."
u mhux kif ġej:
"L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-għalf ta':
(a) proteini derivati minn annimali, jew
(b) proteini mill-annimali pproċessati
għall-annimali miżmuma jew imrobbija għall-produzzjoni tal-ikel."

Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat jekk il-lista li ssegwi l-kliem introduttorju hijiex kumulattiva, alternattiva jew imħallta (ara l-punt D.4.4.1). Fejn ikun possibbli dan għandu jsir, fil-kliem introduttorju nnifsu, permezz tal-użu ta' kliem bħal "[kull / kemm / dawn kollha] li ġejjin", "wieħed minn dawn li ġejjin" jew "wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin". Meta dan ma jkunx possibbli li jsir fil-kliem introduttorju, ir-rabta bejn il-punti varji fil-lista għandha tiġi ddikjarata b'mod espliċitu billi tiżdied il-kelma "u", "jew" "u / jew" fl-aħħar tal-punt ta' qabel tal-aħħar fil-lista. Madankollu, dik il-prattika tista' tikkawża diffikultajiet fejn il-lista hija emendata aktar tard u minħabba li t-tifsira tal-konġunzjoni "jew" tista' tkun ambigwa (ara l-punt D.4.4.1).

Il-kliem introduttorju dejjem jispiċċa biż-żewġ punti (:)[63]

Il-punti ta' lista jiġu nnumerati permezz ta' ittri żgħar fil-parentesi għall-ewwel livell, numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tieni livell u numri Għarab fil-parentesi għat-tielet livell. L-inċiżi huma użati għar-raba' livell.

"[Dinid-Direttiva għandha tapplika għal]:

(a) ...

(i) ...

(1) ...

– ..."

Bħala eċċezzjoni, fl-artikolu dwar id-definizzjonijiet (ara l-punt C.7) u fid-dispożizzjonijiet ta' emenda (ara l-punt C.8.1), il-punti huma nnumerati permezz ta' numri Għarab fil-parentesi għall-ewwel livell, ittri żgħar fil-parentesi għat-tieni livell u numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tielet livell.

Kull punt fil-lista inkluża fis-sentenza jibda **b'ittra żgħira.**

---

63 Fejn, qabel il-paragrafu, il-punti (a), (b), eċċ., ma jkunx hemm kliem introduttorju, huma jkunu fil-fatt subparagrafi u għandhom jispiċċaw b'punt.

#### D.4.4.3. Listi fit-tabelli

Fit-tabelli, il-punti fil-lista jibdew b'ittra kapitali jew żgħira (skont is-sistema stabbilita mill-awturi); kultant, ma jkun hemm l-ebda marka ta' punteġġaturawara l-punti varji.

### D.4.5. Intestaturi u Werrej

L-artikoli jista' jkollhom intestaturi li jgħinu lill-qarrej isib id-dispożizzjonijiet ta' interess għalih. L-intestaturi għandhom ikunu qosra u għandhom jiġbru s-sens tal-kontenut tal-artikolu. L-approċċ għandu jkun konsistenti tul l-att: l-ebda artikolu m'għandu jkollu intestatura jew kull artikolu għandu jkollu waħda.

Partijiet, titoli, kapitoli u taqsimiet kollha għandu jkollhom intestatura.

Atti twal għandhom, fejn meħtieġ, jiġu preċeduti minn werrej.

## D.5. ABBOZZAR TAL-ANNESSI

### D.5.1. Ġenerali

Ara l-punt 22 GPK.

### D.5.2. Forma, stil u numerazzjoni

Għalkemm m'hemm l-ebda regola stretta li tirregola l-preżentazzjoni tal-annessi, l-applikazzjoni tal-linji gwida li ġejjin se tiżgura li s-sistemi tal-IT jistgħu jirrikonoxxu l-partijiet differenti tal-att b’mod korrett.

L-Annessi ma għandhomx jiġu suddiviżi f'artikoli, peress li dan jista' joħloq konfużjoni mat-termini ta' promulgazzjoni.

L-Annessi huma normalment suddiviżi f’punti identifikati permezz ta’ numri Għarab segwiti minn punt f’kull livell (eż. "10.2.3."). L-għadd ta’ livelli normalment ma għandux ikun iktar minn ħamsa (eż. "1.1.1.1.1."). Jistgħu jintużaw iktar livelli jekk ikun strettament meħtieġ, għalkemm jista’ jkun preferibbli li tintuża struttura differenti. Irrispettivament mil-livell tagħhom, il-punti nnumerati jista’ jkollhom suddiviżjonijiet inferjuri, bl-użu ta’ ittri żgħar fil-parentesi għall-ewwel livell, numri Rumani żgħar fil-parentesi għat-tieni livell, numri Għarab fil-parentesi għat-tielet livell u l-inċiżi għar-raba’ livell. Suddiviżjonijiet inferjuri bħal dawn normalment jintużaw biss għal listi li jsegwu formulazzjoni introduttorja u għandhom jiġu evitati fejn possibbli. Għal faċilità ta’ referenza, huwa preferibbli li jiġi nnumerat kull paragrafu tal-Annessi. Madankollu, f’annessi qosra ħafna, jistgħu jintużaw paragrafi mhux innumerati. Paragrafu mingħajr numru jista’ jintroduċi punti nnumerati, suddiviżjonijiet inferjuri jew tabelli.

Punt innumerat jista’ jkun jinkludi:

– titolu biss;

– paragrafu wieħed jew iktar mhux innumerati;

– taħlita ta’ titolu u paragrafu wieħed jew iktar mhux innumerati.

Jistgħu jintużaw suddiviżjonijiet superjuri (parti, titolu, kapitolu, taqsima) f’annessi. Il-punti għandhom jiġu nnumerati b’mod kontinwu mill-bidu sat-tmiem tal-anness, irrispettivament minn jekk jintużawx suddiviżjonijiet superjuri; inkella, uħud mill-karatteristiċi tas-sistemi tal-IT ma jkunux disponibbli.

Tabelli u immaġini jistgħu jintużaw kullimkien fl-annessi. Madankollu, ebda immaġini użata ma għandha tinkludi test.

Fejn anness ikun fih formuli jew dokumenti oħrajn li għandhom jintużaw waħedhom, il-linji gwida hawn fuq jenħtieġ li jiġu segwiti biss sa fejn ma jaffettwawx b’mod ħażin il-leġibbiltà jew il-faċilità tal-użu ta’ dawk il-formuli u dokumenti, jew ma jiksru l-ebda rekwiżit speċifiku applikabbli għalihom.

Fejn anness jinkorpora dispożizzjonijiet minn sors ieħor (eż. regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-NU għall-Ewropa) fil-liġi tal-Unjoni, l-istruttura u n-numerazzjoni ta’ dawk id-dispożizzjonijiet fl-anness jenħtieġ li jkunu l-istess bħal fis-sors (ara madankollu l-punt 17.4 GPK).

### D.5.3. Werrej

Annessi voluminużi għandhom, fejn meħtieġ, ikollhom werrej.

## D.6. REFERENZI INTERNI

### D.6.1. Ġenerali

Ara l-punti 16, 16.1, 16.1.1, 16.2, 16.4, 16.7 sa 16.9 u 16.17 GPK.

### D.6.2. Referenzi ġenerali għall-att

– "dan ir-Regolament"

– "din id-Direttiva"

– "din id-Deċiżjoni[64]

### D.6.3. Referenzi għal konsiderazzjonijiet

"fl-[ewwel] konsiderazzjoni"

### D.6.4. Referenzi għal premessi

– Fejn l-att fih diversi premessi nnumerati: "(fil-) premessa [1]"

– Fejn l-att fih premessa waħda: "(fil-) premessa"

### D.6.5. Referenzi għal parti mit-termini ta' promulgazzjoni

#### D.6.5.1. Terminoloġija li għandha tiġi użata

Uża l-kliem imniżżel fit-tielet kolonna tat-tabella li tidher fil-punt 15.4 GPK. Tista' ssir referenza għall-kliem introduttorju qabel lista permezz ta' kliem bħal "il-parti introduttorja" jew "il-kliem introduttorju".

---

64 F'dan il-kuntest, "dan ir-Regolament" huwa dejjem mogħti fit-testi Franċiżi, bi "le présent règlement". "Dak" għandu jintuża fit-testi Ingliżi fejn hemm riskju ta' konfużjoni ma' att jew dispożizzjoni li tkun għadha kemm saret referenza għalih jew għaliha. Alternattivament, in-numru tal-att jew dispożizzjoni li tkun għadha kemm issemmiet tista' tiġi ripetuta. Għandha tingħata attenzjoni partikolari fl-użu ta' "dan" u "dak".

### D.6.5.2. Struttura tar-referenza

Fejn issir referenza għal dispożizzjoni, spiss ikun meħtieġ li jiġi indikat in-numru ta' suddiviżjonijiet sabiex id-dispożizzjoni tiġi identifikata b'mod preċiż. Is-suddiviżjonijiet huma msemmija f'ordni dixxendenti, minn ġenerali għal dik speċifika..

– "Artikolu 1(1), it-tieni sentenza,"

– "paragrafu 1, it-tielet subparagrafu,"

Madankollu, l-uniċi suddiviżjonijiet superjuri li għalihom issir referenza huma dawk li mhumiex komuni għad-dispożizzjoni msemmija u l-post fejn tkun qed issir ir-referenza. Pereżempju, jekk l-Artikolu 3(1), punt (b), jinkludi referenza għall-Artikolu 3(1), punt (a), dik ir-referenza għandha taqra:

"… fil-punt (a),"

mhux

"… fl-**Artikolu 3(1)**, punt (a),"

u lanqas

"… fil-**paragrafu 1,** punt (a),"

Fejn issir referenza għal artikoli li huma stess jidhru f'waħda jew aktar suddiviżjonijiet superjuri (parti, titolu, kapitolu, taqsima), mhuwiex meħtieġ li jissemmew dawk is-suddiviżjonijiet peress li l-artikoli huma numerati kontinwament tul l-att kollu:

"L-Artikolu 2"

mhux

"L-Artikolu 2 **tat-Taqsima I**."

Madankollu, fejn tintuża l-espressjoni "ta' dan [l-Artikolu/paragrafu/punt/indent/.....]" biex jiġi evitat ir-riskju ta' konfużjoni msemmi fil-punt D.6.5.4, dik l-espressjoni titqiegħed fl-aħħar tar-referenza.

Eżempji:

— "fil-punt (c) **ta' dan il-paragrafu**"

— "fl-ewwel paragrafu, punt (d), **ta' dan l-Artikolu**"

mhux

— "f'**dan il-paragrafu**, il-punt (c),"

— "f'**dan l-Artikolu**, l-ewwel paragrafu, il-punt (d),"

Billi, min-natura tiegħu stess, l-anness jifforma parti integrali mill-att li miegħu huwa mehmuż (ara l-punt 22.3 GPK), ir-referenzi fl-anness għal xi parti mit-termini ta' promulgazzjoni għandhom ikunu fformulati sempliċiment daqs referenzi ekwivalenti li jidhru f'parti oħra tat-termini ta' promulgazzjoni.[65]

Eżempji:

- "il-lista prevista fl-Artikolu 4(3)".

### D.6.5.3. Referenzi multipli

Fejn suddiviżjonijiet tal-istess tip huma elenkati u wieħed jew aktar huma akkumpanjati minn suddiviżjonijiet "inferjuri", ir-regola stipulata fil-punt D.6.5.2 għandha tiġi segwita u t-tip ta' suddiviżjoni hija ripetuta għal kull referenza:

Eżempji:

— "L-Artikolu 1, **l-Artikolu** 2(2), punt (a), u **l-Artikolu** 3(1)"

[mhux "l-Artikoli 1, 2(2), punt (a), u 3(1)"]

– "L-**Artikolu** 2(1) u l-**Artikolu** 5(2)"

— "**paragrafu** 1, punt (a), u **paragrafu** 2, it-tieni subparagrafu,"

[mhux "il-paragrafi 1, il-punt (a) u 2, it-tieni subparagrafu,"].

Fejn is-suddiviżjonijiet tal-istess tip huma elenkati u mhumiex akkumpanjati minn suddiviżjonijiet "inferjuri", il-metodu ta' referenza għalihom huwa ssimplifikat. It-tip ta'suddiviżjoni mhux ripetut għal kull referenza:

---

[65] Fir-rigward tar-referenzi għad-dispożizzjonijiet ta' Anness, ara l-punt D.6.6.

— "Il-Kapitoli I u II"

[mhux: "il-Kapitolu I **u l-Kapitolu** II"]

— "L-Artikoli 1, 4 u 9"

— "L-Artikoli 1 sa 4"

— "L-Artikoli 1 sa 4 u 9"

— "l-ewwel u t-tielet inċiżi"

(jew: "l-ewwel u t-tielet inċiż", b'"inċiż" fis-singular)

Ta' spiss ir-referenzi deskritti hawn fuq ikunu kkombinati:

"L-Artikolu 1, l-Artikolu 3(5), punt (c), l-Artikolu 5(2) u (3) u l-Artikoli 6 sa 9"

Jekk issir referenza għal tliet ċifri direttament konsekuttivi, dawn għandhom jiġu indikati b'mod individwali pjuttost milli jingħataw forma mqassra.

Eżempju:

"L-Artikoli 2, **3 u** 4"

[mhux: "L-Artikoli 2 **sa** 4"]

### D.6.5.4. Espressjonijiet li għandhom jiġu evitati fir-referenzi

Meta ssir referenza f'att għal suddiviżjoni tal-istess att, il-kliem "qabel", "wara", eċċ. għandu jiġi evitat favur referenza eżatta ta' dik is-suddiviżjoni.

Barra minn hekk, frażijiet bħal "hawn fuq" jew "stipulata hawn taħt" m'għandhomx jiġu miżjuda mar-referenza eżatta.

M'hemmx bżonn iżżid "inklussiv/a" f'lista ta' dispożizzjonijiet, peress li kull element ċitat huwa awtomatikament inkluż.

Il-frażi "ta' dan [ir-Regolament/l-Artikolu/il-paragrafu/…)" m'għandhiex tiġi miżjuda sakemm ma jkunx hemm probabbiltà ta' konfużjoni.

Eżempju:

Fi ħdan l-artikolu, referenza fil-paragrafu 5 għall-paragrafi 1 sa 4 tal-istess artikolu għandha taqra:

"Il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 4 …"

mhux:

"Il-proċedura stabbilita fil-paragrafi **ta' qabel** …"

jew:

"Il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 4 **ta' hawn fuq** …"

jew (ħlief fejn hemm probabbiltà ta' konfużjoni):

"Il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 4 **ta' dan l-Artikolu** …"

### D.6.6. Referenza għall-annessi

Ir-regoli fil-punt D.6.5.2 għar-referenzi għat-termni ta’ promulgazzjoni japplikaw *mutatis mutandis* għar-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-annessi.

Eżempju:

– "punt 2.1.3.7. (a)(iii)(2), ir-raba’ inċiż, tal-[Anness/l-Anness [I]]"

Fejn hemm riskju ta' konfużjoni, għandha tiżdied ir-referenza li ġejja mal-att fejn issir il-konsidarazzjoni: "l-anness **għal** [dan ir-Regolament]" jew "[it-tabella] li tidher fl-anness **għal** [dan ir-Regolament]" (mhux: "... **anness għal** ...").

L-annessi b'mod neċessarju jifformaw parti integrali mill-att li magħhom huma mehmuża (ara l-punt 22.3 GPK). Kliem bħal "jiffurmaw parti integrali ta' dan [ir-Regolament]" għalhekk ma għandux jidher fir-referenzi għall-annessi.

## D.7. REFERENZI ESTERNI

### D.7.1. Ġenerali

Ara l-punti 16, 16.1, 16.1.2, 16.2, 16.3 sa 16.10, 16.17 u 16.18 GPK.

### D.7.2. Referenzi għall-atti ta' liġi primarja

#### D.7.2.1. Trattati

Għandha qabel kollox issir referenza għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, imbagħad għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, imbagħad għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

*L-ewwel referenza:*

— "it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea"

— "it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea"

— "it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika"

Dawn ir-referenzi mhumiex segwiti minn referenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Referenzi sussegwenti:*

Jekk fl-istess test jissemma trattat wieħed biss, tista' tintuża l-kelma "Trattat".

Jekk fl-istess test jissemmew diversi trattati, għandu jintuża t-titolu sħiħ tat-trattat rilevanti. Fejn xieraq, jistgħu jintużaw l-abbrevjazzjonijiet jew l-akronimi li ġejjin:

— "TUE" għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

– "TFUE" għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

— "it-Trattat Euratom" għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Il-forma qasira tista' tintuża f'titolu bl-iskop li jitqassar: ara l-punt D.1.4.1.

L-Artikoli, it-taqsimiet, il-kapitoli, t-titoli u l-partijiet tat-TUE u t-TFUE jissemmew skont ir-rinumerazzjoni li tirriżulta mit-Trattat ta' Lisbona fil-**verżjoni konsolidata** tagħhom[66], **mingħajr l-ebda referenza** għan-numerazzjoni preċedenti.

Dik ir-regola tapplika wkoll meta jkunu qed jiġu **emendati** l-atti li jkunu ġew adottati qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, u li fihom referenzi li għalhekk isegwu n-numerazzjoni ta' qabel. Fil-kliem sostitwit, miżjud jew imdaħħal mill-att emendatorju, ir-referenzi jsiru fuq il-bażi tal-verżjoni konsolidata. Kwalunkwe inkonsistenza bejn kliem mhux mibdul tal-att emendatorju u l-kliem imdaħħal mill-att emendatorju fir-rigward ta' numerazzjoni, tiġi korretta sussegwentement, jiġifieri meta sseħħ il-kodifikazzjoni.

Meta jiġi ċitat **titolu** li fih referenza li tuża n-numerazzjoni ta' qabel, dik ir-referenza tinbidel sabiex issegwi l-verżjoni konsolidata. In-numru aġġustat ikun akkumpanjat minn nota simili għal din li ġejja:

> "[1] [Id-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u partijiet terzi, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpaniji fis-sens tal-Artikolu 54, it-tieni paragrafu, tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 258, 1.10.2009, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/101/oj).]
>
> Nota Editorjali: It-titolu tad-Direttiva [2009/101/KE] ġie aġġustat biex titqies ir-rinumerazzjoni tal-artikoli tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, skont l-Artikolu 5 tat-Trattat ta' Lisbona; ir-referenza oriġinali kienet għat-[tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea]."

[66] Bis-saħħa tal-Artikolu 5 tat-Trattat ta' Lisbona, l-artikoli, t-taqsimiet, il-kapitoli, it-titoli u partijiet tal-TUE u TKE, kif emendati minn dak it-Trattat, kienu **nnumerati** mill-ġdid skont **it-tabelli ta' ekwivalenzi** stipulati fl-Anness għal dak it-Trattat, li jifformaw parti integrali tiegħu. Fuq dik il-bażi ġiet stabbilita **verżjoni konsolidata**.

### D.7.2.2. Protokolli

*L-ewwel referenza:*

— "il-Protokoll Nru [19] [dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni], anness [mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea]"

Dik ir-referenza mhijiex segwita minn referenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Referenzi sussegwenti:*

— "il-Protokoll Nru [19]"

### D.7.2.3. Atti ta' adeżjoni

— "l-Att ta' Adeżjoni [tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja]"

jew, jekk l-elenkar tal-Istati Membri aderenti huwa kkumplikat wisq u t-tifsira hija ċara:

— "l-Att ta' Adeżjoni tal-[2003]"[67]

L-Atti ta' Adeżjoni huma għalhekk imsemmija f'forma mqassra, mingħajr ma jissemma t-trattat ta' adeżjoni korrispondenti u mingħajr referenza għall-Ġurnal Uffiċjali.

[67] Is-snin ta' referenza għall-Atti ta' Adeżjoni varji huma dawn li ġejjin:
— 1972 (id-Danimarka u l-Irlanda),
— 1979 (il-Greċja),
— 1985 (Spanja u l-Portugall),
— 1994 (l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja),
— 2003 (ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja),
— 2005 (il-Bulgarija, ir-Rumanija)
— 2011 (il-Kroazja).

D.7.3. Referenzi għal atti legali oħra

D.7.3.1. Identifikazzjoni tal-att li għalih issir referenza

Għar-referenzi għal atti legali oħra:

- fit-titoli, ara l-punt 16.10.1 GPK;
- fil-konsiderazzjonijiet, ara l-punt 16.10.2 GPK;
- fil-bqija tal-att (il-premessi, l-artikoli u l-annessi), ara l-punt 16.10.3 GPK.

B'eċċezzjoni għall-ewwel inċiż tal-punt 16.10.3 GPK, fejn il-premessi, l-artikoli jew l-annessi jkun fihom **lista** ta' atti, dawn jistgħu jiġu ċitati bit-titolu sħiħ tagħhom fil-kontenut tal-lista u bir-referenza tal-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Meta bosta atti tal-**istess tip** u adottati mill-**istess istituzzjoni** (jew mill-istess istituzzjonijiet) huma ċċitati wieħed wara l-ieħor u għall-ewwel darba fil-premessi, artikoli jew annessi, it-tip ta' att jew l-isem tal-istituzzjoni (jew tal-istituzzjonijiet) huma msemmija darba waħda (u mhux repetuti għal kull att) u r-referenza għan-noti ta' qiegħ il-paġna hija inserita wara n-numru sekwenzjali ta' kull att.

Eżempju:

> "Jenħtieġ li d-drittijiet tal-impjegati jibqgħu suġġetti għad-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fid-Direttivi 2002/14/KE* u 2009/38/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
>
> ______________
>
> * Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2003 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/14/oj).
>
> ** Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/38/oj)."

Meta fil-premessi, fl-artikoli jew fl-annessi jiġu ċċitati wieħed wara l-ieħor għadd ta' atti tal-**istess tip** u dawk l-atti jkunu diġa' ġew iċċitati iktar kmieni fl-att, it-tip ta' att jissemma' darba biss (u ma jiġix ripetut għal kull att) .

Eżempju:

"Ir-Regolamenti (UE) 2017/1129 u (UE) 2017/1131"

B'mod konformi mat-TFUE[68], it-titoli ta' **atti delegati** u ta' **atti ta' implimentazzjoni** għandhom dejjem jinkludu il-kelma "delegat(i)" jew "ta' implimentazzjoni", rispettivament. Dak il-kliem għandu jiġi ripetut kull meta ssir referenza għal att delegat jew att ta' implimentazzjoni, mhux biss l-ewwel darba li ssir referenza għall-att iżda wkoll fir-referenzi sussegwenti (eżempju tat-tieni referenza: "Regolament Delegat (UE) 2015/1798").

Ċerti atti jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali b'**żewġ numri**: wieħed ipprovdut mill-awtur u l-ieħor mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet[69]. Għandhom jiġu ċitati ż-żewġ numri meta ssir referenza għall-att.

Eżempju:

L-ewwel referenza:

"Id-Deċiżjoni (UE) 2015/22 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/1)[*]

---

[*] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/22 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Jannar 2015 li tistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għat-trasferimenti lejn l-ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas (BĊE/2015/1) (ĠU L 6, 2015/10/01, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/929/oj)."

Referenzi sussegwenti:

"Id-Deċiżjoni (UE) 2015/22 (BĊE/2015/1)"

---

[68] L-Artikolu 290(3) għal atti delegati u l-Artikolu 291(4) għal atti ta' implimentazzjoni.

[69] Għal aktar informazzjoni, ara n-nota uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, "l-Armonizzazzjoni tan-numerazzjoni tal-atti legali tal-UE".

Minħabba n-natura speċifika tagħhom, ir-**Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali** u aġenti oħra tal-Unjoni huma ċitati kif ġej fil-premessi, fl-artikoli u fl-annessi:

> "ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea [u l-kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni], stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68*.
>
> ___________
>
> * ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj."

Għal referenzi għall-atti fejn it-titolu jsemmi dispożizzjoni ta' wieħed mit-**Trattati**, ara l-punt D.7.2.1.

**Il-pubblikazzjoni inizjali** biss tal-att hija msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna. La l-emendi sussegwenti u lanqas rettifiki ma jissemmew fin-nota ta' qiegħ il-paġna. Issir eċċezzjoni għal din ir-regola biss fil-każ tal-kodifikazzjoni ta' att li t-titolu tiegħu jkun ġie emendat (ara l-punt C.3.2.1) jew fejn trid issir referenza statika (ara l-punt 16.14 GPK u l-punt D.8.2).

Ir-referenzi għal att legali għandhom ikunu **preċiżi**. Għal din ir-raġuni għandhom jiġu evitati referenzi ġeneriċi għal att, b'mod partikolari fit-termini ta' promulgazzjoni, u għandha ssir referenza għal dispożizzjonijiet speċifiċi, jekk possibbli.

Pereżempju, uża:

> "Il-proċedura stabbilita fl-**Artikolu 2** tar-Regolament …"

mhux:

> "Il-proċedura stabbilita fir-Regolament …"

#### D.7.3.2. Identifikazzjoni tal-premessa li għaliha ssir referenza

Għall-identifikazzjoni tal-premessa, ara flimkien il-punt D.6.4., u għall-identifikazzjoni tal-att, il-punt D.7.3.1.

Eżempju:

> "premessa 1 tar-Regolament (UE) 2015/10"

Fejn issir referenza għal premessi ta' att adottat qabel is-7 ta' Frar 2000, meta l-premessi ma kinux numerati, uża numri ordinali:"l-[ewwel] premessa"

#### D.7.3.3. Identifikazjoni tal-parti tat-terminu ta' promulgazzjoni li għalih issir referenza

Għall-identifikazzjoni tal-parti tat-terminu ta' promulgazzjoni, ara flimkien il-punt D.6.5, u, għall-identifikazzjoni tal-att, il-punt D.7.3.1.

Eżempju:

> "L-Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2015/10"

#### D.7.3.4. Identifikazzjoni tal-anness li għalih issir referenza

Għall-identifikazzjoni tal-anness, ara flimkien il-punt D.6.6., u, għall-identifikazzjoni tal-att, il-punt D.7.3.1.

Eżempji:

– Fejn l-att fih anness wieħed biss: "L-Anness għar-[Regolament…]"

– Fejn l-att fih iktar minn anness wieħed: "L-Anness [I] għar-[Regolament …]"

## D.7.4. Referenzi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-QEDB

Meta ssir referenza għall-Karta, huwa biżżejjed li ssir referenza għall-"Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea". Dik ir-referenza mhijiex segwita minn referenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

Meta ssir referenza għall-QEDB, irreferi għall-"Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali".

## D.7.5. Referenzi għal riżoluzzjonijiet u deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew

Eżempju:

"ir/id-[riżoluzzjoni/deċiżjoni] tal-Parlament Ewropew tal-[27 ta' Novembru 2014] [dwar l-appoġġar tad-drittijiet tal-konsumatur fis-suq uniku diġitali]*

__________________

* [ĠU …./Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali]."

## D.7.6. Referenzi għal riżoluzzjonijiet tal-Kunsill

Eżempju:

"ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-[18 ta' Novembru 2010] [dwar id-djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport]*

_____________

* [ĠU …./ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali]."

## D.7.7. Referenzi għal komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni

Eżempju:

"il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-[25 ta' Ottubru 2013] [dwar id-dekummissjonar ta' installazzjoni nukleari u l-Ġestjoni ta' Skart Radjuattiv: Ġestjoni tal-Obbligi Nukleari li jirriżultaw mill-Attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) imwettqa skont it-Trattat Euratom]"

## D.7.8. Referenzi għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fil-korp tat-test, l-ewwel referenza għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tinkludi mill-inqas it-tip ta' deċiżjoni (sentenza, ordni, opinjoni) u l-isem tal-qorti (Qorti tal-Ġustizzja, Qorti Ġenerali). L-isem abitwali tal-każ jew id-data tad-deċiżjoni jistgħu jiġu miżjuda jekk jitqies utli.

Eżempji:

> "Ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 ġie annullat minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja* …."

> "Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, fil-każ C-178/03*, *il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*, annullat ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 …"

Dik ir-referenza dejjem tiġi segwita minn nota ta' qiegħ il-paġna standard. In-nota ta' qiegħ il-paġna tindika, suċċessivament:

- it-tip ta' deċiżjoni (sentenza, ordni, opinjoni);
- l-isem tal-qorti (Qorti tal-Ġustizzja, Qorti Ġenerali);
- id-data tad-deċiżjoni;
- l-isem abitwali tal-każ (li huwa stabbilit mill-Qorti skont ir-regoli interni tagħha: l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri jingħataw forma mqassra, l-isem ta' wieħed mill-partijiet fil-proċess fil-każ ta' referenza preliminari. eċċ.);
- in-numru tal-każ;
- ir-referenza ECLI;
- fejn xieraq, il-paragrafu(i) rilevanti tad-deċiżjoni.

Eżempju:

> "* Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*, C-178/03, ECLI:EU:C:2006:4, paragrafi 60 sa 65."

Dan il-metodu japplika għal deċiżjonijiet tal-Qorti ppubblikati fuq il-karta fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea u għal deċiżjonijiet aktar riċenti ppubblikati biss b'mod elettroniku.

Jekk l-istess deċiżjoni tissemma' aktar minn darba fl-att, għandha tiġi stabbilita forma qasira fl-ewwel referenza (pereżempju *s-sentenza* "*il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*", "*is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006*" jew "*is-sentenza fil-Każ C-178/03*").

### D.7.9. Referenzi għal ftehimiet internazzjonali

Ftehimiet internazzjonali li ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali jiġu dejjem iċċitati l-ewwel darba bir-referenza għall-ĠU tagħhom, anki jekk dawk il-ftehimiet ma oriġinawx bħala ftehimiet tal-Unjoni iżda, pereżempju, bħala ftehimiet tal-Kunsill tal-Ewropa.

Fir-rigward ta’ ftehimiet li ma humiex ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, jista’ jkun ta’ għajnuna li jiġu ċċitati l-post u d-data tal-firma.Eżempji:

– "il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perijodu 2014-2021*

  ________________

  * ĠU L 141, 28.5.2016, p. 11."

– "Il-Konvenzjoni ta’ Vjenna fuq il-Liġi tat-Trattati, iffirmata fi Vjenna fit-23 ta’ Mejju 1969,"

Jekk issir referenza għall-istess ftehim internazzjonali aktar minn darba f’att, għandha tiġi stabbilita formola qasira mal-ewwel referenza (per eżempju "(‘il-Ftehim dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż’)").

Kif jirriżulta mill-punti D.8.1 u D.8.2, kwalunkwe referenza għal ftehim internazzjonali għandha tindika jekk dik ir-referenza hijiex waħda dinamika jew statika.

### D.7.10. Referenzi għal atti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali

Ir-Referenzi għall-atti ta' organizzazzjoni internazzjonali għandhom normalment jiġu stipulati (fil-korp tat-test), suċċessivament, it-tip ta' att, id-data, l-awtur u t-titolu sħiħ. Jekk l-istess att jissemma aktar minn darba fl-att, il-forma qasira għandha tiġi stabbilita fl-ewwel referenza (pereżempju ("ir-rakkomandazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol")).

### D.7.11. Referenzi għal atti mhux vinkolanti

Ara l-punt 17 GPK.

### D.7.12. Referenzi għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Ara l-punt 3.1 Gwida tal-Istil Interistituzzjonali

## D.8. REFERENZI DINAMIĊI U STATIĊI

### D.8.1. Referenzi dinamiċi

Referenzi huma "dinamiċi" fejn id-dispożizzjoni msemmija tinftiehem bħala d-dispożizzjoni bi kwalunkwe emendi. Għal spjegazzjoni aktar iddettaljata, ara l-punti 16.11 sa 16.13 u 16.17 GPK.

Referenza għal dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni hija dinamika ħlief fejn indikat mod ieħor. Referenza għal dispożizzjoni ta' att mhux tal-Unjoni għandha tispeċifika li hija dinamika fejn dik tkun l-intenzjoni.

*Eżempju ta' referenza dinamika għal dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni:*

"Artikolu 10 tar-Regolament (UE)"

*Eżempji ta' referenzi dinamiċi għal dispożizzjoni ta' att mhux tal-Unjoni:*

"Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' … fil- …, kif emendat,"

"Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' ... fil- ..., fl-iktar verżjoni reċenti tagħha applikabbli għall-Unjoni Ewropea,"

### D.8.2. Referenzi statiċi

Referenza hija mifhuma li hija statika meta tkun tikkontempla verżjoni partikolari ta' dispożizzjoni. Għal spjegazzjoni aktar dettaljata, ara l-punti 16.14 sa 16.17 GPK.

Referenza għal dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni hija statika biss fejn jiġi speċifikat espressament. Referenza għal dispożizzjoni ta' att mhux tal-Unjoni għandha tispeċifika li hija statika fejn dik tkun l-intenzjoni.

*Eżempju ta' referenza statika għal dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni f'verżjoni partikolari f'data speċifika:*

"Artikolu 10 tar-Regolament (UE) …, fil-verżjoni fis-seħħ fil- ….,"

" Artikolu 10 tar-Regolament (UE) …, fil-verżjoni applikabbli fil- ….",

*Eżempju ta' referenza statika għal dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni kif emendata f'att partikolari:*

"Artikolu 10 tar-Regolament (UE) …, kif emendat mir-Regolament (UE) …"

*Eżempju ta' referenza statika għal dispożizzjoni ta' att mhux tal-Unjoni fil-verżjoni oriġinali tagħha:*

"Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' … dwar…, fil-verżjoni oriġinali tagħha"

*Eżempju ta' referenza statika għal dispożizzjoni ta' att mhux tal-Unjoni kif emendata f'att partikolari:*

"Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' … dwar-..., kif emendata mill-Protokoll ta' … dwar…"

## D.9. REFERENZI GĦAL ENTITAJIET

### D.9.1. Referenzi għall-Unjoni u għall-Komunità Euratom

Ir-referenza għandha ssir qabel kollox għall-Unjoni Ewropea, imbagħad għall-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

*L-ewwel referenza:*

— "l-Unjoni Ewropea"

— "il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika"

*Referenzi sussegwenti:*

— "l-Unjoni"

— "il-Komunità"

Tista' tintuża forma qasira f'titolu bl-iskop li jitqassar: ara l-punt D.1.4.1.

### D.9.2. Referenzi għal istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni

L-ordni li fih dawk l-istituzzjonijiet u l-korpi jidhru fil-**korp** ta' test isegwi l-ordni li fiha jidhru fil-parti tat-Trattati relatati mal-istituzzjonijiet, jiġifieri: Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Bank Ewropew għall-Investiment. Madankollu, fil-**konsiderazzjonijiet**, l-ordni li għandu jissegwa huwa dak indikat fil-parti A ta' hawn fuq[70].

[70] Ara wkoll l-Anness II.

| *Isem sħiħ u uffiċjali* | *Isem ta' kuljum* | *Abbrevjazzjoni* | *Isem fl-atti suġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja* |
|---|---|---|---|
| Parlament Ewropew | Parlament Ewropew | PE | Parlament Ewropew |
| Kunsill Ewropew | Kunsill Ewropew | — | Kunsill Ewropew[1] |
| Kunsill tal-Unjoni Ewropea | Kunsill | — | Kunsill[2] |
| Kummissjoni Ewropea[3] | Kummissjoni | — | Kummissjoni[2] |
| Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[4] | Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Qorti)[5] | QĠUE | Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[6] |
| Bank Ċentrali Ewropew | Bank Ċentrali Ewropew (Bank)[5] | BĊE[7] | Bank Ċentrali Ewropew |
| Qorti tal-Awdituri | Qorti tal-Awdituri (Qorti)[5] | — | Qorti tal-Awdituri |
| Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8] | Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (Kumitat)[5] | KESE | Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew |
| Kumitat tar-Reġjuni | Kumitat tar-Reġjuni (Kumitat)[5] | KoR | Kumitat tar-Reġjuni |
| Bank Ewropew tal-Investiment | Bank Ewropew tal-Investiment (Bank)[5] | BEI | Bank Ewropew tal-Investiment |

1 Uża dejjem it-titolu sħiħ.

2 Uża t-titolu sħiħ meta jissemma l-ewwel darba fil-preambolu.

3 It-titolu huwa użat biss fit-TUE (ara l-Artikolu 13).

4 Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta mill-"Qorti tal-Ġustizzja", il-"Qorti Ġenerali" u l-qrati speċjalizzati (Artikolu 19 TUE). Sal-lum, l-unika qorti speċjalizzata stabbilita kienet it-Tribunal Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (komunement magħrufa bħala t-"Tribunal għas-Servizz Pubbliku"), li kien iwettaq il-funzjonijiet tiegħu mill-2004 sal-2016. Referenza għal deċiżjoni ta' waħda minn dawk il-qrati għandha, issemmi, ovvjament, il-qorti ikkonċernata u mhux l-istituzzjoni b'mod ġenerali (ara l-punt D.7.8).

5 Uża biss il-forma qasira (hawnhekk fil-parentesi) fejn mhux possibbli li jkun hemm konfużjoni.

6 Madankollu, it-terminu "Qorti tal-Ġustizzja" huwa użat fil-konsiderazzjonijiet (ara l-parti A, kaxxi H 3 u K).

7 Abbrevjazzjoni użata fil-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-TUE u t-TFUE.

8 It-titolu uffiċjali tal-KESE fit-TFUE huwa "Kumitat Ekonomiku u Soċjali" iżda hemm id-drawwa li jiżdied l-aġġettiv "Ewropew".

### D.9.3. Referenzi għall-Istati Membri

Lista li fiha biss Stati Membri għandha ssegwi l-ordni alfabetika Latina **tal-ismijiet oriġinali tal-pajjiżi**, li hija l-istess fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha. Għal aktar dettalji, ara l-punt 7.1.2 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali.

Għal lista tal-ismijiet tal-Istati Membri u l-għażla bejn ismijiet qosra u uffiċjali, ara l-punt 7.1 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali.

### D.9.4. Referenzi għal pajjiżi terzi

Listi ta' pajjiżi terzi biss jew pajjiżi terzi u Stati Membri ġeneralment isegwu l-ordni alfabetiku li fiha dawk il-pajjiżi terzi jew pajjiżi terzi u Stati Membri jidhru **bil-lingwa użata** (pereżempju, bl-Ingliż: Finland, Philippines, Portugal, Switzerland). Għal aktar dettalji, ara l-punt 7.1.2 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali.

Għal lista ta' ismijiet tal-pajjiżi terzi u l-għażla bejn ismijiet qosra u uffiċjali, ara l-punt 7.1 u l-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali.

## D.10. REFERENZI GĦAL DATI U LIMITI TA' ŻMIEN

### D.10.1. Ġenerali

Id-dati u l-limiti ta' żmien għandhom jiġu ddikjarati b'mod preċiż (ara l-punt 20 GPK), preferibbilment billi jindikaw **id-data, espressa f'ċifri** (jum/xahar/sena). Dan il-metodu jevita l-bżonn tal-kalkolu, żbalji jew ambigwitajiet u jippermetti frażijiet konċiżi.

Jekk possibbli, dan li ġej għandu jiġi evitat:

— referenza għal artikolu ieħor li fih tissemma d-data kkonċernata (dan il-metodu jeħtieġ li l-post fit-test jiġi identifikat preċiżament, u dan jista' jkun ikkumplikat).

Eżempju (ta' frażijiet li għandhom jiġu evitati):

"id-data imsemmija fl-Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza,"

— referenza deskrittiva (dan il-metodu jirriżulta f'formulazzjonijiet relattivament twal u jġiegħel lill-qarrej ifittex d-dispożizzjoni rilevanti).

Eżempji (ta' frażijiet li għandhom jiġu evitati):

"id-data minn meta l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ma' din id-Direttiva"

"tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament"

F'ħafna każijiet huwa possibbli li referenza aktar kumplessa tiġi simplifikata billi tiġi sostitwita bid-data preċiża. Għalhekk, is-sentenza "Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport **fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament"** tista' (fejn id-dħul fis-seħħ huwa l-1 ta' Jannar 2015) tiġi ssostitwita b'"Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport sal-**31 ta' Diċembru 2016**."

Jekk id-data eżatta ma tkunx magħrufa meta l-att jiġi adottat, iżda ser tkun magħrufa meta jiġi ppubblikat (pereżempju, hija data li tista’ tiġi stabbilita fuq il-bażi tad-data ta’ pubblikazzjoni tal-att ikkonċernat), jiddaħħlu tliet punti segwiti bi spjegazzjoni, f'parentesi kwadri, dwar kif tiġi kkalkulata d-data eżatta. Meta l-att jiġi ppubblikat, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jissostitwixxi il-punti, il-parentesi kwadri u l-ispjegazzjonijiet bid-data eżatta.

Eżempju:

> "L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom japplikaw ippeżar ta' riskju ta' 50 % għas-self pendenti fi … [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. F'dan il-każ, il-proprjetà għandha tkun ivvalutata mhux aktar tard minn … [ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].”

Jekk id-data eżatta tkun għadha mhix magħrufa meta l-att jiġi ppubblikat (pereżempju, hija data li tista' tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' avveniment futur, bħal pereżempju s-sħubija f'organizzazzjoni internazzjonali), tista' tiġi inkluża dispożizzjoni fit-termini ta' promulgazzjoni sabiex il-Kummissjoni tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* avviż li jindika d-data eżatta, ladarba tkun magħrufa. F'każijiet bħal dawn, huwa tajjeb li tiżdied sentenza fil-premessi li tindika li l-pubblikazzjoni sservi biss sabiex il-pubbliku jiġi informat, u ma għandha l-ebda konsegwenzi legali:

"(...) ... Huwa xieraq li jiġi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jindika d-data ta' ..., sabiex jiġi ffaċilitat aċċess lill-pubbliku għal dik l-informazzjoni."

## D.10.2. Atti emendatorji

Fejn data jew perjodu huwa indikat b'referenza għal "**dan(din)** ir-Regolament/id-Direttiva/Deċiżjoni", f'att li jemenda att ieħor tal-istess tip, għandha tingħata attenzjoni biex ma jitħalltux iż-żewġ atti.

Dan japplika b'mod partikolari fil-każijiet fejn ir-referenza tidher f'dispożizzjoni ta' emenda (fil-virgoletti) li ddaħħal test fl-att emendat. Dik ir-referenza (pereżempju, għal "dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva") tirreferi għall-att **emendat**. Fejn l-intenzjoni hi li tirreferi għall-att emendatorju, ma tista' issir l-ebda referenza diretta għall-att emendatorju fit-test imdaħħal fl-att emendat u r-riżultat maħsub jista' jintlaħaq permezz tas-sostituzzjoni tar-referenza b'indikazzjoni oħra (normalment data konkreta).

Eżempju (direttiva tal-2015 li temenda d-direttiva tal-2000):

"Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

'Artikolu 7a

**Sal-31 ta' Diċembru 2020**, il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport …'."

mhux

"Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

'Artikolu 7a

… Fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport, **fi żmien ħames snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva**, rapport …'."[71]

### D.10.3. Bidu ta' perjodi

Ara l-punt 20.17 GPK[72].

*NB:* L-espressjoni "wara" m'għandhiex tintuża minħabba li tista' twassal għal konfużjoni. Jekk tintuża, id-data li ssegwi "wara" għandha tkun id-data ta' qabel dik li fiha jibda l-perjodu. L-espressjoni "wara l-31 ta' Diċembru 2015" tfisser "fl-1 ta' Jannar 2016 jew kwalunkwe data wara".

### D.10.4. Tmiem ta' perjodi

Ara l-punt 20.18 GPK[73].

### D.10.5. Skadenzi (limiti ta' żmien)

Il-limiti ta' żmien jintemmu **f'nofs il-lejl tad-data indikata**[74].

71 Spjegazzjoni: L-Artikolu 7a (dispożizzjoni ġdida) għandu jiddaħħal fid-direttiva emendata; "din id-Direttiva" b'hekk għandu jfisser id-direttiva tal-2000. Madankollu, perezz ta' kalkolu sempliċi jidher li d-Direttiva tal-2015 (+ ħames snin = 2020) hija dik li l-awtur ried ikopri (mill-2000 + ħames snin = 2005, fis-sena li tkun diġà għaddiet mill-2015, id-data tal-adozzjoni tad-direttiva emendatorja).

72 Ara r-Regolament (KEE, EURATOM) Nru 1182/71 tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1971/1182/oj).

73 Ara r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71.

74 Ara r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71.

Fejn għandha tittieħed deċiżjoni, il-formulazzjoni li ġejja, fejn jidher ċar li l-aħħar ġurnata għandha tiġi inkluża wkoll, għandhom jintużaw:

"sal-[31 ta' Diċembru 2015] "

Fejn għandu jiġi ppreżentat rapport, sottomessa proposta jew ikun osservat limitu ta' żmien (pereżempju fil-każ tad-direttivi), każijiet fejn x'aktarx li l-kompitu ma jkunx ser jitwettaq fl-aħħar jum, tintuża l-forma simplifikata li ġejja:

"qabel [l-1 ta' Jannar 2016]"

*NB*: L-espressjoni "qabel …" għandha tiġi segwita bid-data li tiġi wara t-tmiem tal-perjodu. L-espressjoni "qabel l-1 ta' Jannar 2016" tfisser "sal-31 ta' Diċembru 2015".

## D.11. REFERENZI GĦAL LINGWI

Għar-referenzi tal-lingwi u l-ordni tagħhom fit-testi multilingwi jew monolingwi, ara l-punti 7.2.1 u 7.2.2 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali.

## D.12. NOTI TA' QIEGĦ IL-PAĠNA U STRUZZJONIJIET LILL-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

Noti ta' qiegħ il-paġna effettivi jinkludu informazzjoni li għandha tiġi stampata "kif inhi" fit-test ippubblikat. Bħala regola ġenerali[75] , noti ta' qiegħ il-paġna effettivi huma introdotti permezz ta' numri konsekuttivi u huma jidhru fil-qiegħ tal-paġna fejn jidher it-test li jirrigwardhom. Bħala eċċezzjoni, meta noti ta' qiegħ il-paġna effettivi jirrigwardaw dispożizzjoni li żżid jew tissostitwixxi test f'att eżistenti, huma jiddaħħlu permezz ta' asterisk wieħed, tnejn, tlieta eċċ. u jidhru immedjatament wara l-blokk tat-test emendatorju.

Noti ta' qiegħ il-paġna tekniċi huma istruzzjonijiet lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet sabiex tiddaħħal fit-test, qabel il-pubblikazzjoni, informazzjoni li hija ta' natura purament teknika u li għaldaqstant ma għandha l-ebda impatt fuq is-sustanza, bħal pereżempju n-numru sekwenzjali ta' att li jkun għadu ma ġiex ippubblikat. Noti ta' qiegħ il-paġna tekniċi jiddaħħlu permezz tas-sinjal "plus" (+), f'għadd li dejjem jikber. Huma jidhru dejjem fil-qiegħ tal-paġna fejn jidher it-test li jirrigwardhom, anki jekk jappartjenu għal dispożizzjoni li żżid jew tissostitwixxi test f'att eżistenti.

---

[75] In-noti ta' qiegħ il-paġna li jirrigwardaw annessi tekniċi (bħal formularji u tabelli) li jkopru diversi paġni jistgħu xi drabi jsegwu regoli differenti.

Eżempju tat-taħlit tad-diversi tipi ta' noti ta' qiegħ il-paġna:

"Artikolu 5

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

""Fl-iżvilupp tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji skont dan il-paragrafu, AETS ma għandhiex tippreġudika d-dispożizzjoni tranżittorja dwar kuntratti tad-derivati tal-enerġija C6 kif stabbilita fl-Artikolu 95 tad-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*+] u fl-Artikolu 35(6), punt (e), tar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [**] [++].

---

[*] Id-Direttiva (UE) ... / ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta '... fi ... (ĠU ...).

[**] Ir-Regolament (UE) ... / ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta '... fi ... (ĠU ...). '

(2) ...

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj).

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 23/14 (2011/0298(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota ta' qiegħ il-paġna

[++] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 78/13 (2011/0295(COD) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna."

Meta l-istruzzjoni lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni tirrigwarda s-sustanza, pereżempju, id-data ta' applikazzjoni jew id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att, din ma tiġix ippreżentata bħala nota ta' qiegħ il-paġna: jiddaħħlu tliet punti fil-korp tat-test, flimkien mal-istruzzjoni fil-parentesi kwadri (ara l-eżempju fil-punt D.10.1).

ANNESS I

# Gwida Prattika Komuni

# tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill
# u
# tal-Kummissjoni

# għal persuni involuti fl-abbozzar
# ta' testi ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea

Daħla għat-tieni edizzjoni

Għal iktar minn għaxar snin, il-Gwida Prattika Komuni ġiet meqjusa bħala strument utli biex jiġi żgurat li l-atti legali mħejjija mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill Kummissjoni jiġu abbozzati b'mod ċar u preċiż. Il-prinċipji stabbiliti fil-Gwida huma punt ta' riferiment għat-tliet istituzzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-abbozzar leġiżlattiv.

Madankollu, minn żmien il-pubblikazzjoni tal-ewwel edizzjoni fis-sena 2000, seħħ bosta tibdil f'dak li issa hu magħruf bħala d-dritt tal-Unjoni. Kien meħtieġ li l-aġġornar parzjali li diġà kien jinsab online kif ukoll l-adattamenti introdotti mit-Trattat ta' Lisbona[1] jiġu kkonsolidati f'edizzjoni ġdida.

Kien hemm lok li din l-edizzjoni tiġi ssimplifikata f'ċerti aspetti u li jiġi rifless l-iktar tibdil riċenti. Huma mistennija iktar żviluppi; meta ż-żmien ikun xieraq, dawn għandhom jiġu integrati fit-test tal-Gwida mill-Grupp ta' Riflessjoni dwar l-Abbozzar Leġiżlattiv[2], li se jkun responsabbli li jiżgura li l-Gwida tibqa' dejjem aġġornata.

Il-Gwida Prattika Komuni hija pjattaforma ta' prinċipji ġenerali dwar l-abbozzar. Kull istituzzjoni tuża l-Gwida flimkien ma' strumenti oħrajn li fihom formulazzjonijiet standard u regoli prattiċi iktar dettaljati.

Nittamaw li l-Gwida, adattata u aġġornata, tibqa' tikkontribwixxi favur il-kwalità tal-atti leġiżlattivi tal-Unjoni.

| | |
|---|---|
| Għas-Servizz Ġuridiku<br>tal-Parlament Ewropew | Għas-Servizz Ġuridiku<br>tal-Kunsill |
| Is-Sur Christian PENNERA | Is-Sur Hubert LEGAL |
| Jurisconsult | Jurisconsult |

Għas-Servizz
Ġurdiku tal-
Kummissjoni

Is-Sur Luis ROMERO REQUENA

Direttur Ġenerali

Brussell, 11 ta' Lulju 2013

1 Għall-fini ta' din l-edizzjoni, il-kliem tal-linji gwida komuni adottati permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-1998 (ara d-daħla għall-ewwel edizzjoni), li introduċa s-suddiviżjonijiet tal-Gwida, ġie adattat fejn xieraq biex jirrifletti dawk l-iżviluppi.

2 Il-Grupp ta' Riflessjoni ġie maħluq fl-2010 sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-abbozzar leġiżlattiv.

## Daħla għall-ewwel edizzjoni

Biex il-leġiżlazzjoni Komunitarja tinftiehem aħjar u tiġi implimentata kif xieraq, huwa essenzjali li jiġi żgurat li tkun abbozzata tajjeb. L-atti adottati mill-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom jitfasslu b'mod intelliġibbli u koerenti skont prinċipji uniformi ta' preżentazzjoni u abbozzar leġiżlattiv, biex b'hekk iċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jidentifikaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u l-qrati jkunu jistgħu jinfurzawhom, u wkoll biex, fejn ikun meħtieġ, l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrasponu dawk l-atti korrettament u fil-ħin.

Sa mill-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu fl-1992, il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni aħjar, permezz ta' atti aktar ċari u sempliċi li jkunu konformi ma' prinċipji ta' abbozzar leġiżlattiv tajjeb, ġiet rikonoxxuta fuq l-ogħla livell politiku. Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni ħadu passi biex jindirizzaw din il-ħtieġa[1]. Dan ġie affermat mill-ġdid fid-Dikjarazzjoni Nru 39 dwar il kwalità tal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam. B'riżultat ta' dik id-Dikjarazzjoni, it-tliet istituzzjonijiet involuti fil-proċedura tal-adozzjoni tal-atti Komunitarji, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, adottaw linji gwida komuni maħsuba biex itejbu l-kwalità tal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni Komunitarja permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-22 ta' Diċembru 1998[2].

Din il-Gwida tħejjiet mit-tliet Servizzi Ġuridiċi skont l-istess Ftehim sabiex tiżviluppa l kontenut u tispjega l-implikazzjonijiet ta' dawk il-linji gwida billi tikkummenta dwar kull waħda minnhom u tiċċarahom permezz ta' eżempji. Hija maħsuba biex tintuża minn dawk kollha involuti fl-abbozzar tat-tipi l-aktar komuni ta' atti Komunitarji. Barra minn hekk, għandha sservi ta' ispirazzjoni għal kull att tal-istituzzjonijiet, kemm jekk fil-qafas tat Trattati Komunitarji kif ukoll taħt it-Titoli tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jittrattaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-kooperazzjoni bejn il-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali.

Il-Gwida Prattika Komuni għandha tintuża flimkien ma' strumenti aktar speċifiċi oħrajn bħalma huma l-Formularju tal-Atti tal-Kunsill, il-Manwal tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzar Leġiżlattiv, il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali ppubblikata mill-Uffiċċju tal Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew il-mudelli fil-LegisWrite. Ikun utli wkoll, u ħafna drabi indispensabbli, li ssir referenza għad-dispożizzjonijiet relevanti tat Trattati u l-atti bażiċi ewlenin fil-qasam speċifiku.

Is-servizzi tat-tliet istituzzjonijiet huma mħeġġa jużaw il-Gwida u jikkontribwixxu bil kummenti tagħhom. Dawn jistgħu jintbagħtu fi kwalunkwe żmien lill-Grupp Interistituzzjonali dwar il-kwalità tal-abbozzar, li jżomm il-Gwida aġġornata.

[1] Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 1993 dwar il-kwalità tal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni Komunitarja (ĠU C 166, 17.6.1993, p. 1). Il-Kummissjoni: Linji gwida għal politika leġiżlattiva, id-dokument SEC(1995) 2255/7, it-18 ta' Jannar 1996.

[2] Ftehim Interistituzzjonali tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar linji gwida komuni għall-kwalità fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni Komunitarja (ĠU C 73, 17.3.1999, p. 1).

It-tliet Servizzi Ġuridiċi jittamaw li l-Gwida tkun ta' għajnuna għal kull min hu b'xi mod involut fl-abbozzar ta' atti leġiżlattivi fl-istituzzjonijiet. Hekk ikunu jistgħu jikkontribwixxu flimkien lejn l-iskop komuni li ċ-ċittadini Ewropej jiġu ppreżentati b'leġiżlazzjoni li tirrifletti biċ-ċar l-għanijiet tal-Unjoni Ewropea u l-mezzi li tuża biex tilħaqhom.

Għas-Servizz Ġuridiku
tal-Parlament Ewropew

Monsieur G. GARZÓN CLARIANA
Jurisconsulte

Għas-Servizz Ġuridiku
tal-Kunsill

Monsieur J-C. PIRIS
Jurisconsulte

Għas-Servizz Ġuridiku
tal-Kummissjoni

Monsieur J-L. DEWOST
Directeur général

Bruxelles, le 16 Mars 2000

# WERREJ

DAĦLIET

PRINĊIPJI ĠENERALI
(Linji gwida 1 sa 6) ....................................................................................................6

IL-PARTIJIET DIFFERENTI TAL-ATT
(Linji gwida 7 sa 15) .................................................................................................. 18

REFERENZI INTERNI U ESTERNI
(Linji gwida 16 u 17)................................................................................................. 34

ATTI LI JEMENDAW
(Linji gwida 18 u 19) .................................................................................................. 41

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI, TĦASSIR U ANNESSI
(Linji gwida 20, 21 u 22) ........................................................................................... 49

Prinċipji ġenerali
Linji Gwida 1 sa 6

1. L-ATTI GURIDICI TAL-UNJONI GĦANDHOM IKUNU ABBOZZATI B'MOD CAR, SEMPLICI U PREĊIŻ*.

1.1. L-abbozzar ta' att ġuridiku għandu jkun:

- ċar, jinftiehem faċilment u mingħajr ambigwitajiet;
- sempliċi, konċiż, mingħajr elementi bla bżonn;
- preċiż, li ma jħalli l-ebda inċertezza f'moħħ il-qarrej.

1.2. Dan il-prinċipju ta' sens komun huwa wkoll l-espressjoni ta' prinċipji ġenerali tad-dritt, bħalma huma:

- l-ugwaljanza taċ-ċittadini quddiem il-liġi, fis-sens li l-liġi għandha tkun aċċessibbli u tinftiehem minn kulħadd,
- iċ-ċertezza legali, fis-sens li għandu jkun possibbli li wieħed ikun jaf kif ser tkun applikata l-liġi.

1.2.1. Dan il-prinċipju huwa partikolarment importanti għal atti ġuridiċi tal-Unjoni, li għandhom jidħlu f'sistema li mhux biss hija kumplessa, iżda wkoll multikulturali u multilingwistika (ara l-Linja gwida 5).

1.2.2. L-għan tal-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju huwa: l-ewwel, li l-leġiżlazzjoni tkun tinftiehem aktar; u t-tieni li jiġi evitat tilwim li jirriżulta minn abbozzar ta' kwalità ħażina.

* F'din l-edizzjoni tal-Gwida Prattika Komuni, il-formulazzjoni tal-Linji Gwida ġiet adattata, fejn meħtieġ, biex jitqies it-tibdil li ddaħħal mit-Trattat ta' Lisbona.

1.3. Dispożizzjonijiet li ma jkunux ċari jistgħu jiġu interpretati b'mod strett mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'każijiet bħal dawn, ir-riżultat ikun l-oppost ta' dak maħsub meta fit-test ikunu ġew inkorporati aspetti ambigwi intiżi biex isolvu problemi li jkun hemm fin-negozjati dwar id-dispożizzjoni[1].

1.4. Huwa ċar li jista' jkun hemm kunflitt bejn ir-rekwiżit tas-sempliċità u dak tal-preċiżjoni. Spiss is-simplifikazzjoni titwettaq b'detriment għall-preċiżjoni u viċi versa. Fil-prattika, għandu jinstab bilanċ sabiex id-dispożizzjoni tkun kemm jista' jkun preċiża, mingħajr ma ssir diffiċli wisq biex tinftiehem. Dan il-bilanċ jista' jvarja skont id-destinatarji ta' dik id-dispożizzjoni (ara l-Linja gwida 3).

| |
|---|
| Eżempju ta' test li ma laħaqx dan il-bilanċ:<br><br>"F'kull Stat Membru għandha tiddaħħal u tkun obbtigatorja sistema ta' ttikkettar [ta' prodott] mitt-1 ta' Jannar 2000 'il quddiem. Madankollu, din is-sistema obbligatola ma teskludix il-possibbiltà li Stat Membru jiddeċiedi li japplika s-sistema biss fuq għażla [fir-rigward tal-prodott] mibjugħ fl-istess Stat Membru". |

1.4.1. Sabiex jesprimi l-intenzjoni ġuridika f'termini sempliċi, l-awtur għandu jipprova jaqsamha f'kunċetti sempliċi. Sa fejn ikun possibbli, għandu jintuża lingwaġġ ta' kuljum. Fejn ikun meħtieġ, iċ-ċarezza tal-espressjoni għandha tieħu preċedenza fuq is-sbuħija tal-istil. Pereżempju, għandu jiġi evitat l-użu ta' sinonimi u espressjonijiet differenti biex iwasslu l-istess idea.

1.4.2. Abbozzar li jkun grammatikament korrett u li jirrispetta r-regoli tal-punteġġatura jagħmilha aktar faċli biex it-test jinftiehem tajjeb bil-lingwa tal-abbozzar kif ukoll biex it-test jiġi tradott fil-lingwi l-oħrajn (ara l-Linja gwida 5).

2. L-ATTI TAL-UNJONI GĦANDHOM IKUNU ABBOZZATI SKONT IT-TIP TA' ATT IKKONĊERNAT U, B'MOD PARTIKOLARI, SKONT JEKK L-ATT IKUNX VINKOLANTI JEW LE (REGOLAMENT, DIRETTIVA, DEĊIŻJONI, RAKKOMANDAZZJONI, JEW ATT IEĦOR)*.

2.1. Id-diversi atti ġuridiċi kollha għandhom il-preżentazzjoni standard u l-formuli standard tagħhom (ara l-Linja gwida 15).

---

1 Ara l-Kawża *C-6/98 ARD vs Pro Sieben* [1999] ECR I-7599.

* F'din l-edizzjoni tal-Gwida Prattika Komuni, il-formulazzjoni tal-Linji Gwida ġiet adattata, fejn meħtieġ, biex jitqies it-tibdil li ddaħħal mit-Trattat ta' Lisbona.

2.2. L-istil ta' abbozzar għandu jqis it-tip tal-att.

2.2.1. Peress li r-Regolamenti japplikaw direttament u huma vinkolanti fl-intier tagħhom, id-dispożizzjonijiet tagħhom għandhom ikunu abbozzati b'mod li d-destinatarji ma jkollhom l-ebda dubju rigward id-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minnhom: għalhekk għandhom ikunu evitati referenzi għal awtoritajiet nazzjonali intermedjarji, ħlief fejn l-att jipprovdi għal azzjoni komplimentari mill-Istati Membri.

| |
|---|
| Eżempju:<br><br>"Kull kumpanija għandha żżomm reġistru ..." |

2.2.2. Id-Direttivi huma indirizzati lill-Istati Membri:

| |
|---|
| Eżempju:<br><br>"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull kumpanija żżomm reġistru …" |

Barra minn hekk, jiġu abbozzati f'anqas dettall sabiex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed diskrezzjoni fit-traspożizzjoni tagħhom. Jekk it-termini ta' promulgazzjoni jkunu dettaljati wisq u ma jħallux din id-diskrezzjoni, l-istrument xieraq ikun regolament, u mhux direttiva.

2.2.3. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu abbozzati b'mod li jqisu d-destinatarji tagħhom, iżda fil-biċċa l-kbira tagħhom xorta għandhom ikunu konformi mar-regoli formali tal-preżentazzjoni tal-atti ta' applikazzjoni ġenerali:

| |
|---|
| Eżempju:<br><br>"[L-Istat Membru] jista' jirċievi għajnuna finanzjarja mill-Unjoni marbuta mat-tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li ġie kkonfermat fi' ... ." |

2.2.4. Il-lingwaġġ tar-rakkomandazzjonijiet għandu jqis il-fatt li d-dispożizzjonijiet tagħhom m'humiex vinkolanti:

| |
|---|
| Eżempju:<br><br>"Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri ..." |

2.3. Il-mod kif ikun abbozzat l-att għandu jqis ukoll jekk dan ikunx vinkolanti jew le.

2.3.1. L-għażla tal-verb u t-temp tvarja bejn il-kategoriji differenti ta' atti u bejn il-lingwi differenti, kif ukoll bejn il-premessi u t-termini ta' promulgazzjoni (ara l-Linji gwida 10 u 12).

2.3.2. Fit-termini ta' promulgazzjoni ta' atti vinkolanti, il-Franċiż juża l-preżent, filwaqt li l-Ingliż ġeneralment juża l-awżiljarju "shall". Fiż-żewġ lingwi, l-użu tal-futur għandu jiġi evitat fejn ikun possibbli. Fil-Malti, fit-termini ta' promulgazzjoni ta' atti vinkolanti, tintuża l-kelma "għandu" u l-konjugazzjonijiet tagħha. L-użu tal-futur għandu jiġi evitat.

2.3.3. Min-naħa l-oħra, f'atti li m'humiex vinkolanti, m'għandhomx jintużaw forom fl-imperattiv, u lanqas strutturi jew preżentazzjoni simili wisq għal dik ta' atti vinkolanti.

3. L-ABBOZZAR TAL-ATTI GĦANDU JQIS IL-PERSUNI LI GĦALIHOM IKUNU MAĦSUBA LI JAPPLIKAW, BIL-GĦAN LI JIPPERMETTILHOM JIDENTIFIKAW ID-DRITTIJIET U L-OBBLIGI TAGĦHOM MINGĦAJR AMBIGWITÀ, KIF UKOLL TAL-PERSUNI RESPONSABBLI MID-DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-ATTI.

3.1. Hemm kategoriji differenti ta' destinatarji ta' atti ġuridiċi, li jvarjaw mill-pubbliku ġenerali għal speċjalisti f'oqsma speċifiċi. Kull kategoriija hija intitolata li tistenna li l-leġiżlazzjoni tuża lingwaġġ li jinftiehem minnha.

3.2. Il-fatt li jiġu kkunsidrati l-kategoriji differenti ta' persuni li lilhom ikunu indirizzati l-atti, jirriżulta f'aġġustamenti kemm fid-dikjarazzjoni ta' raġunijiet kif ukoll fit-termini ta' promulgazzjoni tal-atti.

3.3. Il-faċilità tat-traspożizzjoni wkoll tiddependi minn hekk.

3.4. Minbarra d-destinatarji, l-atti jinvolvu wkoll intervent mill-awtoritjiet nazzjonali fuq livelli differenti, pereżempju, uffiċjali pubbliċi, xjentisti u mħallfin. Il-lingwaġġ tal-att għandu jqis il-fatt li t-testi jistgħu jinkludu rekwiżiti tekniċi li l-implimentazzjoni tagħhom taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' uffiċjali speċjalizzati f'dak il-qasam.

<u>Eżempju ta' abbozzar immirat:</u>

"Artikolu 3

Iċ-Ċentru tal-Analiżi tal-Falsifikazzjonijiet u d-database ta' valuta

ffalsifikata

1. Iċ-Ċentru tal-Analiżi tal-Falsifikazzjonijiet (ĊAF) u d-database ta' valuta ffalsifikata (DVF) tas-SEBĊ għandhom jiġu stabbiliti u jaħdmu taħt il-patronċinju tal-BĊE. L-istabbiliment taċ-ĊAF huwa maħsub biex jiċċentralizza l-analiżi teknika u l-informazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-falsifikazzjoni tal-karti tal-flus euro maħruġa mill-BĊE u l-BĊN. L-informazzjoni kollha teknika u statistika li tirrigwarda l-falsifikazzjoni tal-karti tal-flus euro għandha tiġi maħżuna ċentralment fid-DVF.

2. ...

3. Mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet legali, il-BĊN għandhom jipprovdu liċ-ĊAF bl-oriġinali tat-tipi l-ġodda ta' karti tal-flus euro foloz fil-pussess tagħhom, għall-għanijiet tal-investigazzjoni teknika u tal-klassifikazzjoni ċentrali Il-valutazzjoni preliminari dwar jekk falsifikazzjoni speċifika tappartjenix għal tip ikklassifikat jew kategorija ġdida għandha titwettaq mill-BĊN."

4. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-ATTI GĦANDHOM IKUNU KONĊIŻI U L-KONTENUT TAGĦHOM GĦANDU JKUN KEMM JISTA' JKUN OMOĠENJU. GĦANDHOM IKUNU EVITATI ARTIKOLI U SENTENZI TWAL WISQ, STRUTTURI KKUMPLIKATI BLA BŻONN U UŻU EĊĊESSIV TA' ABBREVJAZZJONIJIET.

4.1. Il-karatteristika ta' stil ġuridiku tajjeb hija l-espressjoni konċiża tal-ideat ewlenin tat-test. Klawżoli illustratavi, maħsuba biex jiċċaraw it-test għall-qarrej, jistgħu jwasslu għal problemi fl-interpretazzjoni.

4.2. It-test għandu jkun internament konsistenti.

4.2.1. Il-kamp ta' applikazzjoni għandu jkun rispettat fl-att kollu. Id-drittijiet u l-obbligi m'għandhomx imorru lil hinn minn dawk dikjaratament koperti bl-att ikkonċernat, u lanqas m'għandhom jestendu għal oqsma oħra.

4.2.2. Id-drittijiet u l-obbligi għandhom ikunu koerenti u mhux kontradittorji.

4.2.3. Test li huwa essenzjalment temporanju m'għandux jinkludi dispożizzjonijiet ta' natura permanenti.

4.3. L-atti għandhom ikunu wkoll konsistenti ma' atti oħrajn tal-Unjoni.

4.3.1. B'mod partikolari, għandu jiġi evitat li l-atti jikkoinċidu ma' atti oħrajn f'qasam speċifiku jew jikkontradixxuhom.

4.3.2. Għandu jiġi evitat ukoll kull dubju rigward l-applikabilità ta' atti oħrajn (ara wkoll il-Linja gwida 21).

4.4. Is-sentenzi għandhom jesprimu idea waħda biss, u, minħabba li jkunu magħmula minn għadd ta' sentenzi, l-artikoli għandhom jiġbru flimkien numru ta' ideat b'rabta loġika bejniethom. It-test għandu jinqasam f'diviżjonijiet faċilment assimilabbli (ara t-tabella fil-Linja gwida 15) skont l-iżvolġiment tar-raġunament, u dan għaliex blokka kliem li tkun kompatta wisq hija diffiċli biex tiġi assorbita kemm għall-għajn kif ukoll għall-moħħ. Dan, madanakollu, m'għandux iwassal għal sentenzi maqsuma b'mod artifiċjali u bla bżonn.

4.5. L-istruttura ta' kull artikolu għandha tkun sempliċi kemm jista' jkun.

4.5.1. Mhuwiex meħtieġ għall-finijiet ta' interpretazzjoni, u lanqas m'hu mixtieq fl-interess taċ-ċarezza, li artikolu wieħed ikopri aspett sħiħ tar-regoli stabbiliti fl-att. Ikun ħafna aħjar li dak l-aspett jiġi ttrattat f'għadd ta' artikoli miġbura flimkien f'taqsima waħda (ara l-Linja gwida 15).

4.5.2. B'mod partikolari fl-istadji inizjali tal-abbozzar tal-att, l-artikoli m'għandhomx jingħataw struttura kumplessa wisq. Matul il-proċedura tal-adozzjoni tagħhom, l-abbozzi u l-proposti tal-atti jgħaddu minn deliberazzjonijiet u negozjati li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, iwasslu għal żidiet u rtokki ulterjuri. Ikun ukoll diffiċli li jiddaħħlu emendi sussegwenti tal-att, li ħafna drabi jkunu numerużi, jekk l-artikoli jkunu diġà kumplessi żżejjed.

Eżempju ta' test mhux konformi ma' dawn il-prinċipji:

"4. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jidderogaw mill-paragrafu 2 fir-rigward ta' servizz partikolari ta' soċjetà tal-informatika jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) il-miżuri għandhom ikunu:

(i) meħtieġa għal waħda minn dawn ir-raġunijiet:

(1) l-ordni pubblika, partikolarment il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inklużi l-protezzjoni ta' minuri u l-ġlieda kontra t-tixwix għall-mibegħda fuq il-bażi ta' razza, sess, reliġjon jew nazzjonalità, u ksur tad-dinjità umana li jikkonċernaw persuni individwali,

(2) il-protezzjoni tas-saħħa pubblika,

(3) is-sigurtà pubblika, inkluż is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u d-difiża,

(4) il-protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi l-investituri;

(ii) meħuda kontra servizz partikolari ta' soċjetà tal-informatika li jippreġudika l-għanijiet imsemmijin fil-punt (i) jew li huwa ta' riskju serju u gravi għal dawk l-għanijiet;

(iii) proporzjonati għal dawk l-għanijiet;

(b) qabel ma jittieħdu l-miżuri msemmija u mingħajr preġudizzju għal proċedimenti fil-qrati, inklużi proċedimenti preliminari u atti mwettqa fil-qafas ta' investigazzjoni kriminali, l-Istat Membru jkun:

(i) talab lill-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 biex jieħu l-miżuri u dan tal-aħħar ma jkunx ħa miżuri, jew il-miżuri kienu inadegwati;

(ii) innotifika lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru msemmi fil-paragraful bl-intenzjoni tiegħu li jieħu dawk il-miżuri.".

4.6. Xi kultant ikun aktar faċli li jiġu abbozzati sentenzi kkumplikati milli jsir sforz biex tingħata sinteżi tal-kontenut b'lingwaġġ ċar. Madankollu, dan l-isforz huwa essenzjali biex jinkiseb test li jinftiehem u li jista' jiġi tradott faċilment.

4.7. L-użu tal-abbrevjazzjonijiet għandu jsir skont id-destinatarji potenzjali. L-abbrevjazzjonijiet għandhom ikunu familjari jew imfissra b'mod ċar meta użati l-ewwel darba (pereżempju: "Bank Ċentrali Ewropew, (BĊE)"; "l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, (ESAs)"). Fejn abbrevjazzjoni tkun diġà ġiet spjegata fil-premessi u terġa' tintuża fit-termini ta' promulgazzjoni, din għandha normalment terġa' tiġi spjegata l-ewwel darba li tintuża fit-termini ta' promulgazzjoni. Madankollu, l-utilità ta' dik ir-repetizzjoni għandha tiġi vvalutata każ b'każ, b'mod partikolari billi jitqiesu l-għadd u t-tul tal-premessi jew in-natura magħrufa sew u mhux ambigwa tal-abbrevjazzjoni.

5. MATUL IL-PROĊESS LI JWASSAL GĦALL-ADOZZJONI TAGĦHOM, L-ABBOZZI TAL-ATTI GĦANDHOM IKUNU MĦEJJIJA B'TERMINI U STRUTTURI TAS-SENTENZI LI JIRRISPETTAW IN-NATURA MULTILINGWISTIKA TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UNJONI; TERMINOLOĠIJA JEW KUNĊETTI SPEĊIFIĊI GĦAL XI SISTEMA ĠURIDIKA NAZZJONALI GĦANDHOM JINTUŻAW B'KAWTELA[*].

5.1. Il-persuna li tabbozza att b'applikazzjoni ġenerali għandha dejjem tkun konxja li t-test għandu jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1, li għall-atti ġuridiċi jirrikjedi l-użu tal-ilsna uffiċjali kollha. Dan jinvolvi rekwiżiti addizzjonali lil hinn minn dawk li japplikaw għall-abbozzar ta' test ġuridiku nazzjonali.

5.2. Minn naħa waħda, it-test oriġinali għandu jkun partikolarment sempliċi, ċar u dirett, għaliex kull kumplessità jew ambigwità żejda, żgħira kemm hi żgħira, tista' tirriżulta f'ineżattezzi, approssimazzjonijiet jew żbalji reali fit-traduzzjoni f'xi lingwa waħda tal-Unjoni jew f'aktar.

> Eżempju ta' abbozzar li għandu jiġi evitat:
>
> "il-prezzijiet tas-suq ta' prodott X għandhom ikunu l-prezzijiet tal-fabbrika, esklużi t-taxxi u l-imposti nazzjonali:
>
> (a) tal-prodott frisk ippakkjat fi blokok,
>
> (b) miżjuda b'ammont ta' EUR X biex jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport meħtieġa"
>
> F'dak il-każ, ikun aħjar li ma tintużax lista, iżda li t-test jiġi ppreżentat kif ġej:
>
> "Il-prezzijiet tas-suq ta' prodott X għandhom ikunu l-prezzijiet tal-fabbrika tal-prodott frisk ippakkjat fi blokok, esklużi t-taxxi u l-imposti nazzjonali. Dawk il-prezzijiet għandhom jiżdiedu b'ammont ta' EUR X biex iqisu l-ispejjeż tat-trasport meħtieġa."

[*] F'din l-edizzjoni tal-Gwida Prattika Komuni, il-formulazzjoni tal-Linji Gwida ġiet adattata, fejn meħtieġ, biex jitqies it-tibdil li ddaħħal mit-Trattat ta' Lisbona.

5.2.1. Għandu jiġi evitat li wieħed jaqta' fil-qasir jew li juża frażijiet elittiċi. Din il-prattika tintuża fi sforz biex jitqassar test li minħabba l-kumplessità tiegħu jkun fil-fatt jirrikjedi spjegazzjoni aktar espliċita.

> Eżempju ta' abbozzar li għandu jiġi evitat:
>
> "Jekk il-prodotti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrestrinġu jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' dawk il-prodotti jew biex jiżguraw li dawn jitneħħew mis-suq, suġġett għal penali fl-eventwalità l-oħra deċiża mill-Istati Membri."
>
> Test preferut:
>
> "Jekk il-prodotti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-prodotti jew biex jiżguraw li jitneħħew mis-suq.
>
> L-Istati Membri għandhom jiffissaw penali li għandhom ikunu applikati fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew tneħħija mis-suq."

5.2.2. Għandhom jiġu evitati wkoll sentenzi kkumplikati żżejjed, li jkun fihom bosta frażijiet, klawżoli subordinati jew parentesi.

> Eżempju ta' abbozzar li għandu jiġi evitat:
>
> "Il-partijiet kollha tal-ftehim għandhom ikollhom aċċess għar-riżultati tal-ħidma, mingħajr preġudizzju soġġett għall-qbil li l-istituti tar-riċerka għandhom il-possibbiltà li jirriżervaw l-użu tar-riżultati għal proġetti ta' riċerka sussegwenti."
>
> Test preferut:
>
> "Il-partijiet kollha għall-ftehim għandhom ikollhom aċċess għar-riżultati tal-ħidma. Madankollu, l-istituti tar-riċerka jistgħu jirriżervaw l-użu tar-riżultati għal proġetti ta' riċerka sussegwenti."

5.2.3. Ir-relazzjoni grammatikai! bejn il-partijiet differenti tas-sentenza għandha tkun ċara. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju, pereżempju, dwar jekk aġġettiv hux marbut ma' nom wieħed jew ma' bosta.

> Eżempju ta' abbozzar li għandu jiġi evitat:
>
> "... ġonna u sptarijiet pubbliċi ..."
>
> Test ippreferut:
>
> "... ġonna pubbliċi u sptarijiet pubbliċi ..."

5.2.4. Għandu jiġi evitat ukoll kliem meqjus bħala jargon, ċertu kliem popolari u espressjonijiet bil-Latin użati f'sens differenti mit-tifsira legali ġeneralment aċċettata.

5.3. Ukoll, l-użu ta' espressjonijiet u frażijiet — b'mod partikolari, termini legali — li jkunu specifici wisq għal-lingwa jew għas-sistema ġuridika tal-awtur, iżidu r-riskju ta' problemi ta' traduzzjoni.

Meta wieħed ikun qiegħed jabbozza għandu jikkunsidra partikolarment żewġ punti:

5.3.1. Ċerti espressjonijiet komuni fil-lingwa li biha jkun qed jiġi abbozzat it-test m'għandhomx espressjoni ekwivalenti f'lingwi oħrajn tal-Unjoni. Għalhekk, f'dawk il-lingwi, it-traduzzjoni tista' ssir biss b'verbożità u approssimazzjonijiet, li inevitabbilment iwasslu għal diverġenzi semantiċi bejn il-verżjonijiet fid-diversi lingwi. Għaldaqstant, espressjonijiet li huma speċifiċi wisq għal lingwa waħda għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun.

5.3.2. Rigward it-terminoloġija legali attwali, għandhom jiġu evitati termini li jkunu marbutin wisq mas-sistemi ġuridiċi nazzjonali.

> Eżempju:
>
> Il-kunċett ta' "faute", li huwa magħruf sew fid-dritt Franċiż, m'għandux ekwivalenti dirett f'sistemi ġuridiċi oħra (b'mod partikolari, id-dritt Ingliż u Ġermaniż); minflok għandhom jintużaw, skont il-kuntest, termini bħal "illégalité", „manquement" (meta marbut ma' obbligu), eċċ., li jistgħu faċilment jiġu tradotti f'lingwi oħrajn ("illegalità", "ksur", eċċ.).

5.4. L-għan huwa li, kemm jista' jkun, u waqt li titqies in-natura speċifika tad-dritt tal-Unjoni u t-terminoloġija tagħha, dawk involuti fl-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-att f'kull Stat Membru (uffiċjali, mħallfin, avukati, eċċ.) ma jikkunsidrawx l-att bħala ‘‘traduzzjoni’’ f'sens negattiv, iżda bħala test li jikkonforma ma' stil ġuridiku partikolari. Testi miżgħuda bi kliem misluf, traduzzjonijiet litterali jew jargon li diffiċli jinftiehem huma s-sors ta' ħafna mill-kritika tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li, b'konsegwenza t'hekk, titqies bħala aljena.

5.5. Fl-aħħarnett, ta' min isemmi żewġ kummenti essenzjalment ta' natura prattika dwar ir-relazzjoni bejn it-test oriġinali u t-traduzzjoni tiegħu.

5.5.1. L-ewwelnett, l-awtur għandu jiżgura li t-tradutturi jistgħu jidentifikaw immedjatament is-sorsi li fuqhom hu mibni t-test oriġinali. Jekk silta mit-test oriġinali ttieħdet minn test eżistenti (trattat, direttiva, regolament, eċċ.), dan għandu jkun jidher ċar mit-test jew ikun indikat b'mod separat, fejn meħtieġ permezz ta' mezzi elettroniċi xierqa. Hemm ir-riskju li ċitar moħbi mingħajr referenza għas-sors jiġu tradotti, f'lingwa waħda jew aktar, b'mod liberu, minkejja li l-awtur ikun ried juża speċifikament il-frażoloġija awtentika ta' dispożizzjoni eżistenti.

5.5.2. It-tieni, l-awtur għandu jirrealizza li l-kummenti mingħand it-tradutturi u, b'mod aktar ġenerali, mid-dipartimenti kollha li jagħmlu kontroll lingwistiku tat-test, jistgħu jkunu utli ferm. Dawk il-kontrolli jipprovdu opportunità biex jiġu identifikati l-iżbalji u l-ambigwitajiet fit-test oriġinali, anke wara perjodu twil ta' maturazzjoni tat-test u wkoll — u forsi b'mod speċjali — meta l-abbozzar ikun għadda minn bosta diskussjonijiet bejn għadd ta' persuni. L-awtur ikun jista' jiġi infurmat bil-problemi li jinstabu. F'ħafna każijiet, l-aħjar soluzzjoni tkun li tiġi modifikata l-verżjoni oriġinali, aktar milli t-traduzzjoni.

6. IT-TERMINOLOĠIJA UŻATA F'ATT PARTIKOLARI GĦANDHA TKUN KONSISTENTI KEMM INTERNAMENT KIF UKOLL MA' ATTI DIĠÀ FIS-SEĦĦ, SPEĊJALMENT FL-ISTESS QASAM.

KUNĊETTI IDENTIĊI GĦANDHOM IKUNU ESPRESSI BL-ISTESS TERMINI, KEMM JISTA' JKUN MINGĦAJR DEVJAZZJONI MIT-TIFSIRA TAGĦHOM, FIL-LINGWA KOMUNI, ĠURIDIKA JEW TEKNIKA.

6.1. Biex att ġuridiku jinftiehem u jiġi interpretat aktar faċilment, it-test għandu jkun konsistenti. Wieħed jista' jagħmel distinzjoni bejn il-konsistenza formali, li tikkonċerna biss kwistjonijiet ta' terminoloġija, u l-konsistenza sostantiva, f'sens usa', li tikkonċerna l-loġika tal-att fl-intier tiegħu.

Konsistenza formali

6.2. Il-konsistenza fit-terminoloġija tfisser li għandhom jintużaw l-istess termini biex jesprimu l-istess kunċetti u li m'għandhomx jintużaw termini identiċi biex jesprimu kunċetti differenti. L-għan huwa li ma jitħallewx ambigwitajiet, kontradizzjonijiet jew dubji dwar it-tifsira ta' terminu. Kull terminu partikolari għalhekk għandu jintuża b'mod uniformi biex jirreferi għall-istess ħaġa, u għandu jintgħażel terminu ieħor biex jesprimi kunċett differenti.

6.2.1. Dan japplika mhux biss għad-dispożizzjonijiet ta' att wieħed, inklużi l-annessi, iżda wkoll għad-dispożizzjonijiet ta' atti relatati, partikolarment atti ta' implimentazzjoni u tal-atti l-oħra kollha fl-istess qasam. B'mod ġenerali, it-terminoloġija għandha tkun konsistenti mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

6.2.2. Il-kliem għandu jintuża fis-sens komuni tiegħu. Jekk fil-lingwaġġ legali kelma jkollha tifsira differenti minn dik fil-lingwaġġ ta' kuljum jew fil-lingwaġġ tekniku, il-frażi għandha tkun strutturata b'mod li tiġi evitata kull ambigwità.

6.2.3. Fl-interessi tal-preċiżjoni u biex jiġu evitati problemi ta' interpretazzjoni, jista' jinħtieġ li terminu jiġi definit (ara l-Linja gwida 14).

Konsistenza sostantiva

6.3. Il-konsistenza fit-terminoloġija għandha tkun konformi wkoll fir-rigward tal-kontenut tal-att innifsu. M'għandu jkun hemm l-ebda kontradizzjoni inerenti fl-att.

6.4. Id-definizzjonijiet mogħtija għandhom ikunu rrispettati fl-att kollu. Għaldaqstant, it-termini definiti għandhom jintużaw b'mod uniformi u l-kontenut m'għandux jiddevja mid-definizzjonijiet mogħtija.

Partijiet differenti tal-att

Linji Gwida 7 sa 15

7. KULL ATT TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI GĦANDU JIĠI ABBOZZAT SKONT STRUTTURA STANDARD (TITOLU — PREAMBOLU — TERMINI TA' PROMULGAZZJONI — ANNESSI, FEJN MEĦTIEĠ).*

7.1. It-"titolu" jkun fih l-informazzjoni kollha li tidher fl-intestatura tal-att li sservi biex jiġi identifikat. Dan jista' jkun jinkludi sussegwentement ċerta informazzjoni teknika (referenza għall-verżjoni lingwistika awtentika, rilevanza għaż-ŻEE, numru tas-serje) li tiddaħħal, fejn xieraq, bejn it-titolu proprju u l-preambolu.

7.2. Il-''preambolu'' huwa kull ma jiddaħħal bejn it-titolu u t-termini ta' promulgazzjoni tal-att, jiġifieri l-konsiderazzjonijiet, il-premessi u l-formuli solenni ta' qabilhom u ta' warajhom.

7.3. It-''termini ta' promulgazzjoni'' hija l-parti ġuridika tal-att. Din tkun komposta minn artikoli, li jistgħu jinġabru taħt partijiet, titoli, kapitoli u taqsimiet (ara t-tabella fil-Linja gwida 15), u jistgħu ikunu akkumpanjati b'annessi.

| |
|---|
| Għall-partijiet rispettivi tal-istruttura standard, ara l-Linji gwida dwar il-partijiet speċifiċi. |

8. IT-TITOLU TA'ATT GĦANDU JAGĦTIINDIKAZZJONI KEMM JISTA'JKUN SĦIĦA U KONĊIŻA TAS-SUĠĠETT LI MA TQARRAQX BIL-QARREJ RIGWARD IL-KONTENUT TAT-TERMINI TA' PROMULGAZZJONI. FEJN XIERAQ, WARA T-TITOLU SĦIĦ TAL-ATT JISTA' JKUN HEMM TITOLU QASIR.

8.1. It-titolu proprju, jiġifieri l-formula magħżula biex tagħti indikazzjonijiet fit-titolu dwar it-tema ewlenija tal-att, għandu b'mod partikolari jippermetti li jiġi identifikat min hu (jew min mhux) milqut mis-suġġett tal-att. Dan għandu jagħti indikazzjoni ċara kemm jista' jkun tal-kontenut tal-att. L-awturi m'għandhomx jgħabbu t-titolu b'informazzjoni żejda, iżda pjuttost għandhom jużaw kliem essenzjali tipiku għall-oqsma differenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (f'dak il-kuntest, ikun utli li ssir referenza għall-istruttura analitika tad-"Direttorju tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ tal-Unjoni Ewropea" disponibbli fil-Eur-Lex, id-database tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni).

Għaldaqstant, l-awturi għandhom iqisu tajjeb liema informazzjoni għandha tidher fit-titolu biex il-qarrej direttament milqut (pereżempju, mhux kull bidwi, iżda kull produttur tat-tuffieħ) jasal biex jaqra dak l-att.

* F'din l-edizzjoni tal-Gwida Prattika Komuni, il-formulazzjoni tal-Linji Gwida ġiet adattata, fejn meħtieġ, biex jitqies it-tibdil li ddaħħal mit-Trattat ta' Lisbona.

8.2. It-titolu tal-att għandu jkun differenti mit-titoli ta' atti oħrajn fis-seħħ (iżda ara l-punt 8.3).

8.3. It-titolu ta' att li jemenda atti preċedenti huwa każ speċjali. It-titolu ma jkunx komplut sakemm ma jsemmix bin-numru tagħhom l-atti kollha emendati. Mingħajr din ir-referenza ma jkunx possibbli li jinstabu l-emendi kollha ta' att partikolari. Jekk l-għan uniku tal-att ikkonċernat ikun li jemenda att ieħor, dan għandu jsemmi t-titolu u n-numru tal-att li għandu jiġi emendat, jew in-numru tiegħu u l-għan speċifiku tal-emenda (ara l-punti 18.9 u 18.10). Min-naħa l-oħra, jekk l-att ikkonċernat jistabbilixxi dispożizzjonijiet awtonomi, u konsegwentement jemenda att ieħor b'mod purament sussidjarju, għandu jissemma biss in-numru ta' dak l-att (ara l-punt 19.3).

Titolu qasir

8.4. Titolu qasir għal att ġuridiku huwa inqas utli fid-dritt tal-Unjoni, fejn l-atti jiġu identifikati b'kodiċi ta' ittri u numri (pereżempju "(EU) 2015/35"), milli minn f'sistemi li m'għandhomx sistema ta' numerazzjoni bħal din. F'ċerti każijiet, madankollu, jintuża titolu qasir fil-prattika (pereżempju, ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 = "Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS"). Minkejja li tista' tidher li hija soluzzjoni sempliċi, meta ssir referenza għall-atti b'titolu qasir, jinħolqu riskji b'rabta mal-preċiżjoni u l-koerenza tal-atti ġuridiċi tal-Unjoni. Għaldaqstant dak il-metodu għandu jintuża biss f'każijiet fejn jgħin b'mod sinifikanti lill-qarrej biex jifhem.

8.5. Għandu jiġi evitat il-ħolqien ta' titolu qasir fil-mument tal-adozzjoni tal-att, billi jiġi miżjud wara t-titolu tal-att, għax b'hekk it-titolu jsir iktar ikkumplikat mingħajr ma effettivament isolvi l-kwistjoni dwar jekk għandux jintuża titolu qasir jew le, fl-att li ħolqu jew f'atti sussegwenti.

Filwaqt li r-riskji imsemmija fil-punt 8.4 m'għandhomx jintesew, huwa possibbli li ssir referenza għal att permezz ta' titolu qasir sabiex b'hekk l-att li fih issir ir-referenza ikun eħfef biex jinftiehem. F'dak il-każ, jeħtieġ li, bħal kwalunkwe abbrevjazzjoni, it-titolu qasir magħżul jidher fil-parentesi u fil-virgoli, fil-parti prinċipali tat-test tal-att fejn tkun qed issir ir-referenza.

Fil-qosor:

8.6. It-titolu sħiħ ta' att ġuridiku ikun fih:

(1) indikazzjoni tat-tip tal-att (regolament, direttiva, deċiżjoni, fejn xieraq "ta' implimentazzjoni" jew "delegat");

(2) l-abbrevjazzjoni jew l-akronimu tal-qasam ikkonċernat ('UE', 'PESK' jew 'Euratom'), is-sena u n-numru ta' referenza sekwenzjali tal-att[2] ([1]);

(3) l-isem tal-istituzzjoni jew l-istituzzjonijiet li adottaw l-att;

(4) kif xieraq, id-data tal-firma (għal atti adottati permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-baġit jew deċiżjonijiet baġitarji adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill) jew id¬data tal-adozzjoni;

(5) it-titolu, jiġifieri indikazzjoni konċiża tas-suġġett trattat.

9. L-GHAN TAL-KONSIDERAZZJONIJIET HUWA LI TIĠI STABBILITA L-BAŻI LEGALI TAL-ATT U L-PASSI EWLENIN TAL-PROĊEDURA LI TWASSAL GĦALL-ADOZZJONI TIEGĦU.

9.1. Il-konsiderazzjonijiet, fil-bidu tal-preambolu, jindikaw:

– il-bażi legali tal-att, jiġifieri, id-dispożizzjoni dwar l-għoti tas-setgħat biex jiġi adottat l-att ikkonċernat;

– il-proposti, l-inizjattivi, ir-rakkomandazzjonijiet, it-talbiet jew l-opinjonijiet previsti mit-Trattati (l-atti proċedurali mhux previsti mit-Trattati jissemmew f'waħda mill-aħħar premessi[3] ([2]); fl-atti ġuridiċi jiġu miżjuda konsiderazzjonijiet dwar il-fatt li l-abbozz tal-att ġuridiku ikun intbagħat lill-parlamenti nazzjonali u dwar il-proċedura leġiżlattiva segwita (il-proċedura leġiżlattiva ordinarja jew proċedura leġiżlattiva speċjali).

Ara li dak li huwa ċċitat ikun verament konsiderazzjoni u li ma jkunx aħjar li jissemma x'imkien ieħor fl-att (ara l-punti 9.13 u 9.14).

---

[2] Ħlief għal xi eċċezzjonijiet, id-dokumenti kollha ppubblikati fis-serje "L" tal-Ġurnal Uffiċjali mill-1 ta' Jannar 2015 huma nnumerati b'mod konsekuttiv, indipendentement mit-tip tal- att (regolament, direttiva, deċiżjoni jew att ieħor): (kompetenza) SSSS/N. In-numri mogħtija lill-atti ppubblikati qabel dik id-data mhux se jinbiddlu.

[3] Rigward l-opinjonijiet fil-kuntest ta' proċedura ta' kumitat, ara l-punt 10.18.

Preżentazzjoni

9.2. Ġeneralment il-konsiderazzjonijiet ikunu standard (bil-Malti, l-aktar komuni huma dawk li jibdew “Wara li kkunsidra(t)(w) ...’’).

Bażi legali

9.3. L-ewwel konsiderazzjoni hija referenza ġenerali għat-Trattat li tikkostitwixxi l-bażi ġenerali għall-azzjoni li tkun qiegħda tittieħed.

| |
|---|
| II-konsiderazzjoni hija abbozzata kif ġej:<br>"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea", jew, skont il-każ,<br>"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea" jew<br>"Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika".<br>Jekk ikun meħtieġ li ssir referenza għal iktar minn Trattat wieħed, ir-referenzi għandhom isiru f'linji separati u jsegwu l-ordni li ġej: it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. |

9.4. Jekk il-bażi legali diretta tal-att tkun dispożizzjoni ta' Trattat, il-konsiderazzjoni ġenerali tkun akkumpanjata bil-kliem", u b'mod partikolari", segwita mill-artikolu rilevanti [4].

| |
|---|
| Eżempju:<br>"Wara li kkunsidra t-Trattat li dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu," |

[4] Meta att ikun ibbażat fuq dispożizzjoni ta' Att ta' Adeżjoni, il-formula użata hija: "Wara li kkun¬sidra l-Att ta' Adeżjoni tal-..., u b'mod partikolari l-Artikolu ... tiegħu," jew skont il-każ"..., u b'mod partikolari l-Artikolu ... tal-Protokoll Nru ... tiegħu,".

9.5. Jekk, min-naħa l-oħra, il-bażi legali diretta tal-att tinsab f'leġiżlazzjoni sekondarja[5], l-att partikolari kkonċernat jiġi ċċitat fit-tieni konsiderazzjoni, flimkien mal-artikolu rilevanti, preċedut bil-kliem, "u b'mod partikolari".

> Eżempju:
>
> "Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
>
> Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli (...), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1), punt (c), tiegħu,
>
> ____________________
>
> (...) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1026/oj."

9.6. Il-bażi legali għandha tkun distinta b'mod ċar mid-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-għan, il-kondizzjonijiet u l-aspetti sostantivi tad-deċiżjonijiet li jkunu jridu jittieħdu. Id-dispożizzjonijiet purament proċedurali (pereżempju, l-Artikoli 294 u 218 tat-TFUE) ma jikkostitwixxux bażijiet legali (ara madankollu l-punt 9.7).

9.7. Il-ftehimiet internazzjonali konklużi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 tat-TFUE huma każijiet speċjali.

> Eżempju:
>
> "Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6), punt (a), tiegħu,"

9.8. Fejn l-att jistabbilixxi l-għan ta' deċiżjonijiet futuri f'serje ta' artikoli, u jindika l-istituzzjoni bis-setgħa li tieħu dawk id-deċiżjonijiet f'artikolu ieħor, huwa biss dan l-artikolu tal-aħħar li għandu jkun ċitat.

---

5 Il-konsiderazzjoni tad-dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja ssir kif ġej: il-konsiderazzjoni tiċċita t-titolu sħiħ, segwit b'referenza f'nota ta' qiegħ il-paġna; in-nota ta' qiegħ il-paġna tagħmel referenza għall-Ġurnal Uffiċjali (is-serje, in-numru, id-data, in-numru tal-paġna fejn ikunu ġew ippubblikati diversi atti fl-istess edizzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali u identifikatur persistenti ELI fejn disponibbli).

9.9. Bl-istess mod, fejn l-att jinkludi, f'artikolu wieħed, paragrafu dwar l-għan tal-miżuri, u paragrafu ieħor dwar l-għoti tas-setgħa li tittieħed azzjoni, għandu jkun ċitat biss il-paragrafu tal-aħħar[6], u mhux l-artikolu kollu.

> Ngħidu aħna, fl-adozzjoni ta' regoli dettaljati li jirregolaw il-kwoti tariffarji għal prodotti suġġetti għall-organizzazzjoni tas-suq, jiġi ċċitat l-Artikolu 144(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007.

Atti proċedurali

9.10. Il-konsiderazzjonijiet ta' atti preparatoċi previsti mit-Trattati u, b'mod partikolari l-opinjonijiet mogħtija mill-Parlament Ewropew, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mill-Kumitat tar-Reġjuni għandhom ukoll ikunu segwiti b'referenza f'nota ta' qiegħ il-paġna dwar il-publikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali (pereżempju: ĠU C, C/2024/124, 5.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/124/oj). Jekk l-att ikun għadu ma ġiex ippubblikat, għandha tintwera d-data ta' meta tkun ingħatat l-opinjoni.

> <u>Eżempju:</u>
>
> "(...) Opinjoni mogħtija fl-1 ta' April 1996 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)."

9.11. Fil-każ tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja jew ta' proċedura leġiżlattiva speċjali, il-konsiderazzjoni dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv li jkun intbagħat lill-parlamenti nazzjonali, għandha tkun abbozzata kif ġej:

> "Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali"

6 Fejn paragrafu jkun fih żewġ dispożizzjonijiet dwar l-għoti tas-setgħa f'subparagrafi separati, pereżempju waħda għall-Kunsill u oħra għall-Kummissjoni, għandu jkun ċitat is-subparagrafu xieraq.

Il-konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva tiġi abbozzata kif ġej:

| |
|---|
| "Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja" jew<br><br>"Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali" |

il-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fejn ikun meħtieġ li jiġi kkonsultat il-kumitat ta' konċiljazzjoni u l-konċiljazzjoni tkun saret b'suċċess, il-konsiderazzjoni għandha taqra kif ġej:

| |
|---|
| "Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja fid-dawl tat¬test konġunt approvat fil-[...] mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni" |

Il-konsiderazzjoni dwar il-proċedura leġiżlattiva għandha tinkludi nota ta' qiegħ il-paġna fejn jiġu indikati l-istadji kollha tal-proċedura.

9.12. Għal ċerti atti adottati fuq bażi legali li tirreferi għal proċedura ta' adozzjoni li tinsab f'artikolu ieħor tat-Trattat, għandha tintuża konsiderazzjoni proċedurali. Pereżempju, l-Artikolu 132(3) tat-TFUE (il-bażi legali) jirreferi għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 129(4) tat-TFUE. Il-proċedura għandha tissemma f'konsiderazzjoni simili għal dik użata fil-każ tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja jew proċedura leġiżlattiva speċjali.

| |
|---|
| "Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 129(4) tat-Trattat" |

Referenzi li ma jikkostitwixxux konsiderazzjonijiet

9.13. Fl-abbozz tal-konsiderazzjonijiet, wieħed għandu joqgħod attent li dawn ikunu jirreferu għall-bażi legali jew għall-proċedura. Kwalunkwe referenza għall-kontenut ta' dispożizzjonijiet għajr dawk li jikkostitwixxu l-bażi legali u li huma meħtieġa biex it-termini ta' promulgazzjoni jinftiehmu sew jew biex tkun żgurata l-legalità tagħhom, għandha ssir fil-premessi. Bħala tagħrif ta' sfond, jistgħu jsiru referenzi aktar ġenerali fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

9.14. Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali ġenerali tat-TFUE (pereżempju, l-Artikoli 238 u 288), li wkoll ikunu applikabbli għall-att ikkonċernat, m'għandhomx jissemmew fil-konsiderazzjonijiet.

> NB: Normalment, ir-referenza għal ċerti stadji preliminari (opinjonijietta' entitajiet tekniċi, konsultazzjonijiet mhux previsti mit-Trattati) issir fl-aħħar tal-premessi permezz ta' formuli bħal “H-(isem tal-entitài ta opinjoni"¡Í-íisem taĺ-entitàlġie kkonsuĺtat
>
> Min-naħa l-oħra, il-formuli li ġejjin jinstabu lejn l-aħħar fost il-konsiderazzjonijiet fi ftehim intern jew f'deċiżjoni tal-laqgħa tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri fil-Kunsill:
>
> “*Wara li kkonsulta l-Kummissjoni*",
>
> jew
>
> "*Bi ftehim mal-Kummissjoni*".

10. L-GĦAN TAL-PREMESSI HUWA LI JSEMMU B’MOD KONĊIŻ IR-RAĠUNIJIET WARA D-DISPOŻIZZJONIJIET EWLENIN TAT-TERMINI TA’ PROMULGAZZJONI, MINGĦAJR MA JKUNU RIPRODOTTI JEW MIKTUBA MILL-ĠDID. DAWN M’GĦANDHOMX JINKLUDU DISPOŻIZZJONIJIET NORMATTIVI JEW DIKJARAZZJONIJIET POLITIĊI.

10.1. Il-"premessi" huma l-parti tal-att li jkun fiha d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet wara l-adozzjoni tiegħu; il-premessi jitqiegħdu bejn il-konsiderazzjonijiet u t-termini ta' promulgazzjoni. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tibda bil-kelma “billi:” u tkompli b'punti numerati (ara l-Linja gwida 11) li jiffurmaw sentenza kompluta jew aktar. Jintuża lingwaġġ mhux obbligatorju u m'għandux joħloq konfużjoni mat-termini ta' promulgazzjoni.

10.2. Ir-regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati. L-għan huwa li kull persuna kkonċernata tkun tista' tiddetermina ċ-ċirkostanzi li fihom l-istituzzjoni li tilleġiżla tkun eżerċitat is-setgħat tagħha fir-rigward tal-att ikkonċernat[7], sabiex il-partijiet f'tilwima jingħataw l-opportunità jiddefendu l-interessi tagħhom u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tkun tista' teżerċita l-poter ta' rieżami tagħha.

---

7 Ara l-Kawża 24/62 *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni* [1963] ECR 63.

10.3. Jekk ikun meħtieġ li jitfakkar il-kuntest storiku tal-att, il-fatti jkunu elenkati f'ordni kronoloġiku. Ir-raġunijiet wara dispożizzjonijiet speċifiċi tal-att isegwu l-ordni ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

| |
|---|
| Idealment, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandha tikkonsisti fi:<br>— dikjarazzjoni konċiża tal-punti rilevanti fil-fatt u fid-dritt; u<br>— il-konklużjoni li hija għaldaqstant meħtieġa jew xierqa biex jiġu adottati l-miżuri stabbiliti fit-termini ta' promulgazzjoni. |

10.4. Ma tistax tingħata indikazzjoni aktar preċiża dwar il-kontenut ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal att ġuridiku tal-Unjoni. Huwa impossibbli li jkun hemm formula uniformi waħda għar-raġunijiet għal atti ġenerali u individwali, li jkopru oqsma differenti jew li jkunu adottati f'ċirkostanzi differenti.

Madankollu, jistgħu jingħataw ċerti regoli bażiċi dwar id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet

10.5. Il-premessi għandhom jiddikjaraw b'mod konċiż ir-raġunijiet għad-dispożizzjonijiet ewlenin tat-termini ta' promulgazzjoni tal-att. Għaldaqstant:

10.5.1. Il-premessi għandhom ikunu dikjarazzjoni ta' raġunijiet ġenwina. M'għandhomx jistabbilixxu l-bażijiet legali (li għandhom ikunu fil-konsiderazzjonijiet) u lanqas m'għandhom jirrepetu s-silta fid-dispożizzjoni li tkun diġà ċitata bħala l-bażi legali u li tagħti poter lill-istituzzjoni biex taġixxi. Barra minn hekk, huma superfluwi u inutli dawk il-premessi li sempliċiment jindikaw is-suġġett tal-att jew li jirriproduċu jew anke jipparafrażaw id-dispożizzjonijiet tiegħu mingħajr ma jsemmu r-raġunijiet għalihom.

10.5.2. M'għandhomx ikunu inklużi premessi li jiddikjaraw li għandhom jittieħdu ċerti miżuri, mingħajr ma jagħtu r-raġunijiet għalihom.

10.5.3. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet m'għandhiex tkun, kollha kemm hi jew parzjalment, sempliċiment referenza għar-raġunijiet mogħtija għal att ieħor[8].

8 Ara l-Kawża 230/78 *Eridania* vs *Il-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Forestrija* ECR 1979, p. 2749 u l-Kawża 73/74 *Papiers Peints de Belgique* vs *Il-Kummissjoni* ECR 1975, p. 1491.

10.6. Naturalment, m'hemmx bżonn li tingħata raġuni għal kull dispożizzjoni individwali. Madankollu, għandha dejjem tingħata raġuni għat-tħassir ta' att jew ta' dispożizzjoni (ara wkoll il-punt 10.14).

10.7. Premessi li ma jagħtux raġuni għat-termini ta' promulgazzjoni għandhom jitħallew barra, ħlief għal xi eċċezzjonijiet; pereżempju, ġeneralment huwa normali li r-raġuni għall-użu tal-Artikolu 352 tat-TFUE tingħata fi premessa finali, li taqra kif ġej:

| |
|---|
| "It-Trattat ma jipprevedix, għall-adozzjoni ta' [din id-Deċiżjoni] [...], setgħat oħrajn għajr dawk mogħtija mill-Artikolu 352," |

10.8. Fejn bażi legali partikolari tipprevedi rikors għal atti ġuridiċi mingħajr ma tispeċifika liema tip ("Il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri neċessarji ...'') u mill-kontenut tal-miżura li għandha tittieħed ma jkunx ċar liema mill-atti ġuridiċi tal-Unjoni huwa l-aktar xieraq, għandhom jingħataw ir-raġunijiet għala jkun intgħażel att partikolari. Jekk, f'każ partikolari, pereżempju ikun possibbli li l-leġiżlazzjoni ssir permezz ta' regolament direttament applikabbli, għandha tingħata spjegazzjoni għaliex ikun preferibbli li tiġi adottata biss direttiva, li tkun tirrikjedi traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali. L-awtur għandu jikkunsidra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

L-obbligu li jiġu ddikjarati r-raġunijiet jiddependi min-natura

tal-att jew tad-dispożizzjoni kkonċernata

(a) ATTI TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

10.9. F'atti ġuridiċi bażiċi, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandha timmira li twassal il-filosofija ġenerali tal-att, aktar milli tagħti r-raġunijiet kollha għal kull dispożizzjoni specifika. Madankollu, xorta jingħataw ir-raġunijiet specifici għal għadd ta' dispożizzjonijiet individwali, minħabba l-importanza tagħhom jew għaliex ma jkunux jidħlu fil-linja ġenerali tal-att.

10.10. F'atti ta' implimentazzjoni, ir-raġunijiet li jingħataw jeħtieġ li jkunu aktar specifici, għalkemm għandu dejjem isir sforz biex ikunu konċiżi.

10.11. Madankollu, ir-raġunijiet mogħtija għal atti ta' applikazzjoni ġenerali m'għandhomx neċessarjament jispeċifikaw, u wisq anqas jevalwaw, il-fatti li wasslu għall-adozzjoni tal-att. B'mod partikolari, dikjarazzjoni tar-raġunijiet dettaljata (inklużi l-kalkoli) għal dispożizzjo¬nijiet bħalma huma dawk li jistabbilixxu d-dazji fuq l-importazzjoni jew ir-rimborżi agrikoli ma tkunx prattikabbli u jkun biżżejjed li ssir sempliċiment referenza għall-kriterji u l-metodi użati fil-kalkoli bil¬li jiġu indikati, minn naħa waħda s-sitwazzjoni ġenerali li tkun wasslet għall-adozzjoni tal-att, u min-naħa l-oħra l-għanijiet ġenerali li huwa maħsub li jintlaħqu[9].

(b) Atti individwali

10.12. Ir-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat att individwali għandhom ikunu ddikjarati b'mod aktar preċiż.

10.13. Dan jgħodd, pereżempju, għal atti li jiċħdu talba. Għandhom ukoll jingħataw raġunijiet dettaljati fid-deċiżjonijiet dwar il-kompetizzjoni, fejn jiġu deskritti sitwazzjonijiet kumplikati fil-fatt u fid-dritt; peress illi d-deċiżjoni għandha xorta waħda tibqa' ċara, għandu jsir sforz ukoll biex din tkun konċiża.

(C) DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

10.14. Wieħed għandu joqgħod partikolarment attent fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal ċerti dispożizzjonijiet, bħal:

– derogi;

– dispożizzjonijiet li jiddevjaw mill-iskema ġenerali tar-regoli;

– eċċezzjonijiet għal prinċipju ġenerali, bħal dispożizzjonijiet retroattivi;

– dispożizzjonijiet li jistgħu jikkawżaw preġudizzju lil ċerti partijiet interessati;

– dawk li jipprevedu d-dħul fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni.

[9] Ara l-Kawża 16/65 *Schwarze* vs *Einfuhr-und Vorratsstelle für Getreide und Futtermittel* [1965] ECR 877.

(d) ID-DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET FIR-RIGWARD TAS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ TAL-ATT

10.15. Għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, għandha tingħata dikjarazzjoni tar-raġunijiet speċifika.

10.15.1. Meta jeżerċitaw is-setgħat ġuridiċi tagħhom, l-istituzzjonijiet jikkunsidraw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u jiddikjaraw kif dan ikun qiegħed jiġi rispettat fil-memorandum ta' spjegazzjoni u, aktar fil-qosor, fil-premessi.

10.15.2. It-test tal-premessa dwar is-''sussidjarjetà'' jvarja minn każ għall-ieħor, iżda jsegwi l-istruttura indikata fil-punt 10.15.4. Madankollu, huwa importanti li ssir id-distinzjoni magħmula fl-Artikolu 5 tat-TUE bejn oqsma fejn l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva u dawk fejn m'għandhiex.

10.15.3. F'oqsma fejn l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva, l-Artikolu 5(4) tat-TUE jirrikjedi biss li jkun hemm konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. F'dak il-każ, il-premessa tkun tinkludi biss referenza għall-proporzjonalità, u tkun ifformulata kif ġej:

*"Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-objettiv bażiku* (speċifika l-objettiv ġenerali) *li jiġu stabbiliti regoli dwar* (irreferi għall-miżuri speċifiċi rregolati bl-att ikkonċernat). *Dan* (semmi t-tip ta' att) *ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea".*

10.15.4. Fejn l-Unjoni ma jkollhiex kompetenzi esklussivi, il-premessa tinkludi referenzi kemm għas-sussidjarjetà stricto sensu kif ukoll għall-proporzjonalità, kif ġej:

*"Minħabba li l-objettivi ta' dan/din ...* (semmi t-tip ta' att) ... (fejn xieraq, semmi l-objettivi) *ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri...* (semmi r-raġunijiet) *iżda jistgħu pjuttost, minħabba ...* (semmi l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni)*, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan/din ...* (semmi t-tip ta' att) *ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi."*

10.15.5. Il-mudelli ppreżentati hawn fuq iridu jimtlew u jiġu żviluppati skont il-każ, kif indikat fil-parenteżi, sabiex tingħata dikjarazzjoni vera tar-raġunijiet. Jistgħu jiġu adattati, sakemm il-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni u, skont il-każ, il-proporzjonalità tal-azzjoni tkun evidenti fil-premessi.

Il-premessi dwar is-setgħat ta' delega u ta' implimentazzjoni

10.16. L-atti bażiċi li jkunu jinkludu l-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni jrid ikun fihom premessa speċifika li tirreferi għall-Artikolu 290 tat-TFUE. Fl-abbozzar ta' dik il-premessa, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet relatati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ħadu l-impenn li jirreferu, safejn ikun possibbli, għall-formulazzjonijiet standard li ġew deċiżi flimkien minn dawk I-istituzzjonijiet.

10.17. L-atti bażiċi li jinkludu l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni (l-Artikolu 291 tat-TFUE) irid ikun fihom premessa speċifika li tirreferi meta meħtieġ, għar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[10].

Referenza għall-konsultazzjonijiet

10.18. Il-konsultazzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 jissemmew fil-preamboli tal-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni.

II-konsultazzjoni ma' kumitat fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami (l-Artikolu 5 tar-Regolament) dejjem tipproduċi effetti legali. Il-fatt li jkun ġie kkonsultat kumitat ma jissemmiex f'konsiderazzjoni iżda fil-premessa finali:

| |
|---|
| <u>Eżempju:</u><br><br>"(...) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-[l-isem tal-kumitat]," |

10 ĠU L 55, 28.2.201 1, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj.

Min-naħa l-oħra, konsultazzjoni ma' kumitat fil-kuntest tal-proċedura konsultattiva (Artikolu 4 tar-Regolament), tissemma fl-aħħar konsiderazzjoni, li tiġi fformulata kif ġej:

| "Wara li kkonsulta(w) [l-isem tal-kumitat]" |
|---|

11. KULL PREMESSA GĦANDHA TKUN INNUMERATA.

11.1. Din il-prassi hija ġustifikata għal raġunijiet ovvji taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni u tal-faċilità ta' referenza, kemm qabel kif ukoll wara l-adozzjoni tat-test.

Ma tapplikax biss għall-atti ġuridiċi ta' applikazzjoni ġenerali, iżda wkoll għall-atti kollha tal-istituzzjonijiet li jiġu abbozzati f'forma solenni (titolu, preambolu, termini ta' promulgazzjoni).

11.2. Il-preżentazzjoni hija din li ġejja:

(1) …

(2) ….".

N.B. Kull premessa tibda b'ittra kapitali u tispiċċa b'punt, ħlief l-aħħar premessa li tispiċċa b'virgola.

11.3. Premessa unika ma tiġix numerata.

12. IT-TERMINI TA' PROMULGAZZJONI TA' ATT VINKOLANTI M'GĦANDHOMX JINKLUDU DISPOŻIZZJONIJIET MHUX TA' NATURA NORMATTIVA, BĦALMA HUMA XEWQAT JEW DIKJARAZZJONIJIET POLITIĊI, U LANQAS DISPOŻIZZJONIJIET LI JIRREPETU JEW JIPPARAFRAŻAW SILTIET JEW ARTIKOLI MIT-TRATTATI JEW LI JISTIPULAW MILL-ĠDID DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI DIĠÀ FIS-SEĦĦ. L-ATTI M'GĦANDHOMX JINKLUDU DISPOŻIZZJONIJIET LI JESPRIMU L-KONTENUT TA' ARTIKOLI OĦRAJN JEW LI JIRREPETU T-TITOLU TAL-ATT.

Dispożizzjonijiet mhux ta’ natura normattiva f’atti vinkolanti

12.1. L-atti vinkolanti għandhom jistabbilixxu regoli, inklużi dispożizzjonijiet li jkun fihom l-informazzjoni neċessarja (pereżempju: il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet) biex dawk ir-regoli jinftiehmu u jiġu applikati tajjeb. Kull ħaġa oħra hija superfluwa: ix-xewqat, l-intenzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet m'għandhomx ikunu parti mit-termini ta' promulgazzjoni ta' att vinkolanti.

> Dan li ġej huwa eżempju minn regolamenti ta' dispożizzjoni ta' natura mhux normattiva, li għandha tkun evitata:
>
> *"Sabiex jiġi inkoraġġit l-użu tal-prodotti bl-eko-tikketta, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni, kif ukoll awtoritajiet pubbliċi oħrajn fuq livell nazzjonali għandhom, mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-Unjoni, ikunu ta' eżempju meta jispeċifikaw il-ħtiġiet tagħhom għall-prodotti."*
>
> Din id-dispożizzjoni tesprimi b'mod ċar xewqa li ma timponi l-ebda obbligu fuq id-destinatarji tagħha. Għaldaqstant, postha mhux f'att vinkolanti iżda f'komunikazzjoni jew rakkomandazzjoni, li takkumpanja l-att ikkonċernat.

Dispożizzjonijiet li jirriproduċu jew jiktbu mill-ġdid siltiet jew artikoli mit-Trattati jew minn atti oħrajn

12.2. Dispożizzjonijiet ta' dan it-tip huma inutli u perikolużi peress li jwasslu biex ikun hemm inċertezza legali. Nieħdu eżempju minn att ibbażat fuq l-Artikolu 46 tat-TFUE, li ssir referenza għalih f¡l-konsiderazzjonijiet. Huwa inutli li jiġi abbozzat paragrafu li jirrepeti l-Artikolu 45(1), fejn diġà jingħad li *"Għandu jkun żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni"*. L-awtur għandu jindika kif għandu l-ħsieb li jimplimenta dik id-dispożizzjoni u mhux jirrepetiha. Barra minn hekk, ripetizzjoni bħal din hija perikoluża għaliex kull devjazzjoni mill-kliem oriġinali tista' tagħti l-impressjoni li kien maħsub riżultat differenti, u saħansitra twassal għal xi tip ta' preżunzjoni f'dak is-sens.

Dispożizzjonijiet li jesprimu biss il-kontenut ta’ artikoli oħrajn

12.3.Dawn id-dispożizzjonijiet x'aktarx ikunu abbozzati kif ġej:

> "Bil-għan li jistabbilixxi dik is-sistema, il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri previsti fl-Artikoli 3, 4 u 5.”

Dawn għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun peress li l-artikoli kkonċernati fihom l-informazzjoni kollha neċessarja dwar l-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, struttura bħal din tista' toħloq konfużjoni rigward il-bażi legali għal miżura ta' implimentazzjoni fil-futur: hija bbażata fuq l-artikolu li fih ir-referenza, jew fuq l-artikolu li ssir referenza għalih?

12.4. Anke meta ma jkunx possibbli li jiġi evitat l-użu ta' kliem li jagħmel parti mit-titolu tal-att (ngħidu aħna, fl-artikolu li jiddefinixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tal-att), għandu jkun hemm valur miżjud, b'deskrizzjoni aktar dettaljata tal-parametri tat-test.

13. FEJN XIERAQ, FIL-BIDU TAT-TERMINI TA' PROMULGAZZJONI GĦANDU JIDDAĦĦAL ARTIKOLU LI JIDDEFINIXXI S-SUĠĠETT U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-ATT.

13.1. Is-"suġġett" jirreferi għal dak li jkun qed jittratta l-att, filwaqt li l-"kamp ta' applikazzjoni" jirreferi għall-kategoriji ta' sitwazzjonijiet fil-fatt u fid-dritt u għall-persuni li għalihom japplika l-att.

13.2. Fi ftehimiet internazzjonali u anke f'atti tal-Unjoni huwa komuni li l-ewwel artikolu jiddefinixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni. Jekk dan ikunx utli jew le għandu jiġi deċiż skont il-każ.

13.3. Dan żgur ma jkunx utli meta sempliċiment jipparafraża t-titolu. Min-naħa l-oħra, artikolu bħal dan jista' jipprovdi lill-qarrej informazzjoni li ma kinitx inkluża fit-titolu, biex jinżamm fil-qosor, iżda li permezz tagħha ikun possibbli li jiġi iddeterminat mill-ewwel min huwa kkonċernat bl-att. Proprju għal din ir-raġuni, wieħed għandu joqgħod attent li ma jfixkilx lill-qarrej.

> Pereżempju, jekk dan l-artikolu jistipula li l-att japplika *"għal vetturi b'veloċità massima ta' 25 km/h jew aktar"*, l-att ċertament jista' jkun fih xi dispożizzjonijiet li japplikaw biss, ngħidu aħna, għal vetturi b'veloċità massima ta' 50 km/h, għaliex dawn xorta jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni definit. Iżda, ma jistax ikun hemm dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' vetturi b'veloċità massima, ngħidu aħna, ta' 20km/h, għaliex meta l-manifattur jew il-proprjetarju ta' vetturi bħal dawn jaqra l-artikolu dwar il-kamp ta' applikazzjoni, jista' jkun li ma jkomplix jaqra l-bqija tat-termini ta' promulgazzjoni.

13.4. Xi kultant id-distinzjoni bejn il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjoni ma tkunx ċara. Fl-eżempju li ġej, id-definizzjoni mogħtija tindika wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-att:

> "*Artikolu 1 - Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jewmingħajrha, lijkollha mill-inqas erba'roti u velocità massima ddisinjata li taqbeż il-25 km/h, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, makkinarju għall-agrikoltura jew għall-forestrija u vetturi lijintużaw fix-xogħlijiet pubbliċi.*"

Dan l-artikolu jista' faċilment ikun strutturat *"Artikolu 1 — Din id-Direttiva tapplika għal kull vettura maħsuba* [u l-bqija mhux mibdul] ... ", bis-sentenza tispiċċa bil-kliem "minn hawn 'il quddiem imsejħa (vettura)". Din is-soluzzjoni għandha tkun dik preferuta, speċjalment jekk l-att ma jkunx fih artikolu li jistabbilixxi definizzjonijiet oħra. B'hekk ikun possibbli li l-kamp ta' applikazzjoni jkun iddikjarat b'mod aktar ċar u dirett.

14. FEJN IT-TERMINI UŻATI FL-ATT IKUNU AMBIGWI, DAWN GĦANDHOM JIĠU DEFINITI FLIMKIEN F'ARTIKOLU WIEĦED FIL-BIDU TAL-ATT. ID-DEFINIZZJONIJIET M'GĦANDHOMX JINKLUDU DISPOŻIZZJONIJIET NORMATTIVIAWTONOMI.

14.1. Kull terminu għandu jingħata t-tifsira tiegħu f'lingwaġġ ta' kuljum jew speċjalizzat. Madankollu, fl-interessi taċ-ċarezza legali, jista' jkun meħtieġ li l-att innifsu jiddefinixxi l-kliem użat. Dan ikun il-każ b'mod partikolari fejn it-terminu, minkejja li jkollu diversi tifsiriet, għandu jinftiehem biss f'waħda minnhom, jew jekk it-tifsira, għall-iskopijiet tal-att, għandha tkun limitata jew estiża fir-rigward tat-tifsira normalment mogħtija lit-terminu kkonċernat. Id-definizzjoni m'għandhiex tkun kuntrarja għat-tifsira ordinarja tat-terminu.

Terminu li jkun ġie definit għandu jintuża bl-istess tifsira fl-att kollu.

14.2. It-tieni sentenza tal-Li nja gwida tiddeskrivi żball komuni ta' abbozzar.

14.2.1. Eżempju ta' abbozzar ħażin:

> *"(d) "ilment" ifisser kull informazzjoni mogħtija minn ... kull persuna b'interess fis-sikurezza tal-vapur ... <u>sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jqisx l-ilment ikun manifestament mingħajr bażi;</u> <u>l-identità tal-persuna li tagħmel l-ilment m'għandhiex tiġi żvelata il-kaptan jew is-sid tal-vapur ikkonċernat."</u>*

14.2.2. Il-parti sottolineata tas-sentenza mhijiex definizzjoni, iżda hija dispożizzjoni normattiva awtonoma.

14.3. Ir-regola għandha titqiegħed fid-dispożizzjonijiet normattivi. Lura għall-eżempju, l-awtur jista' jdaħħal din is-sentenza f'post xieraq f'wieħed mill-artikoli l-oħrajn. *F'każ li l-Istat Membru jirċievi Iment li ma jqisx bħala manifestament bla bażi, ..., dan għandu ...*") u jżid it-tieni subparagrafu bis-sentenza "L-identità tal-persuna..."

14.4. Ir-rekwiżit li m għandhomx jiddaħħlu dispożizzjonijiet normattivi awtonomi m'huwiex biss kwistjoni ta' preċiżjoni fil-loġika. Jekk fid-definizzjoni jiddaħħlu elementi bħal dawn, ikun hemm il-periklu li, peress li l-elementi normattivi ma jkunux kollha fl-istess post, il-qarrej jista' jaqbeż xi wħud minnhom fl-interpretazzjoni tiegħu.

15. KEMM JISTA’ JKUN, IT-TERMINI TA’ PROMULGAZZJONI GĦANDU JKOLLHOM STRUTTURA STANDARD (SUĠĠETT U KAMP TA’ APPLIKAZZJONI — DEFINIZZJONIJIET — DRITTIJIET U OBBLIGI — DISPOŻIZZJONIJIET LI JIDDELEGAW IS-SETGĦAT U JIKKONFERIXXU SETGĦAT TA’ IMPLIMENTAZZJONI — DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI — MIŻURI TA’ IMPLIMENTAZZJONI — DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI).

IT-TERMINI TA’ PROMULGAZZJONI GĦANDHOM JINQASMU F’ARTIKOLI U, SKONT IT-TUL U L-KUMPLESSITÀ TAGĦHOM, F’TITOLI, KAPITOLI U TAQSIMIET. META ARTIKOLU JKUN FIH LISTA, KULL PARTI FIL-LISTA GĦANDHA TKUN IDENTIFIKATA B’NUMRU JEW ITTRA, AKTAR MILLI B’INĊIŻ *.

15.1. Il-komponenti testwali tal-istruttura standard tat-termini ta' promulgazzjoni li ġejjin huma konformi ma' regoli ta' preżentazzjoni relattivament stretti:

(1) is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni (ara l-Linja gwida 13);

(2) id-definizzjonijiet (ara l-Linja gwida 14);

(3) id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni;

* F'din l-edizzjoni tal-Gwida Prattika Komuni, il-formulazzjoni tal-Linji Gwida ġiet adattata, fejn meħtieġ, biex jitqies it-tibdil li ddaħħal mit-Trattat ta' Lisbona.

(4) il-miżuri ta' implimentazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar ir¬regoli dettaljati u d-dati għat-traspożizzjoni ta' direttiva mill-Istati Membri jsegwu format stabbilit. Dispożizzjonijiet oħrajn, bħal dawk rigward il-penali li għandhom ikunu previsti fuq livell nazzjonali, jew rimedji legali li għandhom jingħataw, ukoll għandhom format standard;

(5) dispożizzjonijiet tranżitorji u finali. Din il-kategorija ta' elementi tkopri:

– it-tħassir ta' atti preċedenti (ara l-Linja gwida 21). Jekk id¬data tat-tħassir ma tkunx l-istess bħad-data tad-dħul fis-seħħ tal-att li jkun ser jiġi adottat, dik id-data għandha tiġi indikata b'mod ċar;

– regoli ta' tranżizzjoni minn sistema qadima għal waħda ġdida. Il-lingwaġġ użat u speċjalment id-dati kollha msemmija m'għandhom iħallu l-ebda dubju dwar il-perjodu li fih ir¬regoli l-antiki, kollha jew liema minnhom, jibqgħu japplikaw ladarba s-sistema ġdida tidħol fis-seħħ;

– dispożizzjonijiet li jemendaw atti preċedenti (ara l-Linja gwida 18);

– il-perjodu li fih għandu japplika l-att (ara l-Linja gwida 20).

15.2. L-elementi l-oħrajn - id-drittijiet u l-obbligi u d-dispożizzjonijiet proċedurali, ħlief dawk li jirrigwardaw l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni - jikkostitwixxu l-parti verament normattiva tal-att, u l-forma tagħhom tiddependi mill-għan tal-att u l-livell ta' kumplessità tas-sistema prevista.

15.3. Meta artikolu jkun jinkludi lista, għandu jiġi żgurat li kull element tal-lista jkun ikkoordinat u relatat direttament mal-kliem użat fl-introduzzjoni. Għal dak l-għan, ikun preferibbli li f'lista jiġu evitati sentenzi jew subparagrafi awtonomi.

<u>Eżempju ta' abbozzar li għandu jiġi evitat:</u>

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli biex jiżguraw:

(a) il-konsistenza bejn ix-xiri u l-kunsinni,

Huma għandhom iwettqu l-ispezzjoni billi jirreferu b'mod partikolari għall-koeffiċjenti tal-liġi tal-Unjoni għall-ipproċessar, fejn ikunu jeżistu. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-ispezzjoni għandha tibbaża fuq il-koeffiċjenti aċċettati b'mod ġenerali mill-industrija kkonċernata,

(b) l-użu finali korrett tal-materja prima,

(c) il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni."

<u>F'każ bħal dak, ikun aħjar lijiġi evitat l-użu ta' lista u li t-test jiġi ppreżentat kif ġej:</u>

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli biex jiżguraw il-konsistenza bejn ix-xiri u l-kunsinni.

Huma għandhom iwettqu l-ispezzjoni billi jirreferu b'mod partikolari għall-koeffiċjenti tal-liġi tal-Unjoni, fejn ikunu jeżistu. Fil-każijiet

l-oħrajn kollha, l-ispezzjoni għandha tibbaża fuq il-koeffiċjenti aċċettati b'mod ġenerali mill-industrija kkonċernata.

Il-kontrolli għandhom ikunu maħsuba wkoll biex jiżguraw l-użu korrett tal-materja prima u l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni."

15.4. Id-diviżjonijiet strutturali tat-termini ta' promulgazzjoni ta' att ġuridiku jinsabu fit-tabella t'hawn taħt. Atti bi struttura sempliċi jkun fihom artikoli u suddiviżjonijiet ta' artikoli. Id-diviżjonijiet superjuri tal-atti jibdew bil-kapitoli, maqsuma f'taqsimiet, fejn meħtieġ. Huwa biss fejn it-test ikun estremament kumpless li l-kapitoli jistgħu jinġabru f'titoli li, fejn meħtieġ, jinġabru f'partijiet.

| Desinjazzjoni | Simbolu | Metodu ta' referenza | Kummenti |
|---|---|---|---|
| I. Suddiviżjonijiet superjuri | | | Suddiviżjonijiet superjuri jista', iżda mhux bilfors, ikollhom titolu[11] |
| – Parti | Parti I<br>(jew l-ewwel Parti) | (fi) il-Parti I<br>(jew l-ewwel Parti) | Użati (flimkien jew individwalment) f'ċerti testi twal jew strutturati b'mod riġidu. |
| – Titolu | Titolu I | (fi) it-Titolu I<br>(fi) [*Il-Parti I*], it-Titolu I, | |
| – Kapitolu | Kapitolu I<br>(jew il-Kapitolu 1) | (fi) Il-Kapitolu I (jew il-Kapitolu 1)<br>(fi) *[Il-Parti I, Titolu I]*, Kapitolu I,<br>(jew *[Parti I, Titolu I*], Kapitolu I) | |
| – Taqsima | Taqsima 1 | (fit-) Taqsima 1<br>(fi) *[Parti I, Titolu I, Kapitolu I]*, Taqsima 1, | |
| II. Unità bażika | | | L-unitajiet bażiċi jista' jkollhom titolu u jista' ma jkollhomx titolu. |
| – Artikolu | Artikolu[12] | (fi) Artikolu 1 | Numerazzjoni kontinwa (anke fejn ikun hemm diviżjonijiet superjuri) |
| Jew | | | |

11 In-numerazzjoni ta' dawk is-suddiviżjonijiet terġa' tibda kull meta jiġu inklużi f'suddiviżjoni ġdida tal-livell superjuri (eż. l-ewwel kapitolu tat-Titolu II ser jiġi nnumerat "Kapitolu I" anke jekk it-Titolu I ikun fih kapitoli).

12 L-artikoli jiġu numerati b'mod kontinwu tul l-att kollu anki fejn ikun hemm suddiviżjonijiet superjuri. Fejn l-att ikun fih artikolu wieħed biss, dak l-artikolu jissejjaħ "Artikolu Uniku".

| | | | |
|---|---|---|---|
| – Punt | I (jew A)<br><br>jew I. (jew A. jew 1.) | (fi) il-punt I<br>(jew il-punt A)<br>(fi) il-punt I<br>(jew il-punt A jew il-punt 1) | Użati f'ċerti rakkomandazzjonijiet, riżoluzzjonijiet, u dikjarazzjonijiet |
| III. Suddiviżjonijiet inferjuri | | | Suddiviżjonijiet inferjuri ma jkollhomx titolu |
| – Paragrafu (numerat) | 1. | (fi) paragrafu 1<br>Fl-[*Artikolu 1*](1) | Suddiviżjonijiet indipendenti ta' artikolu |
| – Paragrafu (mhux numerat) | l-ebda | (fl-ewwel paragrafu<br>(fl-) *[Artikolu 1]*, l-ewwel paragrafu, | Element mhux indipendenti ta' artikolu |
| – Subparagrafu | l-ebda | (fi) l-ewwel subparagrafu<br>(fl-) *[Artikolu 1(1)]*, l-ewwel subparagrafu, | Suddiviżjoni ta' paragrafu numerat |
| – Punt | (a)<br>(i)<br>(1) | (fi ) il-punt (a)<br>(fi ) il-punt (i)<br>(fi ) il-punt (1)<br>(fl-) *[Artikolu 1(1), fl-ewwel subparagrafu]*, punt (a)(i)(1), | Ġeneralment ip-preċeduti minn frażi ta' introduzzjoni |
| – Inċiż | – | (fi) l-ewwel inċiż<br>(fl-) *[Artikolu 1(1)]*, *l-ewwel subparagrafu, punt (a)(i)(1)]*, l-ewwel inċiż, | |
| – Sentenza | l-ebda | (fi) l-ewwel sentenza,<br>(fi) *[l-Artikolu 1(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(i)(1), l-ewwel inċiż]*, l-ewwel sentenza, | Segwita b'punt. |

6. KEMM JISTA' JKUN GĦANDHOM JIĠU EVITATI REFERENZI GĦAL ATTI OĦRAJN. IR-REFERENZI GĦANDHOM JINDIKAW B'MOD PREĊIŻ L-ATT JEW ID-DISPOŻIZZJONI LI SSIR REFERENZA GĦALIHOM. GĦANDHOM JIĠU EVITATI WKOLL REFERENZI ĊIRKOLARI (REFERENZI GĦAL ATT JEW GĦAL ARTIKOLU LI HU NNIFSU JIRREFERILURA GĦAD-DISPOŻIZZJONI INIZJALI) U REFERENZI F'SERJE (REFERENZI GĦAL DISPOŻIZZJONI LI TIRREFERI GĦAL DISPOŻIZZJONI OĦRA).

Referenzi interni u esterni

16.1. Referenza interna tirreferi għal dispożizzjoni oħra fl-istess att. Referenzi esterni jirreferu għal att ieħor, jew att tal-Unjoni jew att minn sors ieħor.

16.1.1. Eżempju ta' referenza interna:

| |
|---|
| Dispożizzjoni li tirreferi għal anness fl-istess att<br><br>"1. Ir-riskji ta' preparazzjoni fuq l-ambjent għandhom jiġu stmati bi proċedura waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:<br><br>(a) b'metodu konvenzjonali deskritt fl-Anness III;" |

16.1.2. Eżempju ta' referenza esterna:

| |
|---|
| Dispożizzjoni li tirreferi għal att ieħor<br><br>"... (b) billi jiġu stabbiliti l-karatteristiċi perikolużi tal-preparazzjoni fuq l-ambjent, meħtieġa għal klassifikazzjoni xierqa skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness VI għad-Direttiva |

16.2. Kemm ir-referenzi interni kif ukoll dawk esterni għandhom ikunu preċiżi biżżejjed biex il-qarrej ikun jista' jikkonsulta faċilment l-att li ssir referenza għalih.

16.3. Ir-referenzi esterni jirrikjedu iktar attenzjoni. B'mod partikolari, l-att li għalih issir referenza għandu jkun ċar u aċċessibbli biżżejjed għall-pubbliku.

Prinċipju

16.4. Għandha ssir referenza biss jekk:

– isservi biex it-test jiġi ssimplifikat, billi tiġi evitata r-ripetizzjoni tal-kontenut tad-dispożizzjoni li ssir referenza għaliha;

– ma taffettwax il-mod kif tinftiehem id-dispożizzjoni; u

– l-att li ssir referenza għalih ikun ġie ppubblikat jew huwa aċċessibbli biżżejjed għall-pubbliku.

16.5. L-użu tar-referenzi għandu jsir b'moderazzjoni wkoll minħabba l-prinċipju tat-trasparenza. Għandu jkun possibbli li wieħed jaqra u jifhem att ġuridiku mingħajr ma jikkonsulta atti oħrajn. Madankollu, il-leġġibbiltà ta' test m'għandhiex twassal għar-riproduzzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi primarja f'leġiżlazzjoni sekondarja (ara l-punt 12.2).

16.6. Qabel tittieħed id-deċiżjoni dwar jekk hux xieraq li ssir referenza, ikun utli li wieħed iqis il-konsegwenzi ta' kull emenda sussegwenti tal-att li tkun ser issir referenza għalih.

Referenza li tinftiehem

16.7. Referenza għandha ssir b'mod li l-element ċentrali tad-dispożizzjoni li ssir referenza għaliha jkun jista' jinftiehem mingħajr konsultazzjoni tad-dispożizzjoni kkonċernata.

<u>Eżempju:</u>

**Eżempju ta' abbozzar li għandu jiġi evitat:**

"L-Artikolu 15 japplika għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi...",

**Abbozzar aħjar:**

"Il-proċedura ta' kontroll stipulata fl-Artikolu 15 għandha tapplika għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi ..."

Ċarezza

16.8. L-elementi fattwali jew il-konsegwenzi legali ta' dispożizzjoni li ssir referenza għaliha għandhom ikunu speċifikati.

16.8.1. Referenzi magħmula sempliċiment permezz ta' dispożizzjoni oħra fil-parentesi għandhom ikunu evitati.

16.8.2. L-istess jgħodd għal referenzi magħmula bil-għan ta' applikazzjoni analoga, jew iktar korrettement bl-użu ta' kliem bħal "*mutatis mutandis*". Dik it-teknika għandha tintuża biss meta jkun sproporzjonat li ssir riproduzzjoni tar-regola msemmija jew jekk tiġi adattata. Huwa importanti li jiġi ddikjarat, preċiżament kemm jista' jkun, kif tapplika r-regola msemmija.

16.9. Il-konsegwenzi ta' referenzi mdaħħla permezz tal-kliem "*mingħajr preġudizzju*" ħafna drabi ma jkunux ċari. Jista' jkun hemm, fost oħrajn, kontradizzjonijiet bejn l-att li jkun jinkludi r-referenza u l-att li ssir referenza għalih. Referenzi bħal dawn ġeneralment ikunu jistgħu jiġu evitati billi jiġi definit aħjar il-kamp ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, m'hemmx bżonn li tintuża din il-formula biex issir referenza għal dispożizzjonijiet superjuri, li jkunu japplikaw xorta waħda.

<u>Eżempju:</u>

**Eżempju ta' abbozzar li għandu jiġi evitat**:

"Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KEE, l-artikoli dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ, it-tikkettar u l-iskedi ta' data dwar is-sigurtà ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.",

**Abbozzar aħjar**:

"L-artikoli ta' din id-Direttiva dwar ... għandhom japplikaw għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti".

Ċitar tal-att li ssir referenza għalih

16.10. Fejn, f'att, ikun jeħtieġ li ssir referenza għal att ieħor, din għandha ssir b'referenza għat-titolu sħiħ tal-att l-ieħor, flimkien mas-sors tal-pubblikazzjoni, jew f'forma qasira — b'mod partikolari jekk ir-referenza tkun tinsab fit-titolu tal-att li fih issir ir-referenza jew jekk l-att l-ieħor ikun diġà ssemma.

16.10.1. Fejn issir referenza għat-titolu ta' att fit-titolu ta' att ieħor:

– l-isem tal-istituzzjoni ma jiġix ripetut jekk l-att li għalih issir referenza jkun ġie adottat mill-istess istituzzjoni li tkun qed tadotta l-att li fih issir referenza (madankollu meta jissemmew iktar minn att wieħed u kollha jkunu ġew adottati minn istituzzjonijiet differenti, l-istituzzjonijiet rispettivi jissemmew dejjem, anki meta wħud minnhom ikunu l-istess istituzzjonijiet li jkun qed jadottaw l-att li fih tkun qed issir ir-referenza);

– id-data titħalla barra, sakemm ir-referenza ma tkunx għal att li ma jkollux numru tas-serje uffiċjali jew numru tal-pubblikazzjoni;

– jitħalla barra kliem li jikkumplika bla bżonn it-titolu tal-att li fih tkun qed issir ir-referenza, jew li jista' joħloq konfużjoni bħal ma huwa "u jemenda ..." jew "u li jħassar kif ukoll dak il-kliem li huwa indikazzjoni li jista' jiġi wara t-titolu, bħal "kodifikazzjoni", "riformulazzjoni", etc.;

– ma ssir l-ebda referenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

16.10.2. **Fil-konsiderazzjonijiet**, ta' karattru solenni, *it-titolu komplut*[13] *tal-att jiġi ċitat fit-test*. Fil-każ ta' direttivi jew deċiżjonijiet li għandhom ikunu notifikati u li ġew ippubblikati, jiddaħħal in-numru tal-pubblikazzjoni. It-titolu sħiħ ikun segwit b'nota ta' qiegħ il-paġna li tindika r-referenza tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali. Madankollu, ma ssirx nota ta' qiegħ il-paġna fil-każ tat-Trattati u atti bażiċi oħrajn (bħat-Trattati ta' Adeżjoni, il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-AKP u l-UE).

| |
|---|
| Eżempju:<br><br>"Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini( ), u b'mod partikolari ...<br><br>________________<br>(...) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1,<br>ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/211/oj." |

16.10.3. Fil-kumplament tal-att (premessi, artikoli u annessi), jintuża metodu ssimplifikat ta' referenza[14]:

– meta att jissemma għall-ewwel darba (anki jekk ikun diġà ssemma fit-titolu) u ma jkunx għadu ssemma fil-konsiderazzjonijiet, *ir-referenza għalih issir permezz tan-numru u l-isem tal-istituzzjoni li adottatu, flimkien ma' nota ta' qiegħ il-paġna li jkun fiha t-titolu sħiħ*[15] *tal-att u r-referenza tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali;*

---

13 Mill-1 ta' Lulju 2013, l-iċċitar tat-Titolu komplut jkopri l-punti koliha li jiffumaw parti mit-Ti- tolu, pereżempju "u li jemenda" jew "u li jħassar", iżda mhux il-punti l-oħra li jistgħu isegwu t-Titolu: pereżempju, “Kodifikazzjom", "Riformulazzjoni".

14 Mod ta' referenza simplifikata introdotta mill-1 ta' Lulju 2013.

15 Mill-1 ta' Lulju 2013, l-iċċitar tat-Titolu komplut ikopri l-punti kollha li jiffurmaw parti mit-Ti- tolu, pereżempju "u li jemenda" jew "u li jħassar", iżda mhux il-punti l-oħra li jistgħu isegwu t-Titolu: pereżempju, "Kodifikazzjoni", "Riformulazzjoni

– meta t-titolu sħiħ ta' att u r-referenza għall-pubblikazzjoni tiegħu jkunu diġà ġew indikati fil-konsiderazzjonijiet jew f'xi parti oħra tat-test — *ir-referenza ssir biss permezz tan-numru.*

Eżempju:

L-ewwel referenza:

"Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (...)

______________________

(...) Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal¬Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/211/oj)."

Referenzi sussegwenti:

"Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011."

Jista' jkun meħtieġ li jsiru ċerti eċċezzjonijiet għal din ir-regola, b'mod partikolari fil-każijiet ta' annessi li jkun fihom formuli jew dokumenti oħrajn li jistgħu jintużaw waħedhom, fejn jista' jkun neċessarju li jerġgħu jiġu ripetuti t-titolu sħiħ u r-referenza għall-pubblikazzjoni ta' att li diġà jkun ġie ċitat.

16.10.4. Hija prassi ġuridika tajba li fil-premessi jissemmew l-atti kollha li għalihom issir referenza sussegwentement fl-att, biex b'hekk ikun possibbli li l-atti jitpoġġew fil-kuntest kif meħtieġ u jiġi spjegat għaliex tkun saret referenza għalihom.

16.10.5. Ir-referenzi għal atti oħrajn fit-termini ta' promulgazzjoni għandhom ikunu limitati għal dak li hu assolutamlent neċessarju. Il-qarrej għandu jkun jista' jifhem it-termini ta' promulgazzjoni anki meta jaqrahom waħedhom, mingħajr ma jkollu jirreferi għal atti oħrajn. Għandhom jiġu evitati wkoll il-problemi potenzjali li jistgħu jinħolqu wara li l-att li għalih issir referenza jiġi emendat jew imħassar.

Referenzi dinamiċi

16.11. Referenza hija dinamika jekk id-dispożizzjoni ċitata tittieħed dejjem bħala dik emendata.

16.12. Ir-referenzi fit-termini ta' promulgazzjoni ta' atti tal-liġi tal-Unjoni ġeneralment ikunu referenzi dinamiċi.

Jekk l-att ċitat jiġi emendat, għandu jinftiehem li r-referenza hija għall-att kif emendat. Jekk l-att jiġi sostitwit, għandu jinftiehem li r-referenza hija għall-att il-ġdid. Jekk l-att jitħassar u ma jiġix sostitwit, kwalunkwe lacunae tkun trid timtela permezz tal-interpretazzjoni. Meta l-atti jiġu riformulati jew kodifikati u fil-proċess l-artikoli jiġu numerati mill-ġdid, jeħtieġ li ssir tabella ta' korrelazzjoni li turi t-tibdil li jkun sar, u li tiġi annessa mat-test kodifikat jew riformulat.

16.13. Madankollu, hu importanti li wieħed ikun konxju li referenzi dinamiċi jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fl-interpretazzjoni tal-att ġuridiku kkonċernat, fis-sens li l-kontenut tad-dispożizzjoni li tagħmel ir-referenza ma jkunx predeterminat, iżda jkun ivarja skont l-emendi sussegwenti tad-dispożizzjoni li ssir referenza għaliha.

Referenzi statiċi

16.14. Referenza statika tirreferi għal test speċifiku bil-kontenut tiegħu f'data speċifika, billi jingħata t-titolu tal-att u s-sors, u fejn xieraq, jiġi indikat l-att emendatorju.

> <u>Eżempju:</u>
>
> "L-Artikoli XX tar-Regolament ...(*) kif emendati bir-Regolament ...(**)."
>
> "1. Għall-iskopijiet tal-baġit u tar-riżorsi proprji ... is-sistema Ewropea ta' kontijiet ekonomiċi integrati fis-seħħ fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom u l-atti legali relatati magħha, [b'mod partikolari r-Regolamenti (KEE, Euratom) Nru 1552/89 u (KEE, Euratom) Nru 1553/89 u d-Deċiżjonijiet 94/728/KE, Euratom u 94/729/KE] għandha tkun it-tieni edizzjoni SEK, sakemm id-Deċiżjoni 94/728/KE tibqa' fis-seħħ.
>
> 2. Għall-iskopijiet tar-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni permezz tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 3605/93, is-sistema Ewropea tal-kontijiet ekonomiċi integrati għandha tkun it-tieni edizzjoni SEK sar-rapporti tal-1 ta' Settembru 1999."

16.15. Fejn id-dispożizzjoni li ssir referenza għaliha f'referenza statika tiġi emendata jew titħassar, id-dispożizzjoni li tagħmel referenza għaliha għandha tiġi emendata wkoll kif meħtieġ.

16.16. Ir-referenzi għall-atti legali tal-Unjoni huma referenzi dinamiċi, sakemm ma jingħadx mod ieħor. F'dak li jirrigwarda r-referenzi għal atti legali li mhumiex tal-Unjoni, jiġi rakkomandat li jingħad b'mod espliċitu jekk ir-referenza hix dinamika jew statika.

Adattament ta' referenza

16.17. Jista' jkun meħtieġ li referenza tiġi adattata fejn:

- id-dispożizzjoni li ssir referenza għaliha tkun tħassret u tkun ġiet sostitwita b'test ġdid;
- fil-każ ta' referenza statika, id-dispożizzjoni li ssir referenza għaliha ġiet emendata;
- l-emenda tad-dispożizzjoni li ssir referenza għaliha jkollha riperkussjonijiet mhux intenzjonati fuq id-dispożizzjoni li fiha tkun tinsab ir-referenza.

16.18. Għal adattament ġeneralizzat, tkun biżżejjed klawżola ta' korrelazzjoni sempliċi.

16.18.1. F'ċerti każi, jkun xieraq li ssir tabella ta' korrelazzjoni

| Eżempju: |
|---|
| "Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX." |

16.18.2. Mhux rakkomandat li l-korrelazzjoni mad-dispożizzjoni l-ġdida tkun stabbilita f'forma testwali.

| Eżempju ta' abbozzar li għandu jiġi evitat: |
|---|
| "Fid-dispożizzjonijiet li ġejjin, il-kliem 'l-Artikolu 2(4) u 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 441/69' huwa sostitwit bil-kliem 'l-Artikoli 4(7) u 5(3) tar-Regolament (KEE) Nru 565/80':<br>- ir-Regolament (KEE) Nru 776/78, Artikolu 2(1),<br>-ir-Regolament (KEE) Nru 109/80, Artikolu 1(2)." |

Referenzi ċirkolari

16.19. Referenza ċirkolari hija referenza għal dispożizzjoni oħra li hi nnifsha tirreferi lura għad-dispożizzjoni inizjali li tagħmel referenza għaliha. Referenzi ta' dan it-tip għandhom jiġu evitati.

Referenzi f'serje

16.20. Referenza f'serje hija referenza għal dispożizzjoni oħra li tirreferi għal terza dispożizzjoni, u jibqgħu sejrin hekk. Biex l-atti tal-Unjoni jkunu jinftiehmu faċilment, referenzi ta' dan it-tip għandhom jiġu evitati.

17. REFERENZA MAGĦMULA FIT-TERMINI TA' PROMULGAZZJONI TA' ATT VINKOLANTI GĦAL ATT MHUX VINKOLANTI M'GĦANDUX IKOLLHA L-EFFETT LI TIRRENDI LIL DAN TAL-AĦĦAR VINKOLANTI. FEJN IL-LEĠIŻLATUR IKUN JIXTIEQJAGĦMEL VINKOLANTI L-KONTENUT KOLLU TAL-ATT MHUX VINKOLANTI, JEW PARTI MINNU, IT-TEST TIEGĦU GĦANDU SA FEJN IKUN POSSIBBLI JIĠI RIPRODOTT FL-ATT VINKOLANTI.

17.1. L-ewwel sentenza ta' din il-Linja gwida hija sempliċiment dikjarazzjoni ta' fatt. Pereżempju: Jekk deċiżjoni tiġi adottata b'riżultat ta' riżoluzzjoni, id-deċiżjoni hija l-att vinkolanti u r-riżoluzzjoni tibqa' att politiku, mingħajr forza legali vinkolanti.

17.2. It-tieni sentenza ta' din il-linja gwida tapplika partikolarment għal standards tekniċi, li ħafna drabi jiġu abbozzati minn korpi ta' standardizzazzjoni, jew simili għalihom. Spiss ikun diffiċli li jiġi riprodott att twil u mhux vinkolanti, kollu kemm hu. Dan jgħodd, ngħidu aħna, għad-deskrizzjoni ta' testijiet fil-laboratorji li għandhom jitwettqu. F'każijiet bħal dawn, issir biss referenza għall-att ikkonċernat.

<u>Eżempju:</u>

"Il-kontenuti tal-qatran, tan-nikotina u tal-monossidu tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 3(1), (2) u (3), li għandhom ikunu indikati fuq il-pakketti tas-sigaretti, għandhom jitkejlu fuq il-bażi tal-metodi ISO 4387 għall-qatran, ISO 10315 għan-nikotina, u ISO 8454 għall-monossidu tal-karbonju.

Il-preċiżjoni tal-indikazzjonijiet fuq il-pakketti għandha tkun verifikata skont l-istandard ISO 8243."

ISO standard 8243."

Huwa ċar mill-kuntest li l-intenzjoni kienet li l-istandard imsemmi jkun obbligatorju.

17.3. Huwa possibbli li r-referenza tiġi ffriżata għall-verżjoni tad-dispożizzjoni fis-seħħ fil-mument meta l-att vinkolanti jiġi adottat billi jiġi indikat in-numru u d-data (jew is-sena) tal-att mhux vinkolanti li ssir ir-referenza għalih, jew permezz ta' formulazzjonijiet bħal "fil-verżjoni ta' ..." (ara wkoll il-Linja gwida 16, "referenzi statiċi, referenzi dinamiċi").

17.4. Madankollu, biex jinżamm kontroll fuq it-test tal-att ikkonċernat li mhux vinkolanti, ikun tajjeb li jiġi riprodott. Fejn l-att mhux vinkolanti ma jiġix riprodott kollu kemm hu, ħafna drabi xorta jkun utli li tinżamm l-istruttura, b'ċerti punti jew siltiet li jitħallew barra, u jekk ikun hemm bżonn tingħata spjegazzjoni f'nota ta' qiegħ il-paġna. Bl-istess mod, jekk ikun meħtieġ li jiddaħħlu xi punti jew annessi li ma kinux jeżistu fl-att riprodott, dawn għandhom ikunu numerati "1a", "1b", eċċ. Jekk jiddaħħal punt jew anness qabel il-Punt 1 jew l-Anness I, dan għandu jkun il-Punt -I jew l-Anness -I.

<u>Eżempju:</u>

"3a APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE (1)

Ċertifikat li jkun konformi ma' dak li jidher fl-Anness X għandu jkun mehmuż maċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE

4. SIMBOLU TAL-KOEFFIĊJENTTA' ASSORBIMENT IKKOREĠUT

(4.1.)

(4.2.)

(4.3.)

4.4. Ma' kull vettura li tkun konformi ma' tip ta' vettura approvata skont din id-Direttiva għandu jitwaħħal, b'mod li jidher ċar u f'post li jintlaħaq faċilment ...

_________________

(1) It-test tal-Annessi huwa simili għal dak tar-Regolament Nru 24 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti; b'mod partikolari, fejn punt fir-Regolament Nru 24 m'għandux punt korrispondenti f'din id-Direttiva, in-numru tiegħu huwa indikat fil-parentesi biex jitfakkar."

18. B'KULL EMENDA TA' ATT GĦANDHA TKUN ESPRESSA y B'MOD CAR. L-EMENDI GĦANDHOM JIEĦDU L-FORMA TA' TEST LI GĦANDU JIDDAĦĦAL FL-ATT LI JKUN SE JIĠI EMENDAT. GĦANDHA TINGĦATA PREFERENZA LIS-SOSTITUZZJONI TA' DISPOŻIZZJONIJIET SĦAĦ (ARTIKOLI JEW SUDDIVIŻJONIJIET TA' ARTIKOLI) AKTAR MILLI JIDDAĦĦLU JEW JITĦASSRU SENTENZI, FRAŻIJIET JEW KLIEM INDIVIDWALI.

ATT EMENDATORJU M'GĦANDUX JINKLUDI DISPOŻIZZJONIJIET SOSTANTIVI AWTONOMI LI MA JKUNUX IMDAĦĦLA FL-ATT LI JKUN SE JIĠI EMENDAT.

Prinċipju ta' emenda formali

18.1. Emenda parzjali ta' att normalment issir b'emenda formali, jiġifieri emenda testwali tal-att innifsu[16]. Għalhekk, it-test tal-emenda għandu jiddaħħal fit-test li jkun se jiġi emendat.

| |
|---|
| <u>Eżempju:</u><br><br>"Artikolu 1<br><br>Ir-Regolament ... huwa emendat kif ġej:<br><br>(1) L-Artikolu 13(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:<br><br>'1. L-informazzjoni statistika meħtieġa mis-sistema Intrasat ...';<br><br>(2) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:<br><br>(a) fil-paragrafu 1, jitħassru l-punti (f) u (g).<br><br>(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:<br><br>'2. L-Istati Membri jistgħu jippreskrivu li ...'<br><br>(c) għandu jiddaħħal il-paragrafu [2a]* li ġej:<br><br>'2a. Fil-każ ta' fornituri ta informazzjoni statistika ...<br><br>(d) għandu jiżdied il-paragrafu [4]* li ġej:<br><br>'4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-pubblikazzjoni Uffiċjali ...'."<br><br>* Ara l-kumment fil-punt 18.13.5. |

[16] Id-derogi huma eċċezzjoni għal din ir-regola: ara l-punt 18.14.

18.2. L-Artikoli, il-paragrafi jew il-punti m'għandhomx jiġu numerati mill-ġdid minħabba l-possibbiltà ta' problemi ta' referenzi f'atti oħrajn. Bl-istess mod, il-vojt li jitħalla minħabba t-tħassir ta' artikoli jew partijiet numerati oħra tat-test m'għandux sussegwentement jimtela b'dispożizzjonijiet oħrajn, ħlief meta l-kontenut ikun identiku għat-test imħassar preċedentement.

M'għandux ikun hemm dispożizzjonijiet sostantivi awtonomi

18.3. L-att emendatorju m'għandux jinkludi dispożizzjonijiet sostantivi ġodda li jkunu awtonomi fir-rigward tal-att li jiġi emendat. Peress li l-uniku effett legali tal-att il-ġdid huwa li jemenda l-qadim, l-effetti tiegħu jispiċċaw hekk kif jidħol fis-seħħ. Jibqa' jeżisti biss l-att bażiku kif emendat li jirregola l-kwistjoni kollha.

18.4. Dan l-approċċ jissimplifika l-kodifikazzjoni tat-testi ġuridiċi b'mod konsiderevoli għaliex il-preżenza ta' dispożizzjonijiet awtonomi fit¬test tad-dispożizzjonijiet li jemendaw twassal għal sitwazzjoni legali kkumplikata.

M'għandhomx isiru emendi ta' atti emendatorji

18.5. Peress li att emendatorju m'għandux jinkludi dispożizzjonijiet sostantivi awtonomi u l-effetti tiegħu jispiċċaw meta jemenda atti oħrajn, l-atti emendatorji m'għandhomx jiġu emendati. Jekk ikun jeħtieġ li jsiru iktar emendi, l-att bażiku li jkun ġie emendat ikun irid jerġa' jiġi emendat.

> <u>Eżempju:</u>
>
> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/424/PESK tat-28 ta' Ġunju 1999 li temenda d-Deċiżjoni 1999/357/PESK li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 1999/318/ PESK dwar miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja hija Deċiżjoni li temenda Deċiżjoni oħra (1999/357/PESK), li min-naħa tagħha, temenda deċiżjoni oħra (1999/319/PESK).
>
> It-titolu tad-Deċiżjoni 1999/424/PESK għandu jkun diġa indika li d-Deċiżjoni 1999/357/PESK kienet emendat id-Deċiżjon i 1999/319/PESK. Jinqalgħu wkoll problemi rigward it-termini ta' promulgazzjoni tad-Deċiżjoni 1999/424/PESK. Kien ikun aktar xieraq li tiġi emendata d-Deċiżjoni 1999/319/PESK direttament.

In-natura tal-att emendatorju

18.6. B'mod ġenerali, ikun preferibbli li l-att emendatorju jkun tal-istess tip bħall-att emendat. B'mod partikolari, mhux rakkomandat li Regolament jiġi emendat b'Direttiva.

18.6.1. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni primarja jħallu l-għażla tat-tip ta' att għall-istituzzjonijiet billi jagħtuhom is-setgħa li jadottaw “miżuri’’ jew billi jsemmu espressament diversi tipi ta' atti possibbli.

18.6.2. Barra minn hekk, l-att li jkun qiegħed jiġi emendat jista' jkun ippreskriva li l-emendi għandhom isiru b'tip ta' att ieħor.

Emendi tal-annessi

18.7. L-emendi ta' annessi li jkun fihom siltiet tekniċi normalment isiru fl-anness għall-att emendatorju. Wieħed jista' ma jsegwix din ir¬regola biss fejn l-emenda tkun minima.

<u>Eżempju:</u>

"L-Annessi II, IV u VI għar-Regolament ... huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament."

F'dan il-każ, l-emendi fl-anness għandhom jinkludu l-formuli ta' introduzzjoni lijidentifikawb'mod ċar il-kamp ta'applikazzjoni tal-emendi:

"ANNESS

L-Annessi II, IV u VI huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, il-punt 2.2.5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2.2.5 ...'."

Madankollu, emenda sempliċi tista' ssir direttament fit-termini ta' promulgazzjoni tal-att:

<u>Eżempju</u>:

"*Artikolu...*

Ir-Regolament ... qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) ...;

(2) It-titolu tal-Annes I huwa sostitwit bit-titolu li ġej '...'"

Aġġornament tar-referenzi

18.8. Jekk l-emenda ser issir għal dispożizzjoni msemmija f'referenza, għandhom jitqiesu l-konsegwenzi għad-dispożizzjoni fejn issir ir¬referenza. Jekk ikun hemm l-intenzjoni li r-referenza tkun għad-dispożizzjoni kif emendata, m'għandu għalfejn isir xejn fil-każ ta' referenza dinamika. Iżda fil-każ ta' referenza statika, ikun meħtieġ li, bħala konsegwenza, issir emenda.

It-titolu ta’ att emendatorju

18.9. It-titolu ta' att emendatorju għandu jsemmi n-numru tal-att li qiegħed jiġi emendat u jindika t-titolu tal-att jew jispeċifika x'qiegħed jiġi emendat.

> <u>Eżempju:</u>
>
> L-Att li qiegħed jiġi emendai:
>
> "Regolament tal-Kunsill ... ta' ... dwar it-titjib tal-effiċjenza tal-istrutturi agrikoli."
>
> Att emendatorju:
>
> — jew (it-titolu tal-att li se jiġi emendat):
>
> "Ir-Regolament tal-Kunsill ... ta' ... li jemenda r-Regolament .../... dwar it-titjib tal-effiċjenza tal-istrutturi agrikoli."
>
> — jew (indikazzjoni tal-għan tal-emenda):
>
> "Ir-Regolament tal-Kunsill ... ta' ... li jemenda r-Regolament .../... fir-rigward tad-daqs tal-irziezet.".

18.10. Jekk l-att emendatorju jiġi adottat minn istituzzjoni differenti minn dik li tkun adottat l-att li jkun se jiġi emendat, it-titolu għandu jindika l-isem tal-istituzzjoni li tkun adottat l-att li jkun se jiġi emendat (għal iktar informazzjoni, ara l-Punt 16.10.1).

> <u>Eżempju:</u>
>
> "Ir-Regolament tal-Kummissjoni ... li jemenda l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill ... fir-rigward ta' ... "

Abbozzar ta' att emendatorju

18.11. Jeħtieġ li l-premessi ta' att emendatorju jikkonformaw mal-istess rekwiżiti tal-premessi ta' att awtonomu (ara l-Linji gwida 10 u 11). Madankollu, għandhom skop speċjali fis-sens li huma maħsuba biss biex jispjegaw ir-raġunijiet għall-emendi magħmula mill-att emendatorju: għaldaqstant m'hemmx bżonn li jirrepetu r-raġunijiet tal-att li jkun se jiġi emendat.

18.12. Mhix prattika ġuridika tajba li jiġu emendati l-premessi tal-att li jkun se jiġi emendat. Dawk il-premessi, flimkien, jagħtu l-motivazzjonijiet għall-att fiż-żmien li jkun ġie adottat fil-forma oriġinali tiegħu. Il-motivazzjonijiet oriġinali u r-raġunijiet għal emendi suċċessivi jistgħu jiġu kkonsolidati b'mod koerenti permezz ta' kodifikazzjoni jew riformulazzjoni, billi jsiru l-adattazzjonijiet meħtieġa.

18.13. L-emendi jieħdu forma ta' test li jiddaħħal fl-att li jkun se jiġi emendat. L-emendi għandhom jidħlu b'mod preċiż fit-test li jkun se jiġi emendat. B'mod partikolari, għandha tinżamm l-istruttura u t-terminoloġija tat-test li jkun se jiġi emendat.

18.13.1. Għal iktar ċarezza u minħabba l-problemi marbuta mat-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha, huwa aħjar li jiġu sostitwiti unitajiet sħaħ tat-test (artikolu jew suddiviżjoni ta' artikolu) milli jiddaħħlu jew jitħassru sentenzi jew termini, bl-eċċezzjoni tad-dati u taċ-ċifri.

18.13.2. Fejn l-emendi jkunu diversi, għandha tintuża formula ta' introduzzjoni.

| |
|---|
| <u>Eżempju:</u><br><br>"Ir-Regolament ... huwa emendat kif ġej: ..." |

18.13.3. Fejn jiġu emendati bosta dispożizzjonijiet tal-istess att, l-emendi kollha jingħaqdu f'artikolu wieħed, inkluża l-frażi ta' introduzzjoni u l-punti li jsegwu l-ordni numeriku tal-artikoli li jiġu emendati.

> Eżempju:
>
> Ir-Regolament ... huwa emendat kif ġej:
>
> (1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
>
> (a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
>
> "1. ..."
>
> (b) Għandu jiżdied il-paragrafu [5]* li ġej:
>
> "5. ..."
>
> (2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu [7a]* li ġej:
>
> *"Artikoȉu 7a*
>
> *...";*
>
> * Ara l-kumment fil-punt 18.13.5

18.13.4. Jekk att wieħed jemenda diversi atti, l-emendi ta' kull att għandhom ikunu miġbura f'artikolu separat.

18.13.5. Id-diversi tipi ta' emendi (sostituzzjoni, inseriment, addizzjoni, tħassir) isiru b'mod normattiv permezz tal-formuli standard.

> Eżempju:
>
> "L-Artikolu X tar-Regolament ...
>
> huwa sostitwit b'dan li ġej: ..."
>
> "Għandu jiddaħħal l-Artikolu [Xa]* li ġej: ..."
>
> "Fl-Artikolu Y, għandu jiżdied il-paragrafu [X]* ... li ġej: ..."
>
> "Fl-Artikolu Z, għandu jitħassar il-paragrafu 3."
>
> (*) Il-formuli standard jistgħu u jista' ma jkunx fihom in-numru tas-suddiviżjoni li għandha tiddaħħal jew tiżdied. Fil-każ ta' emendi kkumplikati, għandha tiddaħħal l-indikazzjoni tan-numru u, jekk ikun meħtieġ, informazzjoni oħra dwar il-punt preċiż fejn għandu jiddaħħal test ġdid, biex b'hekk ikun iktar faċli li ssir l-analiżi tal-att emendatorju u l-konsolidazzjoni fil-futur.

18.13.6. Peress li għandhom jiġu evitati dispożizzjonijiet sostantivi awtonomi, huwa preferibbli li emendi li jikkonċernaw dati, limiti ta' żmien, eċċezzjonijiet, derogi, estensjonijiet u l-applikazzjoni temporali tal-att, jiddaħħlu fl-att li jiġi emendat.

## Emenda sostantiva

18.14. Kif indikat fil-punt 18.1, fejn ikun ser jiġi emendat att, dan għandu, bħala regola ġenerali, isir b'emenda formali.

18.15. Madankollu, huwa possibbli li għal raġunijiet ta' urġenza jew għal raġunijiet prattiċi u ta' sempliċità, il-leġiżlatur ikun jixtieq jinkludi fl-att dispożizzjonijiet li fil-fatt jikkostitwixxu emendi sostantivi ta' att ieħor. Dawn l-emendi sostantivi jistgħu jikkonċernaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' att ieħor, derogi mill-obbligi tiegħu, eċċezzjonijiet għall-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu, eċċ.

<u>Eżempju:</u>

"B'deroga mill-Artikolu ... tar-Regolament ..., l-applikazzjonijiet jistgħu jsiru wara ..."

8.15.1. Bħala regola ġenerali, u b'mod partikolari għal raġunijiet ta' trasparenza, huwa preferibbli li jiġu evitati emendi sostantivi ta' dan it-tip. F'dawn il-każijiet, l-att bażiku jibqa' mhux mibdul u d-dispożizzjonijiet il-ġodda jidderogaw minnu b'mod li t-test il-qadim, li jibqa' fis-seħħ, jibqa' jeżisti flimkien mat-test il-ġdid, li jiddiżattiva xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu, jibdel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jew iżid magħhom.

18.15.2. Fejn emenda sostantiva ikollha effett limitat ħafna, ikun aċċettabbli li ma ssirx emenda testwali tal-att korrispondenti. Madankollu, jekk l-emendi jkunu importanti, għandu jiġi adottat att emendatorju separat.

19. ATT LI MHUX MAĦSUB PRIMARJAMENT BIEX JEMENDA ATT IEĦOR JISTA' JINKLUDI, FL-AĦĦAR PARTI, EMENDI TA' ATTI OĦRAJN LI JI RRIŻULTAW MILL-BIDLIET LI JINTRODUĊI. FEJN L-EMENDI LI JI RRIŻULTAW HUMA SOSTANZJALI, GĦANDU JIĠI ADOTTAT ATT EMENDATORJU SEPARAT.

19.1. Att li fih dispożizzjonijiet awtonomi jista' b'hekk jibdel il-kuntest legali ta' qasam partikolari b'mod li jkun jeħtieġ li jiġu emendati atti oħrajn li jirregolaw aspetti oħrajn fl-istess qasam. Sakemm l-emenda tibqa' waħda sekondarja għall-kamp ta' applikazzjoni ewlieni tal-att, it-tqegħid tad-dispożizzjonijiet awtonomi u emendatorji fl-istess att ma jaqax taħt il-projbizzjoni stabbilita fil-Linja gwida 18 dwar l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet sostantivi awtonomi f'atti emendatorji.

19.2. Fi kwalunkwe każ, l-emenda għandha tkun waħda testwali skont ir¬regola stabbilita fil-Linja gwida 18.

19.3. Biex l-emenda tkun tidher, għandha tissemma fit-titolu tal-att, billi jitniżżel in-numru ta' referenza sekwenzjali tal-att li għandu jiġi emendat (ara l-punt 8.3).

| |
|---|
| <u>Eżempju:</u><br><br>Id-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE tal-10 ta' Novembru 1992 dwar il-koordinament tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-assigurazzjoni diretta tal-ħajja u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE. |

19.4. Jekk minħabba l-kwantità ta' dispożizzjonijiet li jemendaw, l-essenza tal-att li primarjament ma kienx intenzjonat li jkun att emendatorju, tmur fuq il-kategorija ta' atti emendatorji, l-att għandu jinqasam f'żewġ atti separati, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 18.3 u 18.4.

20. DISPOŻIZZJONIJIET LI JISTABBILIXXU DATI, LIMITI TA' ŻMIEN, EĊĊEZZJONIJIET, DEROGI, ESTENSJONIJIET, DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI (PARTIKOLARMENT DAWK RELATATI MAL-EFFETTI TAL-ATT FUQ SITWAZZJONIJIET EŻISTENTI) U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI (DĦUL FIS-SEĦĦ, SKADENZA GĦAT-TRASPOŻIZZJONI U APPLIKAZZJONI TEMPORALI) GĦANDHOM JIĠU ABBOZZATI F'TERMINI PREĊIŻI.

ID-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR SKADENZI GĦAT-TRASPOŻIZZJONI U L-APPLIKAZZJONI TAL-ATTI GĦANDHOM JISPEĊIFIKAW DATA ESPRESSA BĦALA JUM/XAHAR/SENA. FIL-KAŻ TAD-DIRETTIVI, DAWK L-ISKADENZI GĦANDHOM IKUNU ESPRESSI B'MOD LI JIĠI GARANTIT PERJODU ADEGWAT GĦAT-TRASPOŻIZZJONI.

20.1. F'atti ġuridiċi tal-Unjoni ssir distinzjoni, skont il-karatteristiċi tal-att, bejn id-data tad-dħul fis-seħħ u d-data ta' meta d-dispożizzjonijiet isiru effettivi. Barra minn hekk, id-data tal-applikazzjoni tal-att tista' tkun differenti mid-data tad-dħul fis-seħħ jew mid-data ta' meta d-dispożizzjonijiet isiru effettivi.

A. DĦUL FIS-SEĦĦ

20.2. L-atti ġuridiċi, fit-tifsira tal-Artikolu 289(3) tat-TFUE, jidħlu fis-seħħ fid-data speċifikata fihom jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom (ara Artikolu 297(1), it-tielet subparagrafu, TFUE). Dan japplika wkoll għal ċerti atti mhux ġuridiċi (ara l-Artikolu 297(2), it-tieni subparagrafu, TFUE), jiġifieri dawk adottati f'forma ta' regolamenti, direttivi indirizzati lill-Istati Membri kollha u deċiżjonijiet li ma jispeċifikawx lil min huma indirizzati.

(a) Data tad-dħul fis-seħħ

20.3. Id-dħul fis-seħħ tal-att għandu jkun stabbilit b'data speċifika jew b'data li tista' tiġi ddeterminata b'referenza għad-data tal-pubblikazzjoni.

20.3.1. Id-data tad-dħul fis-seħħ ma tistax tkun qabel dik tal-pubblikazzjoni.

20.3.2. Id-data tad-dħul fis-seħħ m'għandhiex tiġi ddeterminata b'referenza għal data li għandha tiġi stabbilita f'att ieħor.

20.3.3. Id-dħul fis-seħħ ta' att li jifforma l-bażi legali ta' att ieħor ma jistax ikun jiddependi mid-dħul fis-seħħ ta' dak l-att l-ieħor.

20.3.4. L-ebda att ma jista'jidħol fis-seħħ qabel id-data stabbilita għad-dħul fis-seħħ tal-att li jikkostitwixxi l-bażi legali tiegħu.

20.3.5. Id-dħul fis-seħħ ta' att ma jistax ikun jiddependi minn kondizzjoni li trid tiġi ssodisfata u li l-pubbliku ġenerali ma jistax ikollu għarfien tagħha.

(b) Linji gwida biex tiġi ddeterminata d-data tad-dħul fis-seħħ

20.4. Id-dħul fis-seħħ qabel l-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni jista' jkun ġustifikat minn raġunijiet prattiċi u konsiderazzjonijiet ta' urġenza. Din il-ħtieġa tista' tinqala' l-aktar fil-każ ta' regolamenti. Għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin.

20.4.1. Id-dħul fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni għandu jkun ġustifikat b'raġunijiet ta' urġenza. Fi kwalunkwe każ, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li hemm urġenza reali.

20.4.2. Id-dħul fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni għandu jibqa' eċċezzjoni reali u ġġustifikat b'neċessità imperattiva — ngħidu aħna, biex jiġi evitat vojt ġuridiku, jew biex titneħħa spekulazzjoni — marbuta mill-qrib man-natura tal-att (ara l-punt 20.6). Għandu jkun hemm premessa speċifika li tagħti r-raġunijiet xierqa għall-urġenza, ħlief fejn il-prassi ġenerali tkun magħrufa diġà għad-destinatarji interessati (pereżempju, fil-każ ta' regolamenti li jiffissaw id-dazji fuq l-importazzjoni jew ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni).

20.5. Id-data tal-pubblikazzjoni ta' att hija d-data meta l-Ġurnal Uffiċjali li fiha jiġi ppubblikat l-att, ikun verament disponibbli għall-pubbliku fil-lingwi kollha mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

(c) Miżuri urġenti

20.6. Ir-regolamenti ta' kuljum u ta' kull ġimgħa li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-levies tal-importazzjoni (u/jew il-levies addizzjonali f'ċerti setturi agrikoli) u rifużjonijiet applikabbli għall-kummerċ ma' pajjiżi terzi għandhom ikunu adottati fl-iqsar żmien possibbli qabel ma jiġu applikati, b'mod partikolari biex tiġi evitata l-ispekulazzjoni.

20.7. Għaldaqstant, ġie miftiehem li dawn ir-regolamenti perjodiċi għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħhom jew fl-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

B. DATA META D-DISPOŻIZZJONIJIET ISIRU EFFETTIVI

20.8. Id-Direttivi, ħlief dawk indirizzati lill-Istati Membri kollha, u d-deċiżjonijiet li jispeċifikaw lil min huma indirizzati m'għandhomx data tad-dħul fis-seħħ iżda jsiru effettivi fuq notifika lid-destinatarji (l-Artikolu 297(2), it-tielet subparagrafu, TFUE).

C. DATA TAL-APPLIKAZZJONI

(a) Applikazzjoni retroattiva tar-regolamenti

20.9. B'mod eċċezzjonali, u suġġett għar-rekwiżiti li joħorġu mill-prinċipju taċ-ċertezza legali, regolament jista' jkollu effett retroattiv. Mal-Artikolu finali, wara l-paragrafu dwar id-dħul fis-seħħ, jiżdied il-kliem *Għandu japplika minn ...*" f'paragrafu separat.

20.10. Biex att jingħata effett retroattiv, ħafna drabi jintużaw termini bħal *"għall-perjodu minn ... sa ...", "Minn ... sa ..."* (ngħidu aħna, fil-każ ta' regolamenti dwar kwoti tat-tariffi) jew il-kliem "b'effett minn ..." f'Artikolu ieħor, li ma jkunx dak finali.

(b) Applikazzjoni differita tar-regolamenti

20.11. Xi drabi ssir distinzjoni bejn id-dħul fis-seħħ ta' regolament u l-applikazzjoni tal-arranġamenti li dan jintroduċi, li tkun differita. Dan isir, ngħidu aħna, fil-każ ta' regolamenti li jwaqqfu organizzazzjonijiet tas-suq komuni. L-iskop tad-distinzjoni jista' jkun li tippermetti li jitwaqqfu immedjatament l-entitajiet ġodda previsti fir-regolament (pereżempju, kumitati ta' tmexxija) u li b'hekk tippermetti lill-Kummissjoni tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li dwarhom ikunu jridu jiġu kkonsultati dawn l-entitajiet ġodda.

20.12. Fejn ikun meħtieġ li l-applikazzjoni ta' parti minn regolament tiġi differita għal data wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, ir-regolament għandu jispeċifika b'mod ċar id-dispożizzjonijiet ikkonċernati.

| |
|---|
| Eżempju:<br><br>"Artikolu...<br><br>Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'H-Ġurnal UffiqaÍi taÍ-Unjoni Ewropea.<br><br>Dan l-Artikolu ... japplika minn<br><br>Għandhom jiġu evitati formulazzjonijiet bħal dawn li ġejjin, li ma jippermettux li tiġi ddeterminata d-data minn meta d-dispożizzjoni kkonċernata tibda tapplika:<br><br>"Dan l-Artikolu japplika:<br><br>(a) wara li jintlaħaq ftehim bejn l-entitajiet ta' kumpens imwaqqfa jew approvati mill-Istati Membri dwar il-funzjonijiet u l-obbligi tagħhom u l-proċeduri tar-rimborż,<br><br>(b) mid-data ffissata mill-Kummissjoni wara li tkun rat, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, li dan il-ftehim ikun intlaħaq,<br><br>u għandu japplika sakemm jibqa' jgħodd dak il-ftehim." |

(c) Implimentazzjoni tad-direttivi

20.13. Fil-każi kollha fejn id-destinatarji jkollhom bżonn żmien biex jonoraw l-obbligi tagħhom taħt l-att, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa waħda, id-data tad-dħul fis-seħħ jew meta jingħata effett, u min-naħa l-oħra, id-data tal-applikazzjoni. Dan jgħodd b'mod partikolari għad-direttivi. Id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni jingħataw f'Artikolu qabel dak li jikkonċerna d-dħul fis-seħħ jew, fejn xieraq, id-destinatarji.

| |
|---|
| Eżempju:<br><br>"L-Istati Membri [għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji] [għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-Regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji] biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ... Huma għandhom jgħaddu t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih." |

20.14. B'mod partikolari fil-każ ta' direttivi maħsuba biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni u tas-servizzi, biex jiġi evitat li jinħolqu ostakli ġodda minħabba d-differenzi fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri sa l-aħħar tal-perjodu previst għat-traspożizzjoni, ikun tajjeb li tiġi speċifikata data li minnha għandhom jibdew japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

> Eżempju:
>
> "L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, qabel ... id-dispożizzjonijiet neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinnotifikawhom minnufih lill-Kummissjoni.
>
> Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn ..."

D. TMIEM TAL-PERJODU TA' APPLIKAZZJONI JEW VALIDITÀ

20.15. Fid-dispożizzjonijiet finali, jista' jkun hemm Artikolu li jispeċifika meta att jieqaf japplika jew ma jibqax validu.

E. IMPLIMENTAZZJONI TA' ATTI MHUX VINKOLANTI

20.16. Atti li m'għandhomx forza vinkolanti, bħar-rakkomandazzjonijiet, ma jkollhomx data ta' meta jieħdu effett jew ta' applikazzjoni; id-destinatarji jistgħu jintalbu jrenduhom effettivi f'data partikolari.

F. REGOLI LI JIRRIGWARDAW IL-KALKOLU TAL-PERJODI

(a) Indikazzjoni tal-bidu tal-perjodi

20.17. Ħlief fejn indikat mod ieħor, perjodu jibda f'00.00 fid-data indikata[17]. L-espressjonijiet l-aktar użati biex jindikaw il-bidu ta' perjodu huma:

– minn ... (sa) ...

– b'effett minn ...

– għandu jkun effettiv fi ...

– għandu jkun effettiv minn ...

għandu jidħol fis-seħħ fi

(b) Indikazzjoni tat-tmiem tal-perjodi

20.18. Ħlief fejn indikat mod ieħor, perjodu jintemm f'nofs il-lejl tad-data speċifikata. L-espressjonijiet l-aktar użati biex jindikaw it-tmiem ta' perjodu huma:

– sa ...

– għandu japplika sad-dħul fis-seħħ ta' ..., jew ..., skont liema data minnhom tiġi l-ewwel

– mhux aktar tard minn ...

– (minn ...) sa ...

– għandu jiskadi fi ...

– għandu jieqaf japplika fi ....

[17] Ara r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u skadenzi (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1971/1182/oj).

21. ATTI U DISPOŻIZZJONIJIET SKADUTI GĦANDHOM JITĦASSRU ESPRESSAMENT. L-ADOZZJONI TA’ ATT ĠDID GĦANDHA TWASSAL SABIEX JITĦASSRU B’MOD ESPRESS KULL ATT JEW DISPOŻIZZJONI LI MINĦABBA L-ATT IL-ĠDID MA JIBQGĦUX APPLIKABBLI JEW ISIRU ŻEJDA.

21.1. Fejn, fl-adozzjoni ta' att, l-awturjikkunsidra li atti jew dispożizzjonijiet preċedenti m'għandhomx jibqgħu jiġu applikati għax ikunu skadew, dawk l-atti jew dispożizzjonijiet għandom jitħassru espressament permezz tal-att, biex ikun hemm iktar ċertezza legali. Att jista' jkun skadut mhux biss għax ikun direttament inkompatibbli mar-regoli l-ġodda, iżda wkoll, pereżempju, b'riżultat ta' estensjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli. Min-naħa l-oħra, mhux meħtieġ li att jitħassar jekk il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu, li jkun speċifikat fih, ikun għadda.

21.2. It-tħassir espress ta' dispożizzjonijiet ta' atti preċedenti jimplika li ma tħassret l-ebda dispożizzjoni oħra, u għalhekk jitnaqqas ir-riskju ta' inċertezza dwar jekk jibqgħux japplikaw ir-regoli li kienu japplikaw qabel.

22. ASPETTI TEKNIĊITAL-ATT GHANDHOM JINĠABRU FL-ANNESSI, Lí GĦANDHA SSIR REFERENZA INDIVIDWALI GĦALIHOM FIT-TERMINI TA’ PROMULGAZZJONI TAL-ATT U LI M’GĦANDHOMX JINKLUDU DRITTIJIET JEW OBBLIGI ĠODDA MHUX IMSEMMIJA FIT-TERMINI TA’ PROMULGAZZJONI.

ANNESSI GĦANDHOM JIĠU ABBOZZATI SKONT FORMAT STANDARDIZZAT.

A Annessi fis-sens strett tal-kelma

22.1. L-Annessi fis-sens strett tal-kelma jintużaw bħala mezz biex jiġi ppreżentat materjal b'mod separat mit-test tat-termini ta' promulgazzjoni minħabba li dan ikun voluminuż jew tekniku jew it-tnejn. Eżempji ta' materjal bħal dan jistgħu jkunu regoli li għandhom ikunu applikati minn uffiċjali tad-dwana, tobba jew veterinarji (bħal tekniki ta' analiżi kimika, metodi ta' teħid ta' kampjuni, u formuli li għandhom jintużaw), listi ta' prodotti, tabelli b'ċifri, pjanti u tpinġijiet eċċ.

22.2. Fejn ikun hemm ostakli prattiċi biex regoli tekniċi jew data jiġu inkorporati fit-termini ta' promulgazzjoni attwali, il-prassi rakkomandata hija li dawn jitqiegħdu f'anness. Għandu dejjem ikun hemm referenza ċara fil-parti xierqa tat-termini ta' promulgazzjoni biex torbot dawk id-dispożizzjonijiet mal-Anness (permezz ta' frażijiet bħal “elenkati fl-Anness’’ jew “stabbiliti fl-Anness I”).

22.3. Anness ta' dan it-tip huwa, min-natura tiegħu stess, parti integrali mill-att, u b'hekk m'hemm l-ebda ħtieġa li dan jiġi ddikjarat fid-dispożizzjoni li tirreferi għall-anness.

22.4. Il-kelma "ANNESS" għandha tidher fil-bidu tal-Anness, u ħafna drabi ma jkunx hemm bżonn ta' intestaturi oħrajn. Jekk hemm aktar minn anness wieħed, dawn għandhom ikunu numerati b'numri rumani (I, II, III, eċċ.).

22.5. Għalkemm m'hemmx regoli speċifiċi li jirregolaw il-preżentazzjoni tal-Annessi, dawn xorta waħda għandu jkollhom struttura uniformi u jinqasmu b'mod li l-kontenut ikun kemm jista' jkun ċar, minkejja n-natura teknika tiegħu. Tista' tintuża kwalunkwe sistema xierqa ta' numerazzjoni jew suddiviżjoni.

(B) Atti ġuridiċi mehmuża ma' atti oħrajn

22.6. Ma' att jistgħu jiġu mehmuża (mhux "annessi") atti ġuridiċi oħrajn li kienu jeżistu qablu u li jkunu ġeneralment approvati minnu. Eżempji ta' atti li jistgħu jiġu mehmuża b'dan il-mod huma regoli ta' korpi subordinati u ftehimiet internazzjonali.

22.6.1. Atti mehmuża ta' dan it-tip, partikolarment il-ftehimiet internazzjonali, jistgħu jkunu jinkludu Annessi.

22.6.2. Atti ta' dan it-tip ma jindikawx il-kelma "ANNESS" fil-bidu.

# ANNESS II

## Struttura ġenerali ta' att

## suġġett għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja

**[REGOLAMENT/DIRETTIVA/DEĊIŻJONI] [(UE)/(UE, Euratom)] [SSSS]/[N]**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**[fi]…**

**[(kodifikazzjoni)]**

**[(riformulazzjoni)]**

**[(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)]**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu/Artikoli … tiegħu,

[Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu/i … tiegħu,]

[Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,]

[Wara li kkunsidraw l-inizjattiva ta' … (ismijiet ta' Stati Membri),]

[Wara li kkunsidraw it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja,]

[Wara li kkunsidraw ir-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,]

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

[Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,]

[Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja,]

[Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,]

[Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,]

[Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,]

[Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fi ……],

Billi:

(1) ….

(2) ….

(…) …,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT: [REGOLAMENT/DIRETTIVA/DEĊIŻJONI]:

*Artikolu 1*

...

*Artikolu 2*

...

Magħmul fi …, …

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President*<br>... | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President*<br>... |

*[ANNESS]*